Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 5 ta' Marzu 2026**
**(OR. en)**

**7009/26**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2026/0068 (COD)**

**COMPET 278**
**IND 165**
**MI 215**
**MAP 74**
**FDI 7**
**TRANS 124**
**CLIMA 113**
**ENV 200**
**ENER 108**
**ECOFIN 291**
**UD 52**
**POLCOM 84**
**CODEC 395**

**NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 5 ta' Marzu 2026 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2026) 100 final |
| Suġġett: | Proposta għal<br>REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL<br>li jistabbilixxi qafas ta’ miżuri għall-aċċellerazzjoni tal-kapaċità industrijali u għad-dekarbonizzazzjoni f’setturi strateġiċi u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/1724, (UE) 2024/1735 u (UE) 2024/3110 |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 100 final.

---

Mehmuż: COM(2026) 100 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 4.3.2026
COM(2026) 100 final

2026/0068 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jistabbilixxi qafas ta' miżuri għall-aċċellerazzjoni tal-kapaċità industrijali u għad-dekarbonizzazzjoni f'setturi strateġiċi u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/1724, (UE) 2024/1735 u (UE) 2024/3110**

{SEC(2026) 70 final} - {SWD(2026) 70 final} - {SWD(2026) 71 final} - {SWD(2026) 72 final}

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MT MT

# MEMORANDUM TA’ SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### • Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Dan il-memorandum ta’ spjegazzjoni jakkumpanja l-proposta għal Regolament li jistabbilixxi qafas ta’ miżuri għall-aċċellerazzjoni tal-kapaċità industrijali u għad-dekarbonizzazzjoni f’setturi strateġiċi: l-“Att għall-Aċċellerazzjoni Industrijali”.

Fix-xenarju ġeopolitiku tal-lum, l-użu frekwenti u mmirat tal-għodod ekonomiċi biex jiġu avvanzati l-objettivi strateġiċi joħloq theddida serja għar-reżiljenza, għall-kompetittività, għas-sigurtà ekonomika u għall-awtonomija strateġika tal-Unjoni. Kif enfasizzat fir-rapport Draghi dwar il-Kompetittività Ewropea, l-użu tad-dipendenzi tal-UE fuq sħab kummerċjali f’setturi strateġiċi bħala arma jpoġġi f’riskju s-sigurtà, il-kompetittività u l-ekonomija tal-UE[1]. Il-kapaċità tal-Unjoni li twieġeb u tnaqqas id-dipendenzi fuq pajjiżi terzi tinsab fis-saħħa tal-bażi industrijali, tal-kapaċità tal-innovazzjoni u tal-integrità tas-Suq Uniku tagħha.

It-tranżizzjoni għal ekonomija nadifa u diġitali tippreżenta opportunità kbira biex tissaħħaħ il-bażi industrijali tal-UE, kif deskritt, fost l-oħrajn, fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Patt għal Industrija Nadifa[2]. Il-kompetizzjoni globali, il-bidla teknoloġika rapida, l-iżvantaġġi strutturali fil-kostijiet, id-distorsjonijiet inġusti fis-suq globali bħall-użu dejjem akbar ta’ sussidji barranin biex jinħoloq vantaġġ kompetittiv, u l-użu tad-dipendenzi ekonomiċi bħala arma qed jagħtu sura ġdida lill-ktajjen tal-valur globali. Fl-istess ħin, it-tensjonijiet ġeopolitiċi li qed jiżdiedu qed jintensifikaw il-vulnerabbiltajiet eżistenti u qed joħolqu oħrajn ġodda. F’dan l-isfond, l-UE trid taġixxi b’mod strateġiku biex tiżgura u tkompli ssaħħaħ ir-reżiljenza u l-bażi industrijali tagħha, il-kompetittività fit-tul u tiżgura li t-tranżizzjoni klimatika ssir mutur tat-tkabbir industrijali.

Is-settur tal-manifattura huwa essenzjali għas-salvagwardja u għat-tisħiħ tar-reżiljenza ekonomika fit-tul tal-UE u biex jintlaħaq l-għan tagħha tan-newtralità klimatika. Fl-2024, dan kien jirrappreżenta 18,3 % tal-impjiegi fl-ekonomija tan-negozju tal-UE[3] u 14,3 % tal-PDG totali tal-UE,[4] filwaqt li jiġġenera 26,2 % tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-UE[5]. Minkejja l-importanza ekonomika kontinwa tiegħu, is-sehem tas-settur mill-PDG naqas matul l-aħħar deċennji minn 17,4 % fl-2000 għal-livell kurrenti tiegħu ta’ 14,3 %[6]. Din ir-rigressjoni ma hijiex biss realtà ekonomika, iżda sinjal ta’ twissija strateġika b’impatti potenzjalment strutturali għall-prosperità u għall-koeżjoni soċjali tal-UE. Fl-istess ħin, is-settur tal-manifattura qed jiffaċċja dejjem aktar sfidi, bħal prezzijiet għoljin tal-enerġija, kapaċitajiet globali żejda, kostijiet kapitali u operazzjonali għoljin għad-dekarbonizzazzjoni u l-

[1] Il-Komunikazzjoni Konġunta, Insaħħu s-sigurtà ekonomika tal-UE, JOIN(2025) 977 final.

[2] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Il-Patt għal Industrija Nadifa: Pjan direzzjonali konġunt għall-kompetittività u d-dekarbonizzazzjoni (COM/2025/85 final, 26.2.2025).

[3] Il-Eurostat, [Enterprises by detailed NACE Rev. 2 activity and special aggregates [sbs_ovw_act__custom_20259000]], aġġornat l-aħħar fit-8 ta’ Diċembru 2025, DOI: 10.2908/sbs_ovw_act.

[4] Il-Eurostat, [Gross value added and income by main industry (NACE Rev.2 ) [nama_10_a10__custom_20259318]], aġġornat l-aħħar fl-20 ta’ Frar 2026, DOI: 10.2908/nama_10_a10.

[5] Il-Eurostat, [Air emissions accounts by NACE Rev. 2 activity [env_ac_ainah_r2__custom_20259376]], aġġornat l-aħħar fit-28 ta’ Novembru 2025, DOI: 10.2908/env_ac_ainah_r2.

[6] Il-Eurostat, [Gross value added and income by main industry (NACE Rev.2 ) [nama_10_a10__custom_20259318]], aġġornat l-aħħar fl-20 ta’ Frar 2026, DOI: 10.2908/nama_10_a10.

implimentazzjoni ta' teknoloġija ġdida, investiment baxx meta mqabbel ma' reġjuni oħra, kif ukoll ostakli regolatorji[7].

Huwa għalhekk li l-Att għall-Aċċellerazzjoni Industrijali għandu l-għan li jiżgura li **sal-2035, din ix-xejra titreġġa' lura u li l-manifattura tirrappreżenta 20 % tal-PDG tal-UE.** Dan se jagħmlu billi jaċċellera l-ħruġ tal-permessi għall-proġetti kollha tal-manifattura, u billi jipprovdi sett ta' għodod biex jipprovdi aċċess għas-suq uniku Ewropew b'mod li jipprevjeni d-dipendenzi strateġiċi, joħloq impjiegi fil-manifattura, jagħti spinta lid-dekarbonizzazzjoni u lill-prestazzjoni klimatika u jiżgura l-aċċess taċ-ċittadini u tal-kumpaniji Ewropej għal komoditajiet u għal prodotti vitali f'kull ħin.

Il-kisba tal-awtonomija strateġika tal-UE filwaqt li tinżamm il-kompetittività industrijali u, fl-istess ħin, id-dekarbonizzazzjoni teħtieġ argument għall-vijabbiltà b'saħħtu. F'dak il-kuntest, it-tisħiħ tal-kompetittività ta' ċerti setturi u teknoloġiji strateġiċi, b'mod partikolari teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti kif ukoll industriji intensivi fl-enerġija, u l-katina tal-provvista awtomobilistika, huwa essenzjali għar-reżiljenza tal-UE, għall-awtonomija strateġika u għall-objettivi klimatiċi. In-nuqqas li jiġu żgurati u ddiversifikati l-ktajjen tal-provvista kruċjali joħloq riskji ekonomiċi u tas-soċjetà sinifikanti, li jwasslu għal tfixkil potenzjali tal-ordni pubbliku fl-Unjoni. It-tnaqqis tal-vulnerabbiltajiet esterni jista' jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-ekonomija tagħna, għat-tisħiħ tal-investimenti u għall-appoġġ tal-argument għall-vijabbiltà għall-proċess ta' trasformazzjoni industrijali profonda li għaddej bħalissa.

Is-setturi koperti mill-Att għall-Aċċellerazzjoni Industrijali — b'mod partikolari l-industriji intensivi fl-enerġija, il-manifattura ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, u l-industrija awtomobilistika — jirrappreżentaw sehem limitat tal-output tal-manifattura tal-UE iżda għandhom rwol strateġiku sproporzjonat. **Flimkien, is-setturi strateġiċi fil-mira tal-Att għall-Aċċellerazzjoni Industrijali jirrappreżentaw madwar 15 % tal-produzzjoni tal-manifattura tal-UE**. Għalhekk, aktar milli fid-daqs aggregat tagħhom l-importanza tagħhom tinsab fir-rwol ċentrali tagħhom bħala fornituri upstream u faċilitaturi ta' ekosistemi industrijali downstream, inklużi l-kostruzzjoni, il-mobbiltà, l-enerġija kif ukoll l-ispazju u d-difiża.

Il-progress imdewwem jew insuffiċjenti fl-azzjoni klimatika jista' jżid l-impatti ekonomiċi u soċjali tat-tibdil fil-klima, b'implikazzjonijiet għall-istabbiltà soċjali. Hija meħtieġa azzjoni speċjalment fis-setturi li ġejjin:

**L-industriji intensivi fl-enerġija** (EIIs, Energy-Intensive Industries) huma pilastru ewlieni tal-prosperità Ewropea u pedament tal-bażi industrijali tal-kontinent, li jirfdu l-biċċa l-kbira tal-ekosistemi industrijali. Madankollu, il-volumi tal-produzzjoni fl-EIIs naqsu sostanzjalment mill-2021, meta mqabbla ma' setturi oħra tal-manifattura[8]. Id-differenzi fil-kostijiet ma' reġjuni oħra tad-dinja twessgħu u l-ishma tal-importazzjoni żdiedu, b'mod partikolari għall-metalli bażiċi u għas-sustanzi kimiċi[9]. Ir-rati tal-użu tal-kapaċità għadhom f'livelli baxxi b'mod mhux sostenibbli[10]. Id-dekarbonizzazzjoni ta' dawn l-industriji teħtieġ investimenti sostanzjali[11], iżda l-pass tad-dekarbonizzazzjoni ma huwiex mgħaġġel biżżejjed biex jintlaħqu

---

7 Draghi, M. (2024). The future of European competitiveness – In-depth analysis and recommendations (Part B).

8 L-analiżi interna tal-Kummissjoni Ewropea, ara r-rapport tal-Valutazzjoni tal-Impatt.

9 Id-Dokumenti ta' Ħidma tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD, Organisation for Economic Co-operation and Development), A comprehensive overview of the Energy Intensive Industries ecosystem, 2025/09.

10 Il-Pjan ta' Azzjoni Ewropew għall-Azzar u l-Metalli, COM(2025) 125 final, id-19 ta' Marzu 2025.

11 Huma meħtieġa madwar EUR 500 biljun sal-2040 għall-industriji tas-sustanzi kimiċi, tal-metalli bażiċi, tal-minerali mhux metalliċi u tal-polpa u tal-karta – Draghi, M. (2024). The future of European competitiveness – In-depth analysis and recommendations (Part B), p. 99 u d-Dokument ta' Ħidma tal-

l-objettivi klimatiċi tal-UE. Għalkemm tħabbru ħafna proġetti ta' dekarbonizzazzjoni u xi wħud għadhom ġejjin, sa mill-2023 aktar minn nofs il-proġetti għadhom ma ġewx implimentati[12]. L-immodernizzar ta' dawn is-setturi huwa fundamentali mhux biss biex jintlaħqu l-objettivi klimatiċi tagħna, iżda wkoll għall-kapaċità tal-Ewropa li tiffissa l-ktajjen tal-valur industrijali u tipprovdi impjiegi ta' kwalità għolja. Fost l-industriji intensivi fl-enerġija, l-azzar u s-siment huma l-akbar emittenti, filwaqt li l-industrija tas-sustanzi kimiċi hija t-tielet l-akbar kontributur għall-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-UE. L-aluminju huwa elettrointensiv ħafna wkoll u huwa rikonoxxut bħala materja prima strateġika, bid-domanda li hija mistennija tiżdied bi 33 % sal-2050. Fl-istess ħin, dawn l-industriji tilfu sehem sinifikanti mis-suq tal-UE f'dan l-aħħar deċennju. Fid-dawl tal-intensità għolja tal-emissjonijiet u tar-rwol strateġiku tagħhom għat-tranżizzjoni nadifa u diġitali, dawn is-setturi huma meqjusa bħala prijorità biex jiġu stabbiliti miżuri min-naħa tad-domanda. Dawn huma kkaratterizzati wkoll minn impatt limitat fuq il-kostijiet fuq l-industriji downstream.

**It-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti** jiffaċċjaw sfidi ta' kompetittività u vulnerabbiltajiet sinifikanti fil-katina tal-provvista[13]. Filwaqt li l-varar fl-UE — u fid-dinja — qed jagħmel progress, is-sehem mis-suq globali tal-manifattura tal-UE ta' dawn it-teknoloġiji qed jonqos. Il-produzzjoni hija kkonċentrata ħafna fiċ-Ċina, li tirrappreżenta aktar minn 80 % tal-kapaċità tal-manifattura tal-batteriji u tas-sistemi solari fotovoltajċi, inklużi l-invertituri solari li għandhom funzjoni essenzjali fl-infrastruttura kritika tal-Unjoni. F'teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti oħra, bħal pompi tas-sħana u teknoloġiji ġeotermiċi, il-produzzjoni tal-UE tiddependi ħafna fuq komponenti minn fornituri mhux tal-UE. It-teknoloġiji tal-enerġija mir-riħ qed jesperjenzaw pressjonijiet tal-kost minn importazzjonijiet Ċiniżi bi prezz baxx, filwaqt li t-teknoloġiji tal-qbid tal-karbonju għadhom lura fit-trasport u fil-ħżin tas-CO2. Mingħajr azzjoni deċiżiva, l-UE tirriskja li ssir saħansitra aktar dipendenti fuq teknoloġiji nodfa importati, preċiżament fil-mument meta s-sħab globali jkunu qed jaċċelleraw l-istrateġiji industrijali tagħhom[14] u jużaw il-punti b'saħħithom industrijali tagħhom bħala arma. Fl-istess ħin, it-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti huma sors tas-saħħa industrijali tal-UE u għandhom jingħataw kundizzjonijiet ekwi globali fid-dawl ta' kapaċitajiet żejda sussidjati b'mod inġust minn pajjiżi terzi.

L-industriji downstream jinsabu taħt pressjoni wkoll. Il-kompetittività tal-**industrija awtomobilistika Ewropea** — simbolu tat-tmexxija industrijali tal-Unjoni — naqset b'mod sinifikanti, bil-profittabbiltà medja tal-fornituri awtomobilistiċi Ewropej li naqset minn 7,4 % fl-2017 għal 5 % fl-2023 u bi tnaqqis ta' aktar minn 100 000 impjieg imħabbra fl-2024/25[15]. Stħarriġ reċenti juri li nofs il-fornituri Ewropej tal-komponenti awtomobilistiċi qed jippjanaw li jnaqqsu l-kapaċità tal-produzzjoni fl-UE fis-snin li ġejjin. Dan it-tnaqqis jhedded mijiet ta' eluf ta' impjiegi u l-integrità tal-futur industrijali tal-Ewropa.

F'dan l-isfond, il-proposta tindirizza tliet problemi sekondarji ewlenin:

(1) Il-vulnerabbiltajiet tal-katina tal-provvista f'setturi u f'teknoloġiji strateġiċi. Il-kompetizzjoni globali, mhux dejjem ġusta, u d-dipendenzi internazzjonali tal-katina tal-valur jimminaw il-kapaċità tal-Ewropa li żżid jew li żżomm il-produzzjoni

Persunal tal-Kummissjoni, ir-Rapport tal-Valutazzjoni tal-Impatt, Europe's 2040 climate target and path to climate neutrality by 2050 building a sustainable, just and prosperous society, il-Parti 3, p. 164-167.

12 L-analiżi taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC, Joint Research Centre), ara r-rapport tal-Valutazzjoni tal-Impatt.

13 Ir-Rapport dwar il-Progress dwar il-Kompetittività tat-Teknoloġiji tal-Enerġija Nadifa, COM(2025) 74 final, is-26 ta' Frar 2025.

14 BloombergNEF, New Energy Outlook.

15 European automotive industry: What it takes to regain competitiveness, McKinsey, l-10 ta' Marzu 2025.

f'setturi u f'teknoloġiji strateġiċi. Qasam ta' tħassib huwa n-nuqqas ta' għarfien espert dwar it-teknoloġija u l-għarfien espert dwar il-manifattura fl-UE għal ċerti teknoloġiji ewlenin b'emissjonijiet żero netti u diġitali. Dan it-tħassib huwa aggravat minn approċċ frammentat tal-UE lejn l-investimenti barranin, li ta' spiss ma jiġux mat-trasferiment tat-teknoloġija, mal-ħolqien tax-xogħol u mal-integrazzjoni tal-katina tal-valur fl-UE.

(2) Domanda limitata/Ebda suq pilota għal prodotti industrijali Ewropej b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju. Il-kostijiet għoljin tal-produzzjoni, il-livelli differenti ta' prontezza teknoloġika u n-nuqqas ta' effetti ta' skalar industrijali jillimitaw l-iżvilupp u l-adozzjoni fis-suq ta' prodotti b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju fl-industriji intensivi fl-enerġija, u b'hekk jimminaw jew idewmu l-investimenti fid-dekarbonizzazzjoni. Dan huwa enfasizzat aktar mill-isfidi fid-distinzjoni ta' prodotti industrijali b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju minn ekwivalenti b'livell għoli ta' emissjonijiet ta' karbonju u r-rieda limitata tas-setturi downstream li jħallsu primjum għal livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju.

(3) It-teknoloġiji industrijali ma humiex varati fuq skala. Il-proċeduri twal, frammentati u mhux ċerti tal-ħruġ tal-permessi għal proġetti ta' dekarbonizzazzjoni industrijali, inkluża l-konnessjoni mal-infrastruttura, idewmu l-implimentazzjoni u l-espansjoni ta' teknoloġiji ġodda. Id-dekarbonizzazzjoni tal-proċessi industrijali teħtieġ trasformazzjoni profonda u għalja tal-assi u tal-operazzjonijiet, li tinvolvi investimenti sostanzjali, li jistgħu jiġu ffriżati matul proċessi twal ta' ħruġ tal-permessi. Id-diffikultajiet fit-tnaqqis tar-riskji tal-investiment u fl-aċċess għall-finanzjament jirrappreżentaw konġestjoni kbira.

F'dan ix-xenarju, il-Patt għal Industrija Nadifa ħabbar inizjattiva regolatorja ġdida biex jiġu indirizzati l-ostakli għall-ħruġ tal-permessi, jiġu introdotti kriterji ta' reżiljenza u ta' sostenibbiltà, u jinħolqu swieq pilota għal prodotti u għal teknoloġiji industrijali Ewropej nodfa u reżiljenti.

Din il-proposta twettaq l-impenn politiku meħud mill-President von der Leyen, li fid-diskors dwar l-Istat tal-Unjoni tal-2025 ħabbret l-**Att għall-Aċċellerazzjoni Industrijali (IAA, Industrial Accelerator Act**) biex tingħata spinta lid-domanda għal prodotti nodfa u Magħmula fl-UE f'setturi u f'teknoloġiji strateġiċi. Dan tħabbar ukoll fil-Komunikazzjoni dwar l-Istrateġija Ekonomika Ewropea tat-3 ta' Diċembru 2025.

Il-proposta leġiżlattiva għandha l-għan li ssaħħaħ ir-reżiljenza ekonomika fit-tul tal-UE, il-prosperità u l-awtonomija strateġika billi tappoġġa l-produzzjoni industrijali u taċċellera d-dekarbonizzazzjoni. Din għandha l-objettivi li ġejjin:

- Tingrana l-aċċess għas-Suq Uniku u l-iskala tiegħu biex tingħata spinta lid-domanda għal prodotti industrijali Ewropej b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u għal teknoloġiji Ewropej b'emissjonijiet żero netti, inkluż billi tiġi ffaċilitata d-differenzjazzjoni għall-azzar b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju biex jiżdiedu l-valur u l-kummerċjabbiltà tiegħu.
- Timmassimizza l-kwalità u l-benefiċċji għas-Suq Uniku tal-investiment barrani fl-UE fl-aktar setturi strateġiċi.
- Tvara proġetti ta' manifattura fuq skala billi jiġu aċċellerati u ssimplifikati l-permessi għall-proġetti ta' manifattura, kif ukoll billi jiġi ffaċilitat l-iżvilupp ta' raggruppamenti industrijali f'żoni ta' aċċellerazzjoni tal-manifattura industrijali ("żoni ta' aċċellerazzjoni").

Biex jintlaħqu dawn l-objettivi, il-proposta tintroduċi approċċ regolatorju bilanċjat biex tissaħħaħ il-kompetittività tal-industrija u jiġu mmitigati, kif ukoll evitati, id-dipendenzi strateġiċi f'setturi ewlenin. Dan huwa limitat għas-sett ta' rekwiżiti minimi neċessarji biex jiġu indirizzati l-problemi li bħalissa qed jiffaċċjaw għadd magħżul ta' setturi strateġiċi, mingħajr ma jiġu ristretti bla bżonn is-suq u l-iżvilupp teknoloġiku jew jiżdied b'mod sproporzjonat il-kost ta' materjali u ta' prodotti speċifiċi. Barra minn hekk, il-proposta tistabbilixxi qafas biex jiġu rrazzjonalizzati l-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi u jiġi promoss approċċ koordinat għall-proġetti ta' investiment madwar l-Unjoni.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika kkonċernat**

Il-proposta twieġeb għall-Patt għal Industrija Nadifa, il-"Boxxla għall-Kompetittività għall-UE" u l-Komunikazzjoni Konġunta dwar it-Tisħiħ tas-Sigurtà Ekonomika tal-UE, li kollha kemm huma jirrikonoxxu l-ħtieġa għal azzjoni urġenti biex jiġi ssalvagwardjat il-futur tal-UE bħala mutur ekonomiku, destinazzjoni ta' investiment u ċentru tal-manifattura. Din twettaq il-Pjan ta' Azzjoni għas-Settur Awtomobilistiku, li jiddikjara li l-appoġġ pubbliku li huwa ta' benefiċċju għall-industrija awtomobilistika se jkun jiddependi fuq kriterji ta' reżiljenza u ta' sostenibbiltà u titlob li l-Att għall-Aċċellerazzjoni Industrijali jippromwovi r-rekwiżiti ta' Magħmul fl-UE fuq iċ-ċelloli u l-komponenti tal-batteriji fl-EVs mibjugħa fl-UE, f'konformità mal-impenji internazzjonali tal-Unjoni.

Din twettaq ukoll il-Pakkett awtomobilistiku, adottat fis-16 ta' Diċembru 2025, li, fost l-oħrajn, jipprevedi l-għoti ta' super krediti għal vetturi elettriċi żgħar affordabbli magħmula fl-Unjoni qabel l-2035 u temenda l-mira għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-2035, bl-emissjonijiet li jifdal jiġu kkumpensati permezz tal-użu ta' azzar b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju magħmul fl-Unjoni jew ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju. Din il-proposta[16], li temenda r-Regolament (UE) 2019/631, tagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati li jistabbilixxu l-kriterji li taħthom il-prodotti fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha jistgħu jikkwalifikaw bħala "vetturi żgħar b'emissjonijiet żero magħmula fl-Unjoni" jew "azzar b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju magħmul fl-Unjoni". Il-Pakkett awtomobilistiku jinkludi wkoll proposta għal Regolament dwar vetturi korporattivi nodfa[17]. Din il-proposta tillimita l-appoġġ finanzjarju għal vetturi korporattivi għal vetturi korporattivi b'emissjonijiet żero u baxxi u tagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati li jistabbilixxu l-metodoloġija għad-determinazzjoni tal-kriterji għall-"magħmul fl-Unjoni Ewropea". Sabiex jiġu żgurati l-koerenza fit-tliet strumenti u ċ-ċertezza legali, dan ir-Regolament jipprovdi definizzjonijiet armonizzati ta' "vetturi elettriċi affordabbli żgħar magħmula fl-Unjoni", "azzar b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju magħmul fl-Unjoni" u "karozzi u vannijiet korporattivi magħmula fl-Unjoni Ewropea". Għaldaqstant, il-proposti tas-16 ta' Diċembru 2025 għandhom jiġu adattati biex jirreferu għall-approċċ orizzontali adottat f'dan ir-Regolament, aktar milli għall-atti delegati, sabiex tiġi żgurata l-konsistenza tal-qafas legali.

Dan ir-Regolament huwa konsistenti mal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, li jistabbilixxi r-regoli ta' oriġini mhux preferenzjali tal-Unjoni. Għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-oriġini tal-prodotti koperti minn dan ir-Regolament, japplikaw ir-regoli mhux preferenzjali tal-oriġini tal-Unjoni, kif stabbiliti f'dak il-Kodiċi.

---

[16] Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2019/631 fir-rigward tal-istandards ta' prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO2 għal vetturi ħfief ġodda u għat-tikkettar tal-vetturi u li jħassar id-Direttiva 1999/94/KE.

[17] Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar vetturi korporattivi nodfa.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

L-IAA jikkontribwixxi għal-leġiżlazzjoni rilevanti għas-sigurtà ekonomika, għall-kompetittività industrijali u għad-dekarbonizzazzjoni tal-UE. Minħabba r-rwol tal-industriji intensivi fl-enerġija u tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti f'ħafna setturi tal-ekonomija u tal-ktajjen tal-valur industrijali, diversi settijiet ta' politiki u leġiżlazzjoni Ewropej huma rilevanti.

L-ewwel nett, l-IAA huwa konsistenti mal-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti (NZIA, Net Zero Industry Act) u jikkomplementah billi jestendi d-dispożizzjonijiet dwar il-ħruġ tal-permessi razzjonalizzat, bħall-punti uniċi ta' kuntatt u l-limiti ta' żmien għall-proġetti kollha ta' dekarbonizzazzjoni industrijali intensivi fl-enerġija, u billi jintroduċi rekwiżiti ta' Magħmul fl-UE għal xi komponenti speċifiċi tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, sabiex tiġi evitata ċ-ċirkomvenzjoni, u jkomplu jinbnew il-kapaċità tal-manifattura tal-UE kif ukoll ktajjen tal-valur domestiċi reżiljenti u kompetittivi.

It-tieni, il-proposta hija konsistenti mal-Liġi Ewropea dwar il-Klima, peress li għandha l-għan li tikkontribwixxi għall-kisba tal-għan tan-newtralità klimatika billi tappoġġa l-investimenti fid-dekarbonizzazzjoni tal-industrija u f'teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti.

It-tielet, il-proposta hija konsistenti mal-aktar inizjattivi reċenti biex jiġu rrazzjonalizzati l-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi u tissaħħaħ il-kompetittività tas-settur awtomobilistiku. B'mod partikolari, l-IAA għandu l-għan li jirrazzjonalizza l-proċessi ewlenin tal-ħruġ tal-permessi, b'mod partikolari permezz tad-diġitalizzazzjoni u l-użu mill-ġdid tad-data. Dan jibni fuq il-menu ta' miżuri disponibbli taħt il-proposta għall-Ħruġ tal-Permessi Ambjentali, billi japplikaha għall-ħtiġijiet speċifiċi tas-settur.

Il-proposta hija konsistenti wkoll ma' leġiżlazzjoni oħra tal-UE mmirata lejn l-appoġġ tat-trasformazzjoni tal-industrija Ewropea għal ekonomija nadifa, ċirkolari u newtrali għall-klima. Pereżempju, l-IAA huwa konsistenti mal-leġiżlazzjoni ambjentali speċifika għall-prodott li jmiss u jikkomplementa din il-leġiżlazzjoni. Fis-settur tal-kostruzzjoni, dan jikkomplementa r-Regolament dwar il-Prodotti għall-Bini (CPR, Construction Products Regulation), inkluż l-istandard armonizzat għall-emissjonijiet tal-gassijiet serra u t-tikketta ppjanata għall-konkrit b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju. Fis-settur tal-azzar, l-att delegat li ġej dwar il-prodotti tal-azzar skont ir-Regolament dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli (ESPR, Ecodesign for Sustainable Products Regulation) se jipprovdi l-elementi neċessarji biex jiġu implimentati d-dispożizzjonijiet dwar is-swieq pilota għall-azzar filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi differenti tad-dekarbonizzazzjoni tal-produtturi tal-azzar primarji u sekondarji u tiġi ppremjata ċ-ċirkolarità. Fit-tfassil tar-rekwiżiti tat-tikkettar u tal-informazzjoni bbażati fuq il-limiti ta' prestazzjoni għal prodotti differenti, dawn il-limiti għandhom iqisu l-kontenut riċiklat tal-prodott industrijali, il-limitu li jonqos biż-żieda tal-kontenut riċiklat fil-prodotti, fejn rilevanti. B'mod simili, l-IAA jikkomplementa r-Regolament dwar il-Batteriji, li jistabbilixxi l-qafas għall-ambizzjoni ambjentali għall-manifattura tal-batteriji tal-UE, u b'hekk jippermetti li d-dispożizzjonijiet dwar is-swieq pilota skont l-Att għall-Aċċellerazzjoni jiffokaw fuq ir-rekwiżiti ta' Magħmul fl-UE. Jikkomplementa r-regoli dwar il-prestazzjoni ambjentali li ġejjin għall-moduli PV skont it-Tikkettar tal-Ekodisinn u tal-Enerġija billi jippromwovi l-manifattura tal-UE ta' prodotti konformi. F'termini ta' tisħiħ ta' soluzzjonijiet b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u b'bażi bijoloġika, dan jallinja mal-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar il-Bijoekonomija.

Il-proposta hija konsistenti wkoll mal-bqija tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-klima. Is-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (EU ETS, EU Emission Trading System) hija l-istrument prinċipali tal-politika dwar il-klima biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u għandha rwol ċentrali fl-inċentivar tat-tnaqqis tal-emissjonijiet fl-industriji intensivi fl-

enerġija kif ukoll fil-ġenerazzjoni tal-enerġija. Din il-proposta tikkomplementa s-sinjal tal-prezz ipprovdut mill-EU ETS, u tappoġġa l-ħolqien ta' swieq pilota għal prodotti industrijali b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju. Hija allinjata wkoll mar-Regolament dwar il-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri (CBAM, Carbon Border Adjustment Mechanism).

F'termini ta' inizjattivi li ġejjin, il-proposta għal Att dwar l-Ekonomija Ċirkolari se tikkomplementa l-IAA billi tagħti spinta lir-riċiklaġġ u lill-aċċess għall-materja prima sekondarja, tnaqqas id-dipendenzi u l-vulnerabbiltajiet ukoll għall-prodotti industrijali intensivi fl-enerġija. Se tiġi żgurata wkoll il-konsistenza bejn il-miżuri speċifiċi għas-settur fl-Att għall-Aċċellerazzjoni u l-qafas ġenerali tar-reviżjoni li jmiss tal-Akkwist Pubbliku.

Il-proposta tqis l-impenji internazzjonali tal-Unjoni fl-akkwist pubbliku skont il-Ftehim tad-WTO dwar l-Akkwist Pubbliku (GPA, Government Procurement Agreement), u l-ftehimiet kummerċjali bilaterali rilevanti tal-UE. L-operaturi stabbiliti f'pajjiżi koperti minn tali impenji jistgħu jibbenefikaw minn aċċess infurzabbli għal proċeduri speċifiċi ta' akkwist definiti fl-iskedi ta' kopertura rilevanti. Dawn l-impenji huma strutturati f'kategoriji ta' awtoritajiet kontraenti, inklużi l-gvern ċentrali, l-awtoritajiet subċentrali, il-korpi rregolati bid-dritt pubbliku u l-utilitajiet, u f'tipi ta' akkwist bħal oġġetti, servizzi u xogħlijiet ta' kostruzzjoni. Għalhekk, l-applikabbiltà tagħhom tiddependi fuq l-awtorità kontraenti li twettaq l-akkwist u s-suġġett tal-kuntratt. Barra minn hekk, l-Unjoni żżomm id-dritt li tapplika eċċezzjonijiet ġenerali jew tas-sigurtà.

B'riżultat ta' dan, l-impenji tal-Unjoni dwar l-akkwist ma jagħtux aċċess uniformi jew komprensiv għas-sħab kollha, u ma huwiex possibbli li tiġi stabbilita lista unika ta' pajjiżi terzi b'aċċess garantit bis-sħiħ għas-suq kollu tal-akkwist tal-UE. L-informazzjoni dettaljata dwar l-impenji ta' akkwist u l-eliġibbiltà tal-fornituri hija disponibbli għall-awtoritajiet kontraenti[18], li tappoġġa l-applikazzjoni konsistenti tal-obbligi ta' akkwist internazzjonali filwaqt li tippreserva l-kapaċità tal-Unjoni li ssegwi l-objettivi ta' politika tagħha kif stabbiliti f'din il-proposta.

Filwaqt li l-IAA jistabbilixxi l-qafas għal *dak* li jinvolvi l-akkwist "Magħmul fl-Ewropa", li jkopri prodotti industrijali intensivi fl-enerġija, teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti u komponenti awtomobilistiċi, ir-reviżjoni li jmiss tal-qafas legali tal-akkwist pubbliku se tiċċara *kif* għandu jitwettaq tali akkwist. B'mod partikolari, din se tintegra u timplimenta rekwiżiti speċifiċi għas-settur stabbiliti f'atti leġiżlattivi rilevanti f'qafas komuni ta' akkwist u, għal setturi ewlenin, tipprovdi lill-awtoritajiet kontraenti b'għodod ċari biex jagħtu preferenza lill-offerti magħmula prinċipalment minn prodotti Ewropej. Dan l-approċċ jiżgura l-koerenza u ċ-ċertezza legali kemm għax-xerrejja pubbliċi kif ukoll għall-operaturi ekonomiċi.

Ir-Regolament propost iqis ukoll l-istrumenti għad-difiża tal-kummerċ tal-Unjoni, inkluża l-miżura proposta reċentement li tindirizza l-effetti negattivi tal-kapaċità żejda globali fuq is-suq tal-azzar tal-UE. Barra minn hekk, jopera f'komplementarjetà mal-qafas eżistenti ta' Investiment Dirett Barrani, li jikkonċerna s-sigurtà u l-ordni pubbliku. Finalment, il-proposta hija mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE.

---

18 L-informazzjoni dettaljata hija disponibbli permezz tal-għodda tal-"Procurement for Buyers" tal-Kummissjoni Ewropea fuq il-portal Access2Markets u se tgħin lill-entitajiet kontraenti tal-UE biex isibu liema offerenti jkunu eliġibbli biex jipparteċipaw fi proċeduri ta' akkwist pubbliku fl-Istati Membri tal-UE, abbażi tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Akkwist Pubbliku (GPA) u ftehimiet kummerċjali bilaterali tal-UE.

## 2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi legali**

Il-bażi legali xierqa hija l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("it-Trattat") li jippermetti lill-Unjoni tadotta miżuri ta' armonizzazzjoni. Minħabba l-kumplessità u l-karattru tranżnazzjonali tar-reżiljenza u tad-dekarbonizzazzjoni industrijali, tali miżuri huma meħtieġa biex jiġi żgurat il-funzjonament xieraq tas-Suq Uniku b'mod partikolari għas-setturi strateġiċi.

Barra minn hekk, huwa neċessarju wkoll li jintuża l-Artikolu 207 tat-Trattat dwar il-politika kummerċjali komuni tal-UE bħala bażi legali addizzjonali fir-rigward ta' ċerti miżuri introdotti skont dan ir-Regolament. Id-dispożizzjonijiet dwar l-investimenti barranin ikopru sett speċifiku ta' setturi biex jiġu żgurati kundizzjonijiet minimi ta' investiment, u produzzjoni b'valur miżjud fl-Unjoni. Għalhekk, id-dispożizzjonijiet huma primarjament immirati lejn il-funzjonament xieraq tas-Suq Uniku. Madankollu, l-investimenti diretti barranin huma espliċitament inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-politika kummerċjali komuni tal-UE.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-kompetittività, il-prosperità sostenibbli, is-sigurtà ekonomika u d-dekarbonizzazzjoni huma kwistjonijiet ta' rilevanza għolja għall-UE. L-ebda Stat Membru waħdu ma huwa kapaċi jindirizza b'mod effettiv id-dekarbonizzazzjoni industrijali minħabba n-natura integrata tal-isfida: is-swieq tal-enerġija, l-isforzi ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-ħtieġa għall-funzjonament xieraq tas-Suq Uniku għal prodotti industrijali intensivi fl-enerġija u għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti. L-isfidi tal-kompetittività li bħalissa qed tiffaċċja l-industrija x'aktarx li jħeġġu lill-Istati Membri jimplimentaw miżuri unilaterali. Filwaqt li dawn l-isforzi jistgħu jkunu ġġustifikati, jekk jitħallew mhux ikkoordinati, hemm ir-riskju li jkollhom impatt negattiv fuq il-funzjonament tas-Suq Uniku u jwasslu għall-frammentazzjoni tiegħu, filwaqt li jagħmlu lill-UE aktar vulnerabbli għal xokkijiet esterni u ma tkunx tista' tisfrutta l-assi tas-Suq Uniku biex twassal benefiċċji għall-ekosistemi lokali u Ewropej.

Għalhekk, huwa neċessarju approċċ armonizzat fil-livell tal-UE skont l-Artikolu 114 tat-TFUE biex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tas-Suq Uniku u biex jiġu indirizzati l-isfidi tar-reżiljenza u tad-dekarbonizzazzjoni industrijali, filwaqt li tiġi ssalvagwardjata l-kompetittività tal-UE. Il-miżuri inklużi f'din l-inizjattiva ma jkunux daqshekk effettivi (jekk ikunu effettivi affattu) li kieku jiġu implimentati mill-Istati Membri li jaġixxu waħedhom, peress li l-isfidi li jindirizzaw jikkonċernaw is-Suq Uniku. Huma ma humiex limitati għal Stati Membri individwali jew għal subsett ta' Stati Membri, iżda huma relatati mal-bażi industrijali tal-UE u mal-ktajjen tal-valur madwar l-UE kollha. Barra minn hekk, il-miżuri implimentati fil-livell tal-Istati Membri biss x'aktarx li ma jissodisfawx b'mod adegwat il-ħtiġijiet ta' ktajjen tal-provvista interkonnessi mill-qrib fis-Suq Uniku u jistgħu jwasslu għal aktar frammentazzjoni tas-suq u riskji ta' tfixkil fil-katina tal-provvista.

Barra minn hekk, it-tibdil fil-klima huwa sfida transfruntiera li tirrikjedi kemm azzjoni internazzjonali kif ukoll fil-livell tal-UE biex tikkomplementa u ssaħħaħ b'mod effettiv il-miżuri meħuda fil-livelli reġjonali, nazzjonali u lokali. Il-kost tan-nuqqas ta' azzjoni huwa pan-Ewropew. It-trasformazzjoni industrijali neċessarja se jkollha impatt fuq ħafna setturi madwar l-ekonomija tal-UE, u b'hekk azzjoni koordinata fil-livell tal-UE tkun indispensabbli biex tixpruna tranżizzjoni trasformattiva, ġusta u kosteffettiva u konverġenza 'l fuq. Miżuri nazzjonali mhux koordinati jirriskjaw li jimponu regoli diverġenti fuq l-operaturi tas-suq, prattiki tal-akkwist pubbliku mhux armonizzati, bħal taħt prattiki ta' akkwist pubbliku ekoloġiku, u proċeduri għall-ħruġ tal-permessi, u fl-aħħar mill-aħħar jimminaw il-funzjonament tas-Suq Uniku.

Mingħajr azzjoni ulterjuri tal-UE, l-*istatus quo* x'aktarx li jippersisti, li jżid ir-riskju li l-UE titlef il-kapaċitajiet industrijali strateġiċi, li s-Suq Uniku jkun aktar frammentat, u li l-UE ssir dipendenti b'mod kritiku fuq pajjiżi terzi għal objettivi ekoloġiċi, diġitali, ta' difiża u ta' sigurtà ekonomika. Dan min-naħa tiegħu jista' jkollu implikazzjonijiet negattivi fuq is-sigurtà ekonomika, il-koeżjoni soċjali u territorjali tal-Unjoni, primarjament permezz ta' impatti fuq l-impjiegi, fuq l-iżvilupp reġjonali, u fuq l-aċċess ekwu għall-opportunitajiet industrijali.

F'konformità ma' din il-loġika, l-azzjonijiet proposti jiffukaw fuq oqsma fejn hemm valur miżjud dimostrabbli fl-azzjoni fil-livell tal-Unjoni minħabba l-iskala, il-veloċità u l-ambitu tal-isforzi meħtieġa - azzjonijiet immirati lejn it-titjib tal-argument għall-vijabbiltà għall-EIIs biex jinvestu fid-dekarbonizzazzjoni u għas-setturi u għat-teknoloġiji strateġiċi tal-UE biex isaħħu l-kompetittività tagħhom.

L-Artikolu 5(3) tat-TUE jipprevedi li l-prinċipju tas-sussidjarjetà japplika f'oqsma li ma jaqgħux taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni. L-Artikolu 3(1)(e) tat-TFUE jipprevedi li l-Unjoni għandha kompetenza esklużiva fil-qasam tal-politika kummerċjali komuni. L-Artikolu 207(2) tat-TFUE jaqa' fil-kategorija ta' kompetenzi esklużivi. Għalhekk, il-kwistjoni tas-sussidjarjetà ma tirriżultax sa fejn l-Artikolu 207 tat-TFUE jintuża bħala bażi legali addizzjonali għal miżuri li jimplimentaw il-politika kummerċjali komuni tal-Unjoni.

- **Proporzjonalità**

Il-miżuri proposti jissodisfaw il-prinċipju tal-proporzjonalità, u juru valur miżjud fl-azzjoni fil-livell tal-Unjoni minħabba l-iskala, l-urġenza u l-ambitu tal-isforzi meħtieġa.

Il-miżuri dwar il-ħruġ tal-permessi se jimponu obbligi fuq l-Istati Membri biex jirrazzjonalizzaw il-proċessi. Id-diġitalizzazzjoni tal-proċeduri tal-ħruġ tal-permessi se twassal fit-tul għal iffrankar taż-żmien u tal-kostijiet kemm għall-awtoritajiet kif ukoll għan-negozji, li jippermetti l-aċċellerazzjoni tal-manifattura nadifa u tal-implimentazzjoni industrijali madwar l-UE.

Ir-rekwiżiti ta' livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u ta' Magħmul fl-UE huma proporzjonati għall-kapaċitajiet tal-produzzjoni industrijali Ewropej u mfassla biex ma joħolqux piżijiet finanzjarji sinifikanti fuq il-baġits amministrattivi tal-Istati Membri. L-istabbiliment ta' swieq pilota huwa kruċjali biex tiżdied il-kompetittività tas-setturi u tat-teknoloġiji ewlenin, u b'hekk tissaħħaħ il-bażi industrijali tal-UE u tiġi żgurata l-awtonomija f'dawn is-setturi strateġiċi.

Il-kundizzjonijiet obbligatorji fuq l-investiment dirett barrani huma neċessarji biex jintlaħaq l-objettiv li jiġu mmassimizzati l-benefiċċji ta' dawn l-investimenti madwar l-Istati Membri, jissaħħu l-benefiċċji tas-Suq Uniku u jiġi sfruttat l-aċċess għas-Suq Uniku. Dawn se jiżguraw li l-investiment jiġi flimkien mal-iżvilupp tal-għarfien espert, mal-ħolqien tax-xogħol, u mal-integrazzjoni tal-katina tal-valur.

Il-miżuri dwar iż-żoni ta' aċċellerazzjoni tal-manifattura industrijali jħallu lill-Istati Membri responsabbli għall-identifikazzjoni u għad-deżinjazzjoni ta' tali żoni, filwaqt li jipprovdu benefiċċji mmirati biex jippermettu kundizzjonijiet aħjar u aktar kompetittivi għall-industrija tal-manifattura.

- **Għażla tal-istrument**

Regolament huwa meqjus bħala l-aktar strument xieraq peress li jagħmilha possibbli li jiġu stabbiliti rekwiżiti li japplikaw direttament għall-awtoritajiet nazzjonali u għall-operaturi ekonomiċi rilevanti. Dan se jgħin biex jiġi żgurat li r-rekwiżiti jiġu implimentati fil-ħin u b'mod armonizzat, li jwassal għal ċertezza legali akbar.

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

F’konformità mal-Linji Gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar, il-Kummissjoni wettqet proċess komprensiv ta’ konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, bl-għan li tiġbor informazzjoni affidabbli bl-użu ta’ firxa ta’ metodi, ta’ partijiet ikkonsultati u ta’ għodod. Il-Kummissjoni wettqet diversi attivitajiet: konsultazzjoni miftuħa online bejn il-15 ta’ April u t-8 ta’ Lulju 2025 (314-il tweġiba u 133 dokument ta’ pożizzjoni mehmuża); sejħa għall-evidenza għall-valutazzjoni tal-impatt (295 tweġiba); konsultazzjoni mmirata miftuħa għal assoċjazzjonijiet u għal kumpaniji mis-settur tal-EIIs (62 tweġiba); workshop dwar il-kontroll tar-realtà miftuħ għall-kumpaniji mis-settur tal-EIIs (40 parteċipant); workshop dwar il-kontroll tar-realtà dwar it-tikketta tal-UE tal-azzar b’livell baxx ta’ emissjonijiet ta’ karbonju, miftuħ biss għall-kumpaniji tal-azzar (34 parteċipant); workshop dwar il-kontroll tar-realtà miftuħ għall-Istati Membri (46 parteċipant), bit-tliet kontrolli tar-realtà kollha, inkluż il-possibbiltà li jiġu ppreżentati dokumenti ta’ pożizzjoni; u konsultazzjoni mmirata miftuħa għall-ekosistema tal-batteriji u għas-setturi downstream tagħha (63 rispondent). Ir-riżultati tal-konsultazzjoni pubblika huma miġburin fil-qosor fir-rapport ta’ sinteżi fattwali ppubblikat bit-tweġibiet għas-sejħa għall-evidenza fuq il-portal “Semma’ leħnek”.

B’mod ġenerali, il-partijiet ikkonċernati argumentaw li l-isfidi affaċċjati mill-industriji intensivi fl-enerġija tal-UE huma n-nuqqas ta’ enerġija rinnovabbli affordabbli biżżejjed, il-kompetizzjoni internazzjonali inġusta, il-kostijiet kapitali u operazzjonali għoljin attribwiti għad-dekarbonizzazzjoni, ir-rieda baxxa biex is-setturi downstream iħallsu għal primjum ekoloġiku, il-proċeduri kumplessi u twal għall-ħruġ tal-permessi u d-diffikultà biex jaċċessaw il-finanzjament għal proġetti ta’ dekarbonizzazzjoni.

Il-Kummissjoni rċeviet appoġġ wiesa’ għall-idea li jinħolqu u jiġu protetti swieq pilota għal prodotti industrijali magħmula fl-UE b’livell baxx ta’ emissjonijiet ta’ karbonju, bħala mekkaniżmu ewlieni biex jistimula d-domanda u jrawwem l-investiment fid-dekarbonizzazzjoni. B’mod simili, il-partijiet ikkonċernati qablu li l-ħolqien ta’ swieq pilota se jservi biex jipproteġi l-kompetittività tal-industrija tal-UE tat-teknoloġija nadifa u dik awtomobilistika. Huma kkonfermaw ukoll li r-rekwiżiti ta’ Magħmul fl-UE huma importanti biex jiġi żgurat li s-suq għall-prodotti tal-industrija b’livell baxx ta’ emissjonijiet ta’ karbonju u għall-prodotti tat-teknoloġija nadifa ma jiġix imdgħajjef mill-kompetizzjoni mhux mill-UE. Il-maġġoranza tal-partijiet ikkonċernati mis-settur tal-batteriji appoġġaw ukoll ir-rekwiżiti ta’ Magħmul fl-UE f’diversi miżuri ta’ politika, kemm għall-akkwist pubbliku kif ukoll għall-prodotti introdotti fis-suq. Ir-razzjonalizzazzjoni u t-tħaffif tal-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi kellhom appoġġ għoli, b’mod partikolari mill-SMEs, li għandhom inqas riżorsi biex jimmaniġġjaw l-ammont ta’ xogħol amministrattiv. Il-partijiet ikkonċernati qiesu d-dispożizzjonijiet għall-investiment barrani b’mod pożittiv, filwaqt li nnotaw li tali miżuri jistgħu jattiraw kapital tant meħtieġ flimkien ma’ benefiċċji addizzjonali.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

F’konformità mal-Linji Gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar, din il-proposta regolatorja hija bbażata fuq valutazzjoni tal-impatt li tanalizza l-problema u l-problemi sekondarji relatati mal-ħtieġa li l-industrija tal-UE taċċellera d-dekarbonizzazzjoni tal-proċessi u tal-prodotti, f’kuntest globali tal-isfidi tal-kompetittività. Il-valutazzjoni tal-impatt tidentifika għażliet ta’

politika possibbli biex jiġu indirizzati l-fatturi ewlenin tal-problemi u tivvaluta l-impatti probabbli tagħhom. Il-valutazzjoni tal-impatt kienet strutturata biex tirrifletti l-konsultazzjoni tal-Grupp ta' Tmexxija Interservizzi tal-Kummissjoni dwar l-Att għall-Aċċellerazzjoni Industrijali.

Il-valutazzjoni tal-impatt irċeviet opinjoni negattiva mill-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju (RSB, Regulatory Scrutiny Board) fis-26 ta' Settembru 2025. Il-Bord irrakkomanda:

- L-iżvilupp tal-linja bażi dinamika, inkluża spjegazzjoni aħjar tad-daqs tat-tnaqqis fl-investiment tad-dekarbonizzazzjoni u tad-diskrepanza fil-veloċità tad-dekarbonizzazzjoni.
- It-titjib tal-analiżi dwar il-fatturi ewlenin tal-problemi, inklużi l-fatturi relatati mal-ħruġ tal-permessi u mal-IDB, u, abbażi ta' dan, ir-reviżjoni tal-objettivi ġenerali u speċifiċi b'mod speċifiku, li jista' jitkejjel u jinkiseb, realistiku u marbut mal-ħin (S.M.A.R.T, Specific, Measurable, Achievable, Relevant and Time-bound), kif ukoll it-titjib tal-miżuri.
- It-twettiq ta' analiżi aktar fil-fond tad-disponibbiltà u tal-vijabbiltà ekonomika tat-teknoloġiji tad-dekarbonizzazzjoni industrijali, u d-domanda għal alternattivi b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, inklużi l-elastiċità tal-prezzijiet u s-sostitwibbiltà.
- It-titjib, bi kwantifikazzjoni aħjar, tal-analiżi tal-kostijiet u l-benefiċċji, inkluż it-titjib tal-Anness 3.
- Ir-rikonoxximent tar-robustezza tal-immudellar għall-analiżi tal-kostijiet u l-benefiċċji, u r-rapportar b'mod trasparenti tas-suppożizzjonijiet użati għall-kalkolu.

Il-punti kollha msemmija hawn fuq ġew indirizzati bl-aħjar mod possibbli. Meta l-valutazzjoni tal-impatt riveduta ġiet sottomessa mill-ġdid, il-Bord ħareġ opinjoni pożittiva b'riżervi fl-20 ta' Novembru 2025. Ir-riżervi indikaw il-ħtieġa li tittejjeb l-analiżi dwar l-impatti mistennija tal-objettiv ġenerali, kif ukoll l-interazzjoni mal-implikazzjonijiet tas-sigurtà ekonomika. Il-Bord innota wkoll il-ħtieġa li jiġu spjegati aktar il-limitazzjonijiet relatati mal-immudellar, kif ukoll il-kalkoli tal-benefiċċji u tal-kostijiet u l-impatti fuq il-konsumaturi u fuq is-setturi downstream. Il-kummenti ġew indirizzati permezz ta' analiżi mtejba u sa fejn kien fattibbli. L-opinjonijiet tal-Bord, kif ukoll il-valutazzjoni tal-impatt finali u s-sommarju eżekuttiv tagħha huma ppubblikati flimkien ma' din il-proposta.

Il-valutazzjoni tal-impatt hija mibnija madwar sett ta' ħames objettivi speċifiċi li jindirizzaw il-fatturi ewlenin tal-problemi identifikati. Din tistabbilixxi tliet għażliet ta' politika għal kull objettiv speċifiku, abbażi tal-livell ta' intervent ta' politika, l-ambitu, l-effiċjenza u l-koerenza, kif ukoll il-prinċipji tal-proporzjonalità u tas-sussidjarjetà.

**L-Għażla ta' Politika 1 (PO1, Policy Option)** tipproponi tikketta tal-intensità tal-karbonju għas-setturi kollha intensivi fl-enerġija. Din għandha l-għan li toħloq swieq pilota, billi tintroduċi rekwiżiti ta' livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju għal materjali intensivi fl-enerġija (azzar, siment[19] u aluminju) f'setturi downstream magħżula (is-settur awtomobilistiku u tal-kostruzzjoni) fl-akkwist pubbliku u fi skemi ta' appoġġ. Tipproponi wkoll l-introduzzjoni ta' rekwiżiti minimi ta' Magħmul fl-UE għall-batteriji, għas-sistemi PV solari u għall-komponenti tal-vetturi fil-proċeduri ta' akkwist pubbliku u għall-iskemi ta' appoġġ pubbliku. Fir-rigward tal-objettiv li jiġu mmassimizzati l-benefiċċji għall-IDB, din

[19] Għall-miżuri tas-swieq pilota relatati mas-siment, ir-rekwiżiti huma stabbiliti fil-livell tal-konkrit u tal-tajn, peress li dawn huma l-prodotti finali rilevanti użati fil-kostruzzjoni.

tintroduċi kundizzjonijiet volontarji għal investimenti ogħla minn limitu speċifikat għall-katina tal-provvista tal-batteriji u potenzjalment għall-EIIs rilevanti. Sabiex jiġu rrazzjonalizzati l-permessi, l-għażla tipproponi proċedura diġitali unifikata għall-permessi kollha, applikabbli għas-settur kollu tal-manifattura. Fl-aħħar nett, tirrakkomanda li l-Istati Membri jiffaċilitaw il-finanzjament pubbliku għal proġetti fiż-żoni industrijali.

L-**Għażla ta' Politika 2 (PO2)** tibni fuq l-ewwel għażla billi twessa' l-kamp ta' applikazzjoni u r-rekwiżiti. Fir-rigward tas-swieq pilota, permezz tal-PO2 huma introdotti rekwiżiti ta' livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u ta' Magħmul fl-UE għall-azzar, għas-siment u għall-aluminju użati f'setturi downstream magħżula (is-settur awtomobilistiku u tal-kostruzzjoni) fl-akkwist pubbliku u fl-iskemi ta' appoġġ. Il-kundizzjonijiet għal investimenti speċifiċi huma obbligatorji aktar milli volontarji. Il-PO2 iżżid l-appoġġ għall-proċess għall-ħruġ tal-permessi billi jintroduċi miżuri addizzjonali ddedikati għall-EIIs. Fl-aħħar nett, hija teħtieġ, iktar milli tirrakkomanda, li l-Istati Membri jiddeżinjaw żoni industrijali. Madankollu, it-tikketta tnaqqas il-kamp ta' applikazzjoni tagħha billi tobbliga tikketta speċifika tal-intensità tal-karbonju għall-azzar, b'regoli dettaljati li aktar tard jistgħu jiġu estiżi biex jinkludu materjali oħra intensivi fl-enerġija.

L-**Għażla ta' Politika 3 (PO3)** tkompli testendi ż-żewġ għażliet preċedenti. Fis-swieq pilota, din tintroduċi rekwiżiti ta' livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u ta' Magħmul fl-UE għall-azzar, għas-siment u għall-aluminju kollha introdotti fis-suq għall-użu fis-settur awtomobilistiku u fil-kostruzzjoni. Din testendi wkoll ir-rekwiżiti ta' Magħmul fl-UE għall-batteriji, għall-PVs solari u għall-komponenti ewlenin tal-vetturi kollha introdotti fis-suq. Dwar il-ħruġ tal-permessi, din tintroduċi miżuri ddedikati għaż-żoni industrijali.

B'mod ġenerali, l-għażla ppreferuta hija l-PO2, peress li tilħaq l-objettivi bl-aktar mod effettiv u effiċjenti. Għandha wkoll impatti aktar pożittivi f'termini ta' proporzjonalità li ż-żewġ għażliet l-oħra, peress li tissuġġerixxi l-introduzzjoni ta' livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u ta' Magħmul fl-UE għall-akkwist pubbliku u għall-appoġġ pubbliku biss, filwaqt li turi wkoll l-aktar koerenza. Il-PO2 tista' twassal għal tnaqqis nett ta' darba ta' madwar EUR 240 miljun f'termini ta' piż amministrattiv għan-negozji, prinċipalment minn dispożizzjonijiet dwar il-ħruġ tal-permessi (ara l-Anness 4 tal-valutazzjoni tal-impatt). L-analiżi tal-kostijiet u l-benefiċċji kkonkludiet li l-PO2 tirriżulta f'benefiċċji netti ġenerali ta' madwar EUR 8 biljun għall-ekonomija fl-2030, minkejja li turi xi kostijiet ta' aġġustament għas-setturi downstream affettwati mir-rekwiżiti ta' livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u/jew ta' Magħmul fl-UE. Madankollu, dan it-telf huwa fil-biċċa l-kbira kkumpensat minn benefiċċji fit-tul f'termini ta' ħolqien ta' valur miżjud, ta' sigurtà ekonomika mtejba, ta' reżiljenza u ta' ħolqien tax-xogħol tal-industriji strateġiċi Ewropej, li fl-aħħar mill-aħħar jipprovdu stabbiltà u prosperità ekonomika sostenibbli. Il-PO3 tkun aktar effettiva fil-kisba ta' ċerti objettivi, speċjalment fir-rigward tad-dispożizzjonijiet dwar is-swieq pilota, iżda dan iżid b'mod sproporzjonat il-kostijiet għall-ekonomija.

### Differenzi meta mqabbla mal-għażla ppreferuta fil-valutazzjoni tal-impatt

Il-proposta għar-Regolament fiha miżuri li jvarjaw mill-għażla ta' politika ppreferuta ppreżentata fil-valutazzjoni tal-impatt, jiġifieri:

- Fir-rigward tal-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi, ġew introdotti miżuri speċifiċi għar-raggruppamenti tal-manifattura industrijali (jiġifieri, approvazzjoni taċita fi stadji intermedji u valutazzjoni prijoritarja tat-talbiet għal konnessjoni), li ma kinux fl-għażla ta' politika ppreferuta, fid-dawl tal-benefiċċji sinerġetiċi mistennija bil-

bqija tad-dispożizzjonijiet dwar iż-żoni ta' aċċellerazzjoni tal-manifattura industrijali.

- F'termini tal-kamp ta' applikazzjoni, id-dispożizzjonijiet dwar il-proċeduri ta' akkwist pubbliku, l-irkantijiet u l-iskemi ta' appoġġ ikopru teknoloġiji addizzjonali b'emissjonijiet żero netti minn dawk analizzati fil-valutazzjoni tal-impatt. Il-proposta tintroduċi rekwiżiti ta' Magħmul fl-UE wkoll għall-enerġija termali solari, għall-pompi tas-sħana, għar-riħ, għall-fissjoni nukleari, u għall-idroġenu, f'konformità mal-għan li jiżdiedu s-sigurtà ekonomika, ir-reżiljenza, is-sostenibbiltà u s-sigurtà tal-provvista tal-UE. Żdied anness dedikat fil-valutazzjoni tal-impatt biex jiġu ppreżentati l-impatti ewlenin ta' dawn il-miżuri. Filwaqt li l-batteriji u l-PV solari diġà llum qed jiffaċċjaw taħlita unika ta' kapaċitajiet eċċessivi globali għoljin u dipendenzi għoljin tal-UE fuq sorsi uniċi ta' provvista, it-teknoloġiji l-oħra b'emissjonijiet żero netti fl-ambitu jiffaċċjaw kompetizzjoni globali intensa (mhux dejjem ġusta) u jistgħu jesperjenzaw żviluppi simili tas-suq. Għalhekk, il-Kummissjoni ddeċidiet li tintroduċi dispożizzjonijiet bħal dawn sabiex tantiċipa u ttaffi r-riskji potenzjali futuri tal-provvista u tas-suq.

  Fir-rigward tal-azzar, il-proposta tillimita r-rekwiżiti għall-azzar użat fis-settur awtomobilistiku u dak tal-kostruzzjoni għal kriterji ta' livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju (aktar milli tikkombina rekwiżiti ta' livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u ta' oriġini tal-UE) fil-qafas tal-akkwist pubbliku u tal-iskemi ta' appoġġ. Fid-dawl tal-miżura kummerċjali proposta reċentement li tindirizza l-effetti negattivi relatati mal-kummerċ tal-kapaċità żejda globali fis-suq tal-azzar tal-Unjoni, l-introduzzjoni ta' preferenza Ewropea għall-azzar ma hijiex meqjusa neċessarja.

- Għall-finijiet ta' konformità mar-rekwiżiti ta' livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, il-konkrit se jitqies b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju meta jissodisfa l-kriterji għal "konkrit b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju" stabbiliti fil-miżuri ta' implimentazzjoni adottati skont ir-Regolament dwar il-Prodotti għall-Bini (CPR). Bl-istess mod, il-prodotti tal-azzar b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju użati fil-kostruzzjoni u koperti minn speċifikazzjoni teknika armonizzata jridu jikkonformaw mad-definizzjoni ta' livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju stabbilita skont il-qafas tas-CPR. Il-prodotti tal-azzar li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tas-CPR jitqiesu b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju meta jissodisfaw il-kundizzjonijiet għall-"azzar b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju" li għandhom jiġu stabbiliti fl-atti delegati skont l-ESPR. Dan l-approċċ se jiżgura konsistenza regolatorja mal-leġiżlazzjoni eżistenti speċifika għall-prodotti.

- Barra minn hekk, il-proposta tinkludi emendi tal-Artikolu 25 tal-NZIA dwar l-akkwist pubbliku biex jiġi ċċarat l-ambitu tat-teknoloġija li jinkludi biss teknoloġiji b'akkwist pubbliku komuni. Dan jinkludi wkoll bidliet fl-Artikolu 26 tal-NZIA fir-rigward tal-irkantijiet. Dan għandu jqis l-importanza dejjem akbar tal-irkantijiet biex tiġi żgurata l-provvista tal-enerġija tal-Unjoni u biex tiġi ssalvagwardjata s-sovranità teknoloġika tagħha. Dan jinkludi wkoll emendi tal-Artikoli 1 u 22 tar-Regolament dwar il-Prodotti għall-Bini.

- Il-proposta ma ssegwix l-għażla ta' politika ppreferuta li tiġi adottata tikketta volontarja tal-azzar b'appoġġ għal deċiżjonijiet ta' investiment dwar l-azzar b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju. Minflok, l-enfasi titqiegħed fuq l-implimentazzjoni rapida tal-impenji eżistenti, bħal fil-kuntest tal-ESPR, u fuq it-tfassil ta' awtonomizzazzjoni li tkun tista' tissupplimenta d-dispożizzjonijiet dwar is-

swieq pilota bl-iżvilupp ta' tikketti volontarji fuq il-klassijiet ta' prestazzjoni b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju ta' prodotti industrijali intensivi fl-enerġija.

Dawn il-miżuri kollha jibqgħu fil-qafas ġenerali vvalutat fil-valutazzjoni tal-impatt u ma jaffettwawx b'mod sinifikanti t-tqabbil tal-għażliet. Għat-teknoloġiji nodfa, l-estensjoni tal-ambitu timplika li l-impatti li jirriżultaw fuq is-swieq tal-elettriku jistgħu jkunu ta' daqs ogħla, inkluż għall-utenti downstream. Madankollu, japplikaw l-istess salvagwardji li ġew analizzati fid-dettall għall-batteriji u għall-enerġija solari kif ukoll għal teknoloġiji oħrajn b'emissjonijiet żero netti.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Din il-proposta hija mfassla biex ittaffi l-impatti tar-rekwiżiti tal-oriġini mill-Unjoni u ta' livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, u l-kundizzjonalitajiet tal-investiment dirett barrani, fuq il-piż regolatorju. Partijiet oħra, eż. dwar il-ħruġ tal-permessi, inaqqsuh b'mod dirett għall-operaturi ekonomiċi.

Il-kostijiet amministrattivi għan-negozji li se japplikaw direttament ma' dan ir-Regolament huma mistennija li jiġu kkumpensati minn titjib fl-effiċjenza mill-ħruġ tal-permessi razzjonalizzat u mill-benefiċċji fit-tul f'termini ta' reżiljenza akbar tal-ktajjen tal-provvista. Dawn huma relatati mal-obbligi li tintwera l-konformità għad-dispożizzjonijiet dwar is-swieq pilota għall-kumpaniji li joperaw f'setturi downstream rilevanti. F'termini ta' kundizzjonalitajiet dwar l-investimenti, l-applikazzjoni uniformi tal-kundizzjonijiet madwar l-Unjoni fil-biċċa l-kbira tipprevjeni l-għażla opportunistika tal-ġuriżdizzjoni u l-ġirja lejn l-aktar livell baxx biex jiġu attirati l-investimenti barranin, filwaqt li jiġu armonizzati u ssimplifikati l-kundizzjonijiet tan-negozju.

Għall-Istati Membri, huma mistennija kostijiet amministrattivi addizzjonali, marbuta mal-monitoraġġ u mal-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar is-swieq pilota fl-akkwist pubbliku u fl-iskemi ta' appoġġ. B'mod simili, l-implimentazzjoni tal-kundizzjonijiet dwar l-investiment barrani, inklużi l-preskrizzjoni, il-monitoraġġ u l-penalizzazzjoni, se żżid mal-kostijiet amministrattivi. Id-dispożizzjonijiet dwar il-ħruġ tal-permessi huma mistennija wkoll li jżidu l-kostijiet għall-awtoritajiet pubbliċi fit-terminu qasir, filwaqt li, min-naħa l-oħra, id-diġitalizzazzjoni u s-simplifikazzjoni se jwasslu għal iffrankar sostanzjali ta' kostijiet u ta' żmien fit-terminu medju u twil, kemm għall-industrija kif ukoll għall-awtoritajiet pubbliċi. Fl-aħħar nett, id-deżinjazzjoni ta' żoni ta' aċċellerazzjoni kif ukoll l-implimentazzjoni tal-benefiċċji għaż-żoni industrijali se jġibu magħhom kost amministrattiv addizzjonali għall-Istati Membri, fl-isfond tal-benefiċċji għal kumpaniji individwali li joperaw fiż-żoni.

- **Drittijiet fundamentali**

L-Artikolu 16 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ("il-Karta") jipprevedi l-libertà ta' intrapriża. Il-miżuri f'din il-proposta joħolqu kapaċità ta' innovazzjoni u jrawmu d-domanda għal prodotti industrijali intensivi fl-enerġija fl-Unjoni, u dan jista' jsaħħaħ il-libertà ta' intrapriża f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u mal-liġijiet u mal-prattiki nazzjonali.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta għandha implikazzjonijiet baġitarji għall-Kummissjoni. B'mod speċifiku, biex tiġi implimentata, se tkun teħtieġ madwar sitt ekwivalenti għall-full time fis-sena, kost rikorrenti addizzjonali ta' EUR 20 000 għal kull taqsima għall-espansjoni tal-Anness 1 tar-Regolament dwar il-Gateway Diġitali Unika (SGDR, Single Digital Gateway Regulation) bid-dispożizzjonijiet previsti għall-ħruġ tal-permessi u b'kost ta' darba ta' EUR 20 000 għall-investiment fil-back-end tas-sistema ta' Gateway Diġitali Unika (SDG, Single Digital

Gateway). Meta mqabbla mar-rapport tal-Valutazzjoni tal-Impatt, iċ-ċifri ġew aġġustati biex jirriflettu l-kamp ta' applikazzjoni usa' tal-miżuri proposti fl-Att.

L-implikazzjonijiet tal-baġit huma prinċipalment li titwettaq il-ħidma prevista (i) għar-rieżami tan-notifiki ta' investiment dirett barrani ppreżentati mill-Awtoritajiet tal-Investiment fl-Istati Membri; (ii) għall-monitoraġġ tal-infurzar tal-obbligi tal-Istati Membri dwar id-dispożizzjonijiet dwar is-swieq pilota; u (iii) għall-implimentazzjoni tal-espansjoni tal-Anness II tal-SGDR u tal-back-end tas-sistema tal-SDG biex jiġu ssodisfati d-dispożizzjonijiet dwar il-ħruġ tal-permessi.

## 5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Il-Kummissjoni se tevalwa l-koerenza, ir-riżultati, l-impatti, il-proporzjonalità u s-sussidjarjetà ta' din il-proposta 3 snin wara d-data li fiha ssir applikabbli. Klawżola ta' rieżami hija proposta wara 5 snin, biex jiġi vvalutat jekk id-dispożizzjonijiet dwar is-swieq pilota jkunux għadhom meħtieġa fid-dawl tal-iżviluppi tas-suq, jew jekk tali miżuri għandhomx jiġu kkunsidrati għal setturi oħra li huma kritiċi għas-sigurtà ekonomika tal-UE. Il-miżuri proposti huma maħsuba bħala interventi mmirati u marbuta maż-żmien biex tiġi aċċellerata l-kapaċità industrijali tal-Unjoni u tingħata spinta lis-sigurtà ekonomika tas-setturi strateġiċi biss. Dan jiggarantixxi li l-approċċ imfassal apposta jibqa' flessibbli, ibbażat fuq l-evidenza u jkun jista' jiġi adattat għall-ħtiġijiet li dejjem jevolvu tal-bażi industrijali tal-Ewropa.

Sabiex iwettqu l-evalwazzjoni, l-Istati Membri u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti se jipprovdu l-informazzjoni neċessarja u rilevanti lill-Kummissjoni, kif xieraq, fuq talba tagħha.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Il-Kapitolu I tar-Regolament jiddeskrivi d-dispożizzjonijiet ġenerali tar-Regolament, inkluż is-suġġett, jiġifieri t-titjib tal-funzjonament tas-suq intern billi jistabbilixxi qafas biex jiġi żgurat l-aċċess tal-Unjoni għal provvista sigura, sostenibbli u reżiljenti ta' prodotti tal-manifattura rilevanti u l-ktajjen tal-provvista tagħhom, il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament, l-objettiv tal-industrijalizzazzjoni u d-definizzjonijiet meħtieġa għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.

Il-Kapitolu II jiddeskrivi l-kundizzjonijiet abilitanti għall-produzzjoni industrijali u għad-dekarbonizzazzjoni. Dan jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet li jiżguraw proċeduri razzjonalizzati, effiċjenti u diġitali għall-ħruġ tal-permessi għal proġetti ta' manifattura industrijali. Dan jintroduċi wkoll dispożizzjonijiet dwar il-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi għal proġetti ta' dekarbonizzazzjoni tal-industrija intensivi fl-enerġija u proġetti tal-industrija b'emissjonijiet żero netti.

Il-Kapitolu III jistabbilixxi qafas għall-applikazzjoni ta' rekwiżiti ta' livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u ta' oriġini mill-Unjoni għal ċerti prodotti u servizzi minn setturi strateġiċi fil-kuntest tal-akkwist pubbliku u tal-iskemi ta' appoġġ pubbliku.

Dan jistabbilixxi rekwiżiti ta' livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju għall-azzar, u rekwiżiti ta' oriġini mill-Unjoni u ta' livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju għall-konkrit u għat-tajn u għall-aluminju użati f'setturi downstream speċifiċi, jiġifieri l-bini, l-infrastruttura u t-trasport, kif ukoll rekwiżiti ta' oriġini mill-Unjoni għall-vetturi. Barra minn hekk, dan jipprovdi awtonomizzazzjoni biex jiġu stabbiliti miżuri min-naħa tad-domanda li jikkonċernaw prodotti mill-industrija tas-sustanzi kimiċi.

Il-Kapitolu IV jistabbilixxi l-qafas għall-impożizzjoni ta' kundizzjonijiet fuq l-investimenti diretti barranin f'setturi strateġiċi emerġenti, fejn il-valur tal-investiment jaqbeż il-EUR 100 miljun. Investiment bħal dan mhux se jidħol fis-seħħ sakemm il-kundizzjonijiet rilevanti ma jkunux ġew issodisfati bis-sħiħ. L-Awtoritajiet tal-Investiment deżinjati mill-Istati Membri se jkunu responsabbli għar-rieżami u għall-monitoraġġ tal-konformità ma' dawk il-kundizzjonijiet, bil-Kummissjoni li taqdi rwol ta' koordinazzjoni.

Il-Kapitolu V jistabbilixxi qafas għad-deżinjazzjoni ta' żoni ta' aċċellerazzjoni tal-manifattura industrijali mill-Istati Membri abbażi ta' sett definit ta' kriterji. Dawn iż-żoni huma maħsuba biex jiffaċilitaw ir-raggruppament ġeografiku tal-attivitajiet industrijali u biex jippromwovu kundizzjonijiet favorevoli għall-industriji stabbiliti fihom. Iż-żoni ta' aċċellerazzjoni tal-manifattura industrijali se jiġu żviluppati f'sinerġija ma' inizjattivi oħra tal-Unjoni.

Il-Kapitolu VI jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet komuni u finali tar-Regolament billi jistabbilixxi r-regoli ta' implimentazzjoni, inklużi l-evalwazzjoni, il-monitoraġġ, ir-rieżami, l-eżerċizzju tas-setgħa ta' delega u l-penali. Dan jinkludi wkoll emendi tar-Regolament (UE) 2018/1724 [ir-Regolament dwar il-Gateway Diġitali Unika]; ir-Regolament (UE) 2024/1735 [l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti], inklużi d-dispożizzjonijiet dwar ir-rekwiżiti ta' oriġini għall-proċeduri ta' akkwist pubbliku; ir-rekwiżiti taċ-ċibersigurtà għall-akkwist pubbliku u d-dispożizzjonijiet imsaħħa taċ-ċibersigurtà għall-irkantijiet; ir-rekwiżiti ta' oriġini għall-irkantijiet u għal tipi oħra ta' intervent pubbliku. Fl-aħħar nett, dan jinkludi emendi tar-Regolament (UE) 2024/3110 [ir-Regolament dwar il-Prodotti għall-Bini] sabiex jiġu żgurati l-koerenza u s-sinerġiji ma' din il-proposta, u biex jiġu appoġġati l-objettivi tagħha.

L-Anness I jistabbilixxi l-lista ta' setturi għaż-żoni ta' aċċellerazzjoni tal-manifattura industrijali.

L-Anness II jiddefinixxi r-rekwiżiti ta' kontenut b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, ir-rekwiżiti ta' oriġini mill-Unjoni, jew it-tnejn, għal ċerti prodotti ta' industriji intensivi fl-enerġija fil-kuntest tal-proċeduri ta' akkwist pubbliku u tal-iskemi ta' appoġġ pubbliku.

L-Anness III jistabbilixxi r-rekwiżiti ta' oriġini mill-Unjoni għall-vetturi għall-proċeduri ta' akkwist pubbliku u għall-iskemi ta' appoġġ pubbliku. Dan jistabbilixxi wkoll il-kriterji biex vettura żgħira b'emissjonijiet żero titqies bħala "Magħmul fl-UE" għall-finijiet tal-Artikolu 5 tar-Regolament 2019/631.

L-Anness IV jistabbilixxi l-emenda tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/1724.

2026/0068 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jistabbilixxi qafas ta' miżuri għall-aċċellerazzjoni tal-kapaċità industrijali u għad-dekarbonizzazzjoni f'setturi strateġiċi u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/1724, (UE) 2024/1735 u (UE) 2024/3110**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 114 u 207(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[20],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[21],

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Il-pandemija globali tal-COVID-19, il-gwerra ta' aggressjoni illegali u mhux ipprovokata tar-Russja kontra l-Ukrajna, l-azzjonijiet ekonomiċi ostili, l-attakki ċibernetiċi, l-interferenza barranija, l-użu tad-dipendenzi ekonomiċi tal-Unjoni bħala arma, il-varar arbitrarju ta' miżuri kummerċjali, l-effetti dejjem akbar tat-tibdil fil-klima u t-tensjonijiet ġeopolitiċi li dejjem jiżdiedu esponew il-vulnerabbiltajiet tal-Unjoni u huma theddida serja għas-soċjetajiet, għall-ekonomiji, u għall-impriżi tal-Unjoni. Għalhekk, is-sigurtà ekonomika tal-Unjoni hija marbuta b'mod inseparabbli mal-kapaċità tagħha li ssaħħaħ ir-reżiljenza u ttaffi r-riskji li jirriżultaw minn interkonnessjonijiet ekonomiċi ostili. L-Unjoni hija impenjata li tipproteġi s-sigurtà ekonomika tagħha u li tindirizza t-theddid għall-ktajjen tal-provvista, għall-infrastruttura u għat-teknoloġiji ewlenin tagħha u t-theddid li jirriżulta mill-użu tad-dipendenzi ekonomiċi tagħha bħala arma[22]. Is-sigurtà ekonomika u l-koeżjoni soċjali tal-Unjoni huma marbuta b'mod inseparabbli mal-kapaċità tagħha li ssaħħaħ ir-reżiljenza tagħha u ttaffi r-riskji li jirriżultaw mill-interkonnessjonijiet ekonomiċi. Dak jeħtieġ it-tisħiħ tar-reżiljenza tal-ktajjen tal-provvista tagħha u s-salvagwardja tas-suq intern u tal-kapaċità industrijali tagħha, filwaqt li tinżamm il-koeżjoni territorjali, soċjali u ekonomika, inkluż billi titrawwem bażi industrijali b'saħħitha u kompetittiva f'setturi strateġiċi magħżula, bħal teknoloġiji nodfa u diġitali, industriji intensivi fl-enerġija u s-settur awtomobilistiku, biex jiġi żgurat aċċess għal materjali u teknoloġiji strateġiċi u jinżammu impjiegi ta' kwalità għolja fl-Unjoni.

[20] […]

[21] […]

[22] https://www.consilium.europa.eu/mt/policies/european-economic-security/

(2) L-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà Ekonomika[23], u l-Komunikazzjoni dwar is-Sigurtà Ekonomika tat-3 ta' Diċembru 2025[24] stabbilew b'mod ċar il-perkors tal-Unjoni lejn l-indirizzar tat-tensjonijiet ġeoekonomiċi u l-bidliet teknoloġiċi biex jiġu evitati d-dipendenzi ekonomiċi fil-ktajjen kritiċi tal-provvista industrijali, fit-teknoloġiji u fl-infrastrutturi li jistgħu jwasslu għal skarsezzi lokali u jheddu l-kompetittività u l-ekonomija tal-Unjoni u fl-aħħar mill-aħħar il-koeżjoni soċjali tagħha.

(3) Minkejja l-objettivi tal-Unjoni tas-sigurtà ekonomika, ir-reżiljenza, l-impjiegi ta' kwalità u n-newtralità klimatika, il-kapaċità tal-manifattura naqset matul l-aħħar 20 sena. Is-sehem tal-manifattura fil-PDG totali naqas minn 17,4 % għal 14,3 % bejn l-2000 u l-2024. Għalhekk, huwa neċessarju li jissaħħu r-reżiljenza ekonomika, il-kompetittività u l-ħolqien tax-xogħol, filwaqt li jiġi żgurat ukoll li jintlaħqu l-miri tal-klima u tal-enerġija tal-Unjoni. Il-kapaċità tal-manifattura tal-Unjoni jenħtieġ li jkollha l-għan li tirrappreżenta mill-inqas 20 % tal-prodott domestiku gross tal-Unjoni sal-2035. L-iżvilupp ta' proġetti ta' manifattura industrijali fl-Unjoni jenħtieġ li jiġi ffaċilitat biex jikkontribwixxi għal dak l-objettiv.

(4) L-isfidi ppreżentati mill-ħtieġa għad-dekarbonizzazzjoni industrijali u għal produzzjoni industrijali reżiljenti huma kumplessi u jmorru lil hinn mill-fruntieri nazzjonali. Il-miżuri nazzjonali frammentati mmirati biex jindirizzaw dawk l-isfidi jirriskjaw li jimminaw il-funzjonament tas-suq intern. Il-miżuri adottati mill-Istati Membri individwali jistgħu jwasslu għal rekwiżiti diverġenti imposti fuq l-operaturi tas-suq, prattiki ta' akkwist inkonsistenti u proċeduri diverġenti għall-ħruġ tal-permessi madwar l-Istati Membri. Tali miżuri jistgħu joħolqu ostakli għall-kummerċ transfruntier fl-Unjoni u distorsjonijiet fis-suq intern, jimminaw il-kunfidenza tal-investituri, iżidu l-kostijiet, u jirridirezzjonaw il-flussi tal-investiment fl-Unjoni. Għalhekk, huwa neċessarju li jiġu stabbiliti miżuri armonizzati biex jiġi żgurat il-funzjonament xieraq tas-suq intern.

(5) Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali, jenħtieġ li ssir referenza għall-aktar reviżjoni reċenti tal-Klassifikazzjoni Ewropea tal-Attività Ekonomika (NACE Rev. 2). Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza mal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-Unjoni u sabiex tkun tista' ssir l-applikazzjoni uniformi ta' dan ir-Regolament madwar l-Unjoni, il-manifattura industrijali kif ukoll l-industriji intensivi fl-enerġija jenħtieġ li jiġu ddefiniti billi ssir referenza għall-kodiċijiet ta' klassifikazzjoni tal-NACE[25].

(6) L-industriji intensivi fl-enerġija huma pilastru ewlieni tal-prosperità tal-Unjoni. Dawn jippermettu firxa wiesgħa ta' industriji downstream u jikkontribwixxu għall-ekonomija tal-Unjoni billi joħolqu x-xogħol, jappoġġaw it-tkabbir u jrawmu l-innovazzjoni. Madankollu, dawn jirrappreżentaw ukoll madwar 22,3 % tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Unjoni u jeħtieġu investimenti sostanzjali fid-dekarbonizzazzjoni, li jwasslu wkoll għal tnaqqis fit-tniġġis. Il-kombinazzjoni ta' prezzijiet għoljin tal-enerġija, il-ħtieġa għal investimenti ta' dekarbonizzazzjoni fuq skala kbira u kompetizzjoni globali inġusta tpoġġi lill-industriji intensivi fl-enerġija fi żvantaġġ kompetittiv, u hemm sinjali dejjem akbar ta' tnaqqis industrijali.

---

23 Il-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew u lill-Kunsill dwar "Strateġija Ewropea ta' Sigurtà Ekonomika" (JOIN/2023/20 final).

24 Il-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill Insaħħu s-sigurtà ekonomika tal-UE (JOIN(2025)977 final).

25 Bl-eċċezzjoni tal-Kodiċi NACE C12, il-likwidi elettroniċi użati f'apparati tal-vaping u fi prodotti li fihom in-nikotina taħt C20.59 u l-manifattura ta' sigaretti elettroniċi u ta' apparat tat-tisħin tat-tabakk taħt C32.99 (sakemm ma jkunux awtorizzati bħala prodotti mediċinali jew iċċertifikati bħala apparati mediċi).

(7) It-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti huma kruċjali biex jintlaħqu l-miri tal-enerġija u tal-klima tal-Unjoni. Dawn għandhom rwol kruċjali fit-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u jippermettu d-dekarbonizzazzjoni ta' firxa wiesgħa ta' setturi ekonomiċi, inklużi l-bini, it-trasport u l-industrija. Huma wkoll kruċjali fl-avvanzar tas-soluzzjonijiet tal-enerġija sostenibbli, billi jippermettu d-dekarbonizzazzjoni tal-provvista tal-enerġija u jipprovdu soluzzjonijiet innovattivi biex jippermettu l-espansjoni u d-diġitalizzazzjoni meħtieġa tal-grilji tal-elettriku u tas-sistema tal-enerġija b'mod ġenerali. Madankollu, is-settur tal-manifattura tal-Unjoni b'teknoloġija b'emissjonijiet żero netti jiffaċċja sfidi sinifikanti, inkluża ż-żieda tal-pressjonijiet kompetittivi globali u tal-vulnerabbiltajiet tal-katina tal-provvista li jipperikolaw il-kompetittività u r-reżiljenza ekonomika tal-Unjoni.

(8) Il-bijoekonomija hija kapaċi tipprovdi soluzzjonijiet sostenibbli tal-bijomassa u b'bażi bijoloġika għall-produzzjoni industrijali. Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Qafas Strateġiku għal Bijoekonomija Kompetittiva u Sostenibbli tal-UE"[26] tidentifika swieq pilota, bħall-plastiks u l-polimeri b'bażi bijoloġika, is-sustanzi kimiċi b'bażi bijoloġika u l-prodotti għall-kostruzzjoni b'bażi bijoloġika, kif ukoll it-teknoloġiji ewlenin li jistgħu jappoġġaw l-awtonomija strateġika tal-Unjoni u d-dekarbonizzazzjoni tas-setturi industrijali identifikati f'din l-inizjattiva.

(9) L-industrija awtomobilistika hija pedament tal-ekonomija tal-Unjoni. Bil-ħsieb li jintlaħqu l-objettivi tal-politika klimatika tal-Unjoni, matul l-aħħar snin, l-industrija awtomobilistika Ewropea kienet qed tinvesti ħafna fl-iżvilupp ta' vetturi aktar nodfa u komponenti innovattivi. Il-vetturi elettriċi u l-komponenti tal-vetturi elettriċi, inklużi l-batteriji tat-trazzjoni, il-komponenti tal-motopropulsjoni elettronika u s-sistemi elettroniċi, huma teknoloġiji essenzjali għall-avvanzar tad-dekarbonizzazzjoni tat-trasport bit-triq. Madankollu, bħala riżultat tal-iżvantaġġi fil-kostijiet u tat-trasformazzjoni tal-katina tal-valur b'sehem dejjem akbar fil-valur għall-batteriji, għall-motopropulsjoni elettronika u għall-elettronika, il-livell tal-kontenut tal-Unjoni fil-vetturi prodotti fl-Unjoni qed jonqos. Ma għadux possibbli li jiġu posposti miżuri effettivi biex jiġi evitat ir-riskju li l-produzzjoni lokali tiġi spostata. Fl-assenza ta' miżuri bħal dawn, iċ-ċirkostanzi kurrenti jwasslu għal dipendenza sħiħa fuq pajjiżi terzi għall-komponenti ewlenin tal-vetturi. Din tkun theddida serja għas-sigurtà ekonomika u għar-reżiljenza futura tal-Unjoni, kif ukoll għall-għanijiet klimatiċi tagħha.

(10) In-nuqqas ta' prevedibbiltà, il-kumplessità u, xi drabi, it-tul eċċessiv tal-proċeduri nazzjonali għall-ħruġ tal-permessi jimminaw il-kosteffettività tal-investimenti neċessarji għall-iżvilupp tal-attivitajiet industrijali. Għalhekk, u sabiex tiġi żgurata u aċċellerata implimentazzjoni effettiva tal-attivitajiet tal-manifattura industrijali, l-Istati Membri jenħtieġ li japplikaw proċessi razzjonalizzati u diġitalizzati għall-ħruġ tal-permessi. L-awtorità kompetenti jenħtieġ li tikkoordina l-proċessi kollha għall-ħruġ tal-permessi u toħroġ deċiżjoni komprensiva fit-terminu applikabbli.

(11) L-implimentazzjoni ta' punti uniċi ta' aċċess jenħtieġ li tkun ibbażata fuq il-Kartieri Ewropej tan-Negozju stabbiliti skont [Proposta għal Regolament dwar l-istabbiliment ta' Kartieri Ewropej tan-Negozju[27]], peress li jipprovdu pjattaforma sigura, standardizzata u interoperabbli biex in-negozji biex jinteraġixxu ma' korpi tas-settur

[26] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Qafas Strateġiku għal Bijoekonomija Kompetittiva u Sostenibbli tal-UE (COM(2025)960).

[27] Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' Kartieri Ewropej tan-Negozju (COM/2025/838 final).

pubbliku. Jenħtieġ li dan jippermetti s-sottomissjoni effiċjenti u effettiva tal-applikazzjonijiet, filwaqt li jiżgura livell għoli ta' protezzjoni tad-data, ta' ċibersigurtà, u ta' integrità tal-informazzjoni. Il-Kartieri Ewropej tan-Negozju se jippermettu wkoll ir-razzjonalizzazzjoni tal-investimenti li saru u l-evitar ta' duplikazzjonijiet mhux neċessarji, li jippermettu l-ottimizzazzjoni tar-riżorsi u t-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi għan-negozji. L-implimentazzjoni ta' punti uniċi ta' aċċess jenħtieġ li tuża wkoll, sa fejn ikun possibbli, l-infrastrutturi diġitali, il-katalogi u l-element kostitwenti eżistenti tal-Unjoni, inklużi dawk żviluppati taħt is-Sistema Teknika ta' "Darba Biss" u l-atti ta' implimentazzjoni tagħha. Dan jippromwovi l-komplementarjetà, l-interoperabbiltà u l-użu effiċjenti tar-riżorsi pubbliċi, filwaqt li jevita d-duplikazzjoni tas-soluzzjonijiet diġitali eżistenti.

(12) Sabiex jiġu żgurati proċeduri razzjonalizzati u ssimplifikati għall-ħruġ tal-permessi, jenħtieġ li tiġi pprovduta applikazzjoni waħda li tkopri l-permessi kollha meħtieġa għall-proġetti kollha ta' manifattura industrijali ħlief għas-settur tal-manifattura taħt il-kodiċi C12. Jenħtieġ li tapplikax meta jiġu stabbiliti proċeduri jew rekwiżiti speċifiċi għall-ħruġ tal-permessi jew tal-liċenzji fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni għal proġetti ta' manifattura industrijali, bħal skont ir-Regolamenti (UE) 2024/1735[28] u (UE) 2024/1252[29] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Il-leġiżlazzjoni settorjali tal-Unjoni li tirregola l-mediċini u l-apparati mediċi dan l-aħħar għaddiet jew qed tgħaddi minn aktar razzjonalizzazzjoni tar-regoli u l-iskedi ta' żmien armonizzati għall-awtorizzazzjonijiet u għaċ-ċertifikazzjonijiet, b'għażliet biex jitħaffef il-proċess jekk ikun neċessarju. Għalhekk, dawk ir-regoli jenħtieġ li ma jitqisux bħala proċeduri għall-ħruġ tal-permessi fil-kuntest ta' din l-inizjattiva.

(13) Ir-Regolament (UE) [202X/XX] ta' […][30] jistabbilixxi qafas komuni ta' aċċellerazzjoni għall-valutazzjonijiet ambjentali sabiex tingħata spinta lit-tnedija ta' teknoloġiji ewlenin mill-Unjoni, jitnaqqsu d-dipendenzi u tissaħħaħ il-kompetittività. Il-proċeduri marbuta mal-valutazzjonijiet ambjentali jenħtieġ li jiġu aċċellerati u rrazzjonalizzati għal pjanijiet, għal programmi u għal proġetti fis-setturi kollha tal-ekonomija filwaqt li jinżammu livelli għoljin ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent. Madankollu, xi setturi jaf ikunu jeħtieġu valutazzjonijiet ambjentali saħansitra aktar rapidi. Għalhekk, u sabiex tiġi ssalvagwardjata l-koerenza tal-qafas legali tal-valutazzjonijiet ambjentali, filwaqt li jiġu permessi l-ħtiġijiet addizzjonali għall-aċċellerazzjoni f'ċerti setturi strateġiċi, ir-Regolament (UE) [202X/XX] jistabbilixxi sett ta' għodod iddedikat li, għalhekk, jenħtieġ li jintuża fil-kuntest ta' dan ir-Regolament. Minħabba r-rwol essenzjali tagħhom fl-iżgurar tal-kisba tal-objettivi klimatiċi tal-Unjoni, u l-kontribut tagħhom għar-reżiljenza u għas-sigurtà ekonomika tal-Unjoni, il-proġetti ta' dekarbonizzazzjoni tal-industrija intensivi fl-enerġija, il-proġetti ta' manifattura industrijali li jinsabu f'żoni ta' aċċellerazzjoni tal-manifattura industrijali, u l-proġetti ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti jenħtieġ li jitqiesu

[28] Ir-Regolament (UE) 2024/1735 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 dwar l-istabbiliment ta' qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tal-manifattura ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1724 (ĠU L, 2024/1735, 28.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1735/oj).

[29] Ir-Regolament (UE) 2024/1252 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 li jistabbilixxi qafas li jiżgura provvista sigura u sostenibbli tal-materja prima kritika u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 168/2013, (UE) 2018/858, (UE) 2018/1724 u (UE) 2019/1020 (ĠU L, 2024/1252, 3.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1252/oj).

[30] Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tħaffif tal-valutazzjonijiet ambjentali (COM/2025/984 final, 10.12.2025).

bħala proġetti strateġiċi skont it-tifsira tar-Regolament (UE) [202X/XX] u, għalhekk, jibbenefikaw mis-sett ta' għodod iddedikat stabbilit skont dak ir-Regolament.

(14) Ir-Regolament (UE) 2024/1735 jistabbilixxi dispożizzjonijiet li jirrazzjonalizzaw il-proċessi amministrattivi u tal-ħruġ tal-permessi għal proġetti ta' manifattura ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti. Xi komponenti speċifiċi fil-katina tal-provvista ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti jiġu prodotti permezz ta' proċessi ta' produzzjoni intensivi fl-enerġija. Il-proġetti tad-dekarbonizzazzjoni tal-industrija intensiva fl-enerġija jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2024/1735 fejn il-faċilitajiet rilevanti jipproduċu komponenti li huma parti mill-katina tal-provvista ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti. Madankollu, il-faċilitajiet intensivi fl-enerġija li ma jipproduċux komponenti li jintużaw f'teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti bħalissa huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2024/1735. Dan joħloq ir-riskju ta' kundizzjonijiet mhux uniformi bejn l-industriji intensivi fl-enerġija u jnaqqas ir-ritmu tal-isforzi tad-dekarbonizzazzjoni. Għalhekk, il-proġetti kollha ta' dekarbonizzazzjoni intensivi fl-enerġija jenħtieġ li jkunu soġġetti għall-istess proċessi għall-ħruġ tal-permessi.

(15) L-Unjoni jenħtieġ li tadotta approċċ aktar strateġiku fl-ingranaġġ tal-piż ekonomiku tagħha u tal-valur tal-aċċess għas-suq intern tagħha. F'dak il-kuntest, l-użu strateġiku tal-intervent pubbliku huwa essenzjali biex jiġu evitati dipendenzi kritiċi fl-Unjoni. L-akkwist pubbliku jirrappreżenta 15 % tal-PDG tal-Unjoni. Għalhekk, fejn xieraq, l-awtoritajiet u l-entitajiet kontraenti jenħtieġ li jiżguraw li r-rekwiżiti dwar l-akkwist pubbliku jrawmu s-sigurtà ekonomika u r-reżiljenza tal-ktajjen tal-provvista. L-iskemi ta' appoġġ pubbliku għandhom ukoll rwol importanti fl-istimular tad-domanda f'setturi downstream li jirrappreżentaw sehem sinifikanti tad-domanda għal ċerti prodotti u teknoloġiji strateġiċi. Għalhekk, skemi bħal dawn jenħtieġ li jiffavorixxu lill-benefiċjarji li jagħtu kontribut akbar għat-tisħiħ tar-reżiljenza tal-Unjoni u għall-avvanzar tal-objettivi ta' dekarbonizzazzjoni tagħha. L-irkantijiet huma kruċjali għall-implimentazzjoni ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti u jenħtieġ li jkunu mfassla biex irawmu d-domanda għal teknoloġiji bħal dawn inklużi komponenti li joriġinaw mill-Unjoni.

(16) L-Unjoni u l-Istati Membri jżommu ambjent ta' investiment miftuħ, kif stabbilit fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u inkorporat fl-impenji internazzjonali tagħhom. Dan jinkludi impenji skont il-Ftehim dwar l-Akkwist Pubbliku (GPA, Government Procurement Agreement) tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ[31], kif ukoll ftehimiet kummerċjali bilaterali, biex jinfetħu proċeduri ta' akkwist pubbliku u forom oħra ta' intervent pubbliku. Fl-istess ħin, l-Unjoni żżomm id-dritt li tapplika eċċezzjonijiet ġenerali jew tas-sigurtà. Il-Kummissjoni se tivvaluta b'mod regolari jekk il-kundizzjonijiet għall-esklużjoni ta' pajjiż terz mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet li jqisu l-kontenut li joriġina minn pajjiżi terzi bħala ekwivalenti għall-oriġini mill-Unjoni, humiex fis-seħħ, u se tieħu azzjoni xierqa. Is-sigurtà ekonomika għandha l-għan li tipproteġi u ssaħħaħ is-suq intern. L-Istati Membri ma jistgħux jiddependu fuq is-sigurtà ekonomika biex jipprevjenu, jikkundizzjonaw, jew inkella jfixklu bi kwalunkwe mod l-investimenti li ġejjin minn Stati Membri oħra.

(17) L-integrazzjoni progressiva tal-pajjiżi kandidati u tal-kandidati potenzjali fis-suq intern tal-Unjoni, inkluż permezz tal-parteċipazzjoni gradwali tagħhom fil-politiki u

[31] L-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), Agreement on Government Procurement 2012, disponibbli fuq https://www.wto.org/english/docs_e/legal_e/rev-gpr-94_01_e.pdf.

fil-programmi tal-Unjoni, hija essenzjali biex tappoġġa l-allinjament tagħhom mal-*acquis*, issaħħaħ il-kompetittività tagħhom, tippromwovi l-integrazzjoni aktar profonda tagħhom fil-ktajjen tal-valur tal-Unjoni u ttejjeb is-sigurtà ekonomika tal-Unjoni. Għalhekk, dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkontribwixxi għat-trawwim ta' tali integrazzjoni gradwali, inkluż billi jiffaċilita l-parteċipazzjoni tal-operaturi ekonomiċi minn dawk il-pajjiżi fi ktajjen tal-valur għall-Unjoni kollha, l-akkwist pubbliku tal-Unjoni, l-iskemi ta' appoġġ pubbliku u l-irkantijiet fejn xieraq u f'konformità mal-interessi u mal-objettivi tal-Unjoni.

(18) Filwaqt li tirrikonoxxi l-importanza tal-avvanz tal-Unjoni lejn awtonomija u reżiljenza strateġiċi akbar, l-Unjoni jenħtieġ li tirrikonoxxi wkoll għal raġunijiet ta' koerenza l-isforzi proattivi tal-pajjiżi sħab biex tingħata prijorità lill-parteċipazzjoni domestika f'attivitajiet ekonomiċi, simili għall-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament. Fil-kuntest tal-implimentazzjoni tar-rekwiżiti ta' oriġini mill-Unjoni f'ċerti kategoriji ta' proċeduri ta' akkwist pubbliku u tal-iskemi pubbliċi, l-Unjoni jenħtieġ li tikkunsidra bil-ħsieb il-kundizzjonijiet tal-kontenut tal-pajjiżi sħab għal investimenti strateġiċi ffinanzjati jew appoġġati mill-Unjoni f'dawn il-pajjiżi sħab, filwaqt li taċċetta l-preżenza tagħhom. Dan l-approċċ strateġiku huwa mistenni li jtejjeb il-benefiċċji ekonomiċi reċiproċi, isaħħaħ is-sħubijiet strateġiċi, u jallinja mal-objettivi ġenerali tal-Unjoni tas-sħubijiet internazzjonali.

(19) Il-miżuri min-naħa tad-domanda jenħtieġ li jiffukaw fuq l-istabbiliment ta' rekwiżiti ta' livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju għall-azzar, għas-siment u għall-aluminju użati fil-bini, fl-infrastruttura u fil-vetturi bil-mutur, fejn xieraq, peress li dawk is-setturi huma l-aktar industriji intensivi fl-enerġija. Il-miżuri mmirati min-naħa tad-domanda madwar l-Unjoni jistgħu jgħinu biex jinħolqu swieq pilota għal prodotti industrijali intensivi fl-enerġija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u manifatturati fl-Unjoni, filwaqt li jappoġġaw id-dekarbonizzazzjoni u jsaħħu l-bażi industrijali tal-Unjoni.

(20) Is-setturi downstream li jirrappreżentaw sehem kbir mid-domanda għal ċerti materjali intensivi fl-enerġija, bħas-settur tal-kostruzzjoni u dak awtomobilistiku, jenħtieġ li jingħataw prijorità skont dan ir-Regolament meta jiġu stabbiliti r-rekwiżiti ta' livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, ir-rekwiżiti ta' oriġini mill-Unjoni, jew it-tnejn. Dan huwa partikolarment xieraq minħabba li tali setturi bħal dawn huma soġġetti b'mod sinifikanti għall-akkwist pubbliku u għall-iskemi ta' appoġġ, filwaqt li s-sehem ta' input intensiv fl-enerġija fil-valur totali tal-produzzjoni huwa relattivament żgħir u, għalhekk, jimminimizza l-impatt ta' kwalunkwe primjum fuq il-prezz.

(21) Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza regolatorja mal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-Unjoni dwar il-prodotti, l-azzar, il-konkrit u l-aluminju fil-kostruzzjoni jenħtieġ li jitqiesu b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-miżuri ta' implimentazzjoni adottati skont ir-Regolamenti (UE) 2024/3110[32] u (UE) 2024/1781[33] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

[32] Ir-Regolament (UE) 2024/3110 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2024 li jistabbilixxi regoli armonizzati għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti għall-bini u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 (ĠU L, 2024/3110, 18.12.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/3110/oj).

[33] Ir-Regolament (UE) 2024/1781 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 li jistabbilixxi qafas għall-istabbiliment ta' rekwiżiti tal-ekodisinn għal prodotti sostenibbli, li jemenda d-Direttiva (UE) 2020/1828 u r-Regolament (UE) 2023/1542 u li jħassar id-Direttiva 2009/125/KE (ĠU L, 2024/1781, 28.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1781/oj).

(22) Il-Komunikazzjoni dwar il-Patt għal Industrija Nadifa[34] enfasizzat il-ħtieġa li jinħolqu swieq pilota għal prodotti industrijali b'intensità baxxa ta' emissjonijiet tal-gassijiet serra, inkluż billi jiġu promossi prodotti bħal dawn fis-suq intern permezz tal-istabbiliment ta' skema ta' tikkettar tal-Unjoni, li tibda mis-settur tal-azzar. Dak jenħtieġ li jitqies fil-kuntest tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-prodotti diġà mfassla biex tintroduċi rekwiżiti ta' tikkettar u ta' informazzjoni, inklużi rekwiżiti komprensivi dwar it-tikkettar tal-prodotti li għandhom jiġu stabbiliti skont l-atti delegati skont ir-Regolamenti (UE) 2024/3110 u (UE) 2024/1781. Meta titqies l-importanza kemm tal-produzzjoni tal-azzar primarja kif ukoll dik sekondarja għar-reżiljenza fit-tul tal-bażi industrijali tal-Unjoni, tali rekwiżiti jenħtieġ li jkunu bbażati fuq klassijiet ta' prestazzjoni li jirrikonoxxu l-isforz differenti ta' dekarbonizzazzjoni tar-rotot tat-teknoloġiji, filwaqt li jippremjaw ukoll iċ-ċirkolarità, jaġġustaw il-limiti tal-intensità tal-emissjonijiet abbażi tal-perċentwal ta' ruttam tal-metall użat fil-produzzjoni għal dawk il-kategoriji ta' prodotti li tipikament jeħtieġu produzzjoni tal-azzar primarja, kif neċessarju. Jenħtieġ li jkun possibbli wkoll li jiġu kkomplementati l-atti delegati adottati skont ir-Regolamenti (UE) 2024/3110 u (UE) 2024/1781 sabiex jiġi appoġġat il-ħolqien ta' swieq pilota billi jiġu infurmati d-deċiżjonijiet ta' investiment lejn prodotti mogħtija klassi aktar baxxa ta' prestazzjoni tal-intensità tal-gassijiet serra, għal prodotti industrijali li għadhom ma humiex regolati minn Att Delegat skont ir-Regolament (UE) 2024/1781, jew koperti fl-ambitu tal-prodotti inklużi fil-pjan ta' ħidma adottat f'konformità ma' dak ir-Regolament. Sabiex isir dan, jenħtieġ li jkun possibbli li jiġu stabbiliti sistemi ta' klassifikazzjoni volontarji bbażati fuq l-intensità tal-gassijiet serra tal-prodotti industrijali. Sabiex jiġu pprovduti l-integrità ambjentali u l-fattibbiltà amministrattiva, huwa importanti li wieħed jiddependi fuq metodoloġiji stabbiliti u mmonitorjati sew tal-kontabbiltà tal-emissjonijiet. Għall-installazzjonijiet u għas-subinstallazzjonijiet domestiċi, is-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (EU ETS, EU Emissions Trading System) tipprovdi l-parametri referenzjarji tal-prodotti rilevanti u l-konfini tas-sistema fl-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/331[35] u r-regoli tal-kontabbiltà tal-emissjonijiet tal-ħoss fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2066[36]. Fir-rigward tal-prodotti importati, sabiex jiġi limitat il-piż amministrattiv, huwa xieraq li jkun permess l-użu ta' data diġà vverifikata fil-kuntest tal-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri (CBAM, Carbon Border Adjustment Mechanism), f'konformità mar-regoli ta' implimentazzjoni adottati skont l-Artikolu 7(a) tar-Regolament (UE) 2023/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[37]. Bil-ħsieb li tiġi riflessa b'mod akkurat l-intensità tal-gassijiet serra tal-prodott industrijali, minbarra li jiġu koperti l-emissjonijiet diretti tipikament relatati mal-attivitajiet tal-installazzjoni koperti mill-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew

[34] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku għal Żmien l-Emissjonijiet Żero Netti (COM/2023/62 final, 1.2.2023).

[35] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/331 tad-19 ta' Diċembru 2018 li jiddetermina regoli tranżizzjonali għall-Unjoni kollha għall-allokazzjoni armonizzata bla ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet skont l-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 59, 27.2.2019, p. 8, 27.2.2019, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2019/331/oj).

[36] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2066 tad-19 ta' Diċembru 2018 dwar il-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 601/2012 (ĠU L 334, 31.12.2018, p. 1, 31.12.2018, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2018/2066/oj).

[37] Ir-Regolament (UE) 2023/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri (ĠU L 130, 16.5.2023, p. 52, 16.5.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/956/oj).

u tal-Kunsill[38], huwa xieraq li jitqiesu wkoll l-aktar sorsi importanti ta' emissjonijiet indiretti, inklużi dawk mill-produzzjoni tal-elettriku, tal-idroġenu u tas-sħana użati fil-proċess tal-manifattura. Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza u jiġi limitat il-piż amministrattiv, il-metodoloġiji użati għad-definizzjoni ta' rekwiżiti ta' livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jagħmlu użu mid-data dwar l-emissjonijiet irrapportata skont l-EU ETS u s-CBAM, fejn disponibbli u rilevanti.

(23) Sabiex jiġi żgurat li jintlaħqu l-objettivi ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari l-ħolqien ta' swieq pilota għal prodotti industrijali Ewropej b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, jenħtieġ li jiġu pprovduti speċifikazzjonijiet tekniċi obbligatorji minimi għal rekwiżiti ta' livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u ta' oriġini mill-Unjoni fil-proċeduri ta' akkwist pubbliku. Dawk ir-rekwiżiti jenħtieġ li japplikaw għall-akkwist ta' dawk il-prodotti f'kuntratti ta' provvista pubblika u f'xogħlijiet pubbliċi, f'kuntratti ta' servizzi pubbliċi u f'konċessjonijiet, fejn dawk il-prodotti jkunu se jintużaw għal attivitajiet imwettqa skont dawk il-kuntratti. F'konformità mal-qafas dwar l-akkwist pubbliku, dawk l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi minimi obbligatorji jenħtieġ li jevitaw li jirrestringu b'mod artifiċjali l-kompetizzjoni u jevitaw li jiffavorixxu operatur ekonomiku speċifiku. L-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti jenħtieġ li jwettqu l-proċeduri ta' akkwist pubbliku f'konformità mad-Direttivi 2014/23/[39]UE, 2014/24/UE[40] u 2014/25/UE[41] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u mal-leġiżlazzjoni settorjali applikabbli. L-oriġini mill-Unjoni tal-prodotti u tal-komponenti jenħtieġ li tiġi ddeterminata f'konformità mal-leġiżlazzjoni doganali tal-Unjoni.

(24) Sabiex tiġi żgurata l-fattibbiltà tar-rekwiżiti b'kost raġonevoli u tiġi evitata r-restrizzjoni tal-kompetizzjoni, huwa neċessarju li jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet li taħthom l-awtoritajiet kontraenti jistgħu, fuq bażi eċċezzjonali, jiddeċiedu li ma japplikawx ir-rekwiżiti ta' livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u ta' oriġini mill-Unjoni. Dawk il-kundizzjonijiet jenħtieġ li jkopru każijiet fejn l-applikazzjoni ta' tali rekwiżiti tirriżulta f'inkompatibbiltajiet tekniċi fl-operat jew fil-manutenzjoni ta' proġett bħal sitwazzjonijiet fejn l-użu ta' tali prodotti jirriskja li jikkomprometti t-twettiq tar-rekwiżiti bażiċi għax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni tal-bini jew tal-infrastruttura, stabbiliti fir-Regolament (UE) 2024/3110. Ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li japplikaw esklużivament għall-proċeduri ta' akkwist li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2014/23/UE, tad-Direttiva 2014/24/UE u tad-Direttiva 2014/25/UE, jiġifieri għal proċeduri li l-valur stmat tagħhom jilħaq jew jaqbeż il-limiti stabbiliti f'dawk id-Direttivi. Għaldaqstant, il-proċeduri ta' akkwist mhux koperti minn dawk id-Direttivi, inklużi dawk taħt il-limiti applikabbli, jenħtieġ li ma jkunux soġġetti għar-rekwiżiti stabbiliti minn dan ir-Regolament, u b'hekk jiġu

---

38 Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32, 25.10.2003, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2003/87/oj).

39 Id-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 1-64, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2014/23/oj).

40 Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2014/24/oj).

41 Id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243).

evitati obbligi sproporzjonati għal akkwisti ta' valur baxx imwettqa mill-awtoritajiet kontraenti, inkluż fil-livell lokali.

(25) Il-Pakkett awtomobilistiku adottat fis-16 ta' Diċembru 2025 jinkludi proposta biex jiġi emendat ir-Regolament (UE) 2019/631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[42] biex jipprovdi, fost l-oħrajn, għall-għoti ta' super krediti għal vetturi elettriċi affordabbli żgħar magħmula fl-Unjoni qabel l-2035 u jemenda l-mira għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-2035, bl-emissjonijiet li jifdal jiġu kkumpensati permezz tal-użu ta' azzar b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju magħmul fl-Unjoni jew ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju. Il-Pakkett awtomobilistiku jinkludi wkoll [proposta għal Regolament dwar vetturi korporattivi nodfa] li tillimita l-appoġġ finanzjarju għall-vetturi korporattivi għal vetturi korporattivi b'emissjonijiet żero u baxxi "magħmula fl-Unjoni Ewropea". Sabiex jiġu żgurati ċ-ċertezza u l-konsistenza legali mar-Regolament (UE) 2019/631 kif emendat u mal-[proposta għal Regolament dwar vetturi korporattivi nodfa], dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi definizzjonijiet ta' "vetturi elettriċi affordabbli żgħar magħmula fl-Unjoni", "azzar b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju magħmul fl-Unjoni" u "karozzi u vannijiet korporattivi magħmula fl-Unjoni Ewropea".

(26) Sabiex jiġu ssimplifikati l-proċeduri u jitnaqqas il-piż amministrattiv, il-verifika tal-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li ma timponix piż sproporzjonat fuq l-operaturi ekonomiċi jew fuq l-awtoritajiet kontraenti. Għalhekk, is-sistema ta' verifika jenħtieġ li tkun ibbażata fuq awtodikjarazzjoni mill-operaturi ekonomiċi. Approċċ bħal dan huwa konsistenti mal-qafas ġenerali għall-akkwist pubbliku stabbilit bid-Direttiva 2014/24/UE, b'mod partikolari l-Artikolu 59 tagħha, li jipprevedi awtodikjarazzjoni tal-konformità, soġġett għal verifika sussegwenti tal-offerent rebbieħ. Għall-vetturi, fil-mument tal-ħruġ taċ-ċertifikat ta' konformità f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[43], il-manifatturi jenħtieġ li jipprovdu dokument ta' akkumpanjament li jiċċertifika l-vetturi li jikkonformaw mar-rekwiżiti rilevanti ta' oriġini mill-Unjoni. Dan id-dokument jenħtieġ li jkun ekwivalenti għal awtodikjarazzjoni u jifforma parti mill-evidenza dokumentarja li turi l-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament.

(27) Sabiex jiġi żgurat li r-rekwiżiti stabbiliti minn dan ir-Regolament jibqgħu xierqa anke hekk kif il-kundizzjonijiet tas-suq, l-iżviluppi teknoloġiċi u l-objettivi tal-politika tal-Unjoni dwar il-klima u s-suq intern ikomplu jevolvu, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tirrevedi r-rekwiżiti abbażi ta' kriterji oġġettivi u tal-monitoraġġ tar-riżultati. Meta tivvaluta jekk għandhomx jiġu riveduti r-rekwiżiti ta' oriġini mill-Unjoni, ir-rekwiżiti ta' livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, jew it-tnejn, il-Kummissjoni jenħtieġ li tqis l-iżviluppi fl-oqfsa leġiżlattivi rilevanti, inkluża l-leġiżlazzjoni doganali dwar ir-regoli ta' oriġini, is-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet stabbilita fid-Direttiva 2003/87/KE, il-Mekkaniżmu ta' Aġġustament

---

[42] Ir-Regolament (UE) 2019/631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 li jistabbilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet ta' CO2 tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 443/2009 u (UE) Nru 510/2011 (ĠU L 111, 25.4.2019, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/631/oj).

[43] Ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 u li jħassar id-Direttiva 2007/46/KE (ĠU L 151, 14.6.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/858/oj).

tal-Karbonju fil-Fruntieri stabbilit fir-Regolament (UE) 2023/956, u l-istrumenti għad-difiża tal-kummerċ.

(28) L-investiment, inkluż minn entitajiet barranin, għandu rwol kritiku fit-trawwim ta' suq intern u ta' koeżjoni territorjali b'saħħithom, b'mod partikolari billi jippromwovi l-innovazzjoni u jixpruna t-tkabbir ekonomiku fl-Unjoni li huma essenzjali għall-kompetittività tagħha. Madankollu, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, investimenti partikolarment kbar li joriġinaw minn pajjiżi terzi li għandhom pożizzjoni sinifikanti ħafna fis-suq fil-livell globali jirriskjaw li jfixklu ktajjen tal-provvista importanti u s-sigurtà ta' setturi strateġiċi emerġenti li huma ta' importanza partikolari fl-iżvilupp tas-suq intern. Kundizzjonijiet diverġenti applikati mill-Istati Membri għal investimenti bħal dawn jifframmentaw is-suq intern billi joħolqu kundizzjonijiet mhux ugwali għall-investituri filwaqt li jippermettu investimenti li ma jikkontribwux valur miżjud ġenwin għall-ekonomija tal-Unjoni filwaqt li joħolqu riskju sinifikanti għall-iżvilupp u għas-sigurtà tal-provvista f'dawn is-setturi u joħolqu inċentiv għal "arbitraġġ regolatorju" mill-investituri. Li investimenti bħal dawn jitħallew jipproċedu mingħajr ebda kundizzjoni jista' jfisser li l-ħolqien tal-valur miżjud assoċjat ma' teknoloġiji strateġiċi magħżula u ma' attivitajiet innovattivi tal-manifattura jibqa' barra mill-Unjoni, li jkollu effett detrimentali għas-sigurtà tal-provvista u għall-iżvilupp teknoloġiku tal-Unjoni f'setturi strateġiċi emerġenti. Barra minn hekk, l-esponiment mingħajr kundizzjoni tas-suq intern għal investimenti kbar bħal dawn jirriskja li jqajjem dubji dwar l-avvanzi teknoloġiċi tal-Unjoni neċessarji għat-tranżizzjoni doppja u għall-kapaċitajiet ta' difiża tagħha. Għalhekk, id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jiżguraw li tali investimenti kbar li jiġu minn pajjiżi terzi li jkollhom pożizzjoni tas-suq partikolarment sinifikanti ma jfixklux is-sigurtà tal-provvista u s-sigurtà ekonomika tal-Unjoni, u jiżguraw l-avvanz teknoloġiku tagħha f'setturi strateġiċi emerġenti. Jekk tali investimenti ma jipprovdux għal parteċipazzjoni suffiċjenti tal-Unjoni u għal trasferiment tat-teknoloġija, is-sigurtà tal-provvista fit-tul ta' setturi strateġiċi emerġenti tiġi mxekkla minħabba nuqqas ta' kapaċitajiet tal-Unjoni indipendenti mill-pajjiż li jkollu sehem sinifikanti mill-provvista globali rilevanti. Barra minn hekk, ġie osservat li ċerti investimenti bħal dawn ma jinvolvux impjieg sinifikattiv tal-ħaddiema tal-Unjoni, li jipperikola l-iżvilupp tal-ħiliet kruċjali għall-iżvilupp ta' setturi strateġiċi emerġenti fis-suq intern.

(29) Sabiex jiġi żgurat li s-suq intern jibqa' attraenti għall-investiment, u li l-investiment iżid il-valur mal-ekonomija u mas-soċjetà tal-Unjoni, huwa neċessarju li jiġu stabbiliti kundizzjonijiet komuni għall-investiment dirett barrani f'setturi strateġiċi emerġenti tal-manifattura. Dawk is-setturi jenħtieġ li jkunu setturi tal-manifattura b'potenzjal innovattiv fejn l-entitajiet tal-Unjoni ma jkunux fil-fruntiera globali tal-innovazzjoni jew qrib tagħha, u fejn xieraq jenħtieġ li jiġu żgurati l-kapaċitajiet u l-parteċipazzjoni tal-Unjoni. Għal investituri barranin ta' pajjiż terz li jkollu aktar minn 40 % tal-kapaċità tal-manifattura globali f'setturi strateġiċi emerġenti jenħtieġ li japplikaw kriterji armonizzati. Sabiex tiġi żgurata l-effettività tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni jenħtieġ li timmonitorja l-kapaċità globali tal-manifattura ta' dawk is-setturi u tippubblika r-riżultati.

(30) L-investimenti barranin Greenfield iseħħu meta l-investitur barrani jew is-sussidjarja ta' investitur barrani fl-Unjoni tistabbilixxi faċilitajiet ġodda jew impriża ġdida fl-Unjoni. L-investimenti barranin kemm Greenfield kif ukoll dawk f'art abbandunata jenħtieġ li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament sal-punt li jinvolvu l-akkwiżizzjoni ta' kontroll fuq entità fil-mira tal-Unjoni jew fuq assi tal-Unjoni,

peress li t-tnejn li huma għandhom il-possibbiltà li jħallu impatt fuq is-suq intern li jiffunzjona tajjeb.

(31) Ir-rieżami tal-investimenti u tal-applikazzjoni tal-kundizzjonijiet armonizzati jenħtieġ li jitwettaq f'konformità ma' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li jqis l-informazzjoni kollha disponibbli u jaderixxi mal-prinċipju tal-proporzjonalità. Barra minn hekk, il-miżuri kollha meħuda mill-awtoritajiet nazzjonali jew mill-Kummissjoni fir-rigward tar-rieżami tal-investimenti barranin jenħtieġ li jikkonformaw mad-dritt tal-Unjoni, u b'mod partikolari mal-Artikoli 49 u 63 tat-TFUE.

(32) Għalhekk, id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li japplikaw għall-investimenti diretti barranin f'setturi strateġiċi emerġenti f'konformità mal-limiti stabbiliti minn dan ir-Regolament, minkejja l-mekkaniżmu ta' skrinjar stabbilit skont ir-Regolament (UE) 2019/452 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[44]. Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li japplikaw ukoll mingħajr preġudizzju għall-istrumenti tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni, inkluż ir-Regolament (UE) 2022/2560 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[45] u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004[46].

(33) Il-kriterji ta' investiment dirett barrani jenħtieġ li jkopru l-investimenti fis-settur strateġiku emerġenti fl-Unjoni minn investituri ta' pajjiżi terzi ("investituri barranin") fl-Unjoni. Madankollu, jista' jkun neċessarju wkoll li jiġu inklużi investimenti fl-Unjoni minn entitajiet li jkunu kkontrollati, direttament jew indirettament, minn persuna jew minn entità ta' pajjiż terz irrispettivament mill-post tas-sid aħħari ("sussidjarja ta' investitur barrani"), peress li xorta jkunu kapaċi jfixklu l-funzjonament tas-suq intern, inklużi l-provvista u s-sigurtà ekonomika tiegħu, minħabba l-kontroll eżerċitat mill-pajjiż terz li għandu sehem sinifikanti mis-suq. Għalhekk, l-Awtoritajiet ta' Investiment jenħtieġ li japplikaw il-kriterji ta' investiment fejn ikunu meħtieġa b'mod ċar biex jiżguraw b'mod effettiv il-protezzjoni tas-sigurtà pubblika, il-provvista u s-sigurtà ekonomika, u s-sostenibbiltà ambjentali fl-Unjoni, u fejn dan ikun essenzjali għall-avvanzi teknoloġiċi tas-suq intern għall-finijiet tat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali u tad-difiża. Barra minn hekk, biex tiġi evitata ċ-ċirkomvenzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament, meta ma jkun hemm l-ebda miżura alternattiva disponibbli b'mod raġonevoli. Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni proporzjonali tal-kundizzjonijiet stabbiliti għall-investimenti magħmula mis-sussidjarja tal-investitur barrani, il-Kummissjoni jenħtieġ li jkollha l-opportunità li tivvaluta n-notifika u titlob lill-Awtorità tal-Investiment biex tistabbilixxi ċerti kundizzjonijiet. Minbarra r-rieżami tal-investimenti diretti barranin magħmula mis-sussidjarja tal-investitur barrani kif stabbilit minn dan ir-Regolament, jenħtieġ li ma jiġux ikkundizzjonati jew skoraġġuti l-investimenti li ġejjin minn Stati Membri oħra tal-Unjoni.

(34) Huwa neċessarju li tiġi żgurata rabta dejjiema bejn l-investitur barrani u l-entità fil-mira tal-Unjoni, kemm jekk titwettaq direttament minn investitur barrani kif ukoll jekk

---

[44] Ir-Regolament (UE) 2019/452 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi qafas għall-iskrinjar tal-investimenti diretti barranin fl-Unjoni (ĠU L 79I, 21.3.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/452/oj).

[45] Ir-Regolament (UE) 2022/2560 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar sussidji barranin li joħolqu distorsjoni fis-suq intern (ĠU L 330, 23.12.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2560/oj).

[46] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2004/139/oj).

permezz ta' entità stabbilita fl-Unjoni u kkontrollata minn investitur barrani. Madankollu, dak jenħtieġ li ma japplikax għall-akkwist ta' titoli tal-kumpaniji li huma maħsuba purament għall-investiment finanzjarju u mingħajr l-ebda intenzjoni li jinfluwenzaw il-ġestjoni jew il-kontroll tal-kumpanija ("investimenti tal-portafoll").

(35) Jenħtieġ li l-operazzjonijiet ta' ristrutturar fi grupp korporattiv u l-investimenti magħmula fl-istituzzjonijiet finanzjarji fl-applikazzjoni ta' għodda ta' riżoluzzjoni kif ukoll tas-setgħat ta' tniżżil fil-valur u ta' konverżjoni jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li r-ristrutturar intern jiġi eskluż biss mill-kamp ta' applikazzjoni sal-punt li jitwettaq biss għall-fini tar-riorganizzazzjoni interna ta' entità fil-mira tal-Unjoni jew tal-grupp korporattiv li għalih tappartjeni l-entità fil-mira tal-Unjoni, mingħajr ma jirriżulta f'xi tibdil fis-sjieda benefiċjarja jew fil-kontroll tal-entità fil-mira tal-Unjoni. B'mod partikolari, jenħtieġ li r-ristrutturar intern jiġi eskluż meta ma jirriżultax f'sitwazzjoni fejn investitur barrani ġdid jikseb sjieda jew kontroll fuq l-entità fil-mira tal-Unjoni jew fuq kumpanija li direttament jew indirettament għandha jew tikkontrolla dik l-entità fil-mira tal-Unjoni, fejn ikun hemm żieda fl-ishma miżmuma minn investituri barranin, jew fejn it-tranżazzjoni tirriżulta fi drittijiet addizzjonali għall-investituri barranin li jistgħu jwasslu għal bidla fil-parteċipazzjoni effettiva ta' investitur barrani wieħed jew aktar fil-ġestjoni jew fil-kontroll tal-entità fil-mira tal-Unjoni.

(36) Jenħtieġ li l-kriterji ta' investiment dirett barrani japplikaw biss għal investimenti diretti barranin fis-settur strateġiku emerġenti li jilħqu limitu tal-valur tal-investiment li jista' jfixkel il-funzjonament tas-suq intern. Jenħtieġ li l-limitu ta' EUR 100 miljun jitqies bħala li għandu potenzjal li jkollu impatt fuq il-funzjonament tajjeb tas-suq intern f'setturi strateġiċi emerġenti. Tali investiment dirett barrani kopert mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ikollu riskju għoli fuq is-sigurtà u s-sostenibbiltà ambjentali tal-Unjoni, filwaqt li ma jkunx jipproduċi biżżejjed valur miżjud inkluż l-iżgurar ta' kontribut għall-Unjoni fl-investiment, it-titjib tal-iżvilupp teknoloġiku tal-Unjoni, l-impjieg ta' ħaddiema tal-Unjoni u l-kontribut għall-ktajjen tal-valur tal-Unjoni għas-suq intern mingħajr konformità mal-kundizzjonijiet armonizzati.

(37) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni effettiva ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li kull Stat Membru jiddeżinja awtorità ta' investiment responsabbli għall-valutazzjoni tal-kundizzjonijiet ta' investiment minn entitajiet barranin f'setturi strateġiċi emerġenti. Barra minn hekk, jenħtieġ li tkun mgħammra bir-riżorsi legali, amministrattivi u finanzjarji biex twettaq il-kompiti tagħha b'mod effettiv u indipendenti, b'kunsiderazzjoni xierqa għall-awtoritajiet diġà responsabbli għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/452.

(38) Sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jidentifikaw b'mod effettiv l-investimenti definiti f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-investituri barranin jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti qabel ma jakkwistaw jew jistabbilixxu ishma sinifikanti f'impriżi jew f'assi fl-Unjoni. L-istabbiliment ta' limitu ta' sjieda ta' 30 fil-mija jew ta' drittijiet oħra li jistabbilixxu kontroll kemm għall-impriżi kif ukoll għall-assi jenħtieġ li jiżgura li l-mekkaniżmu jkopri investimenti li jistgħu jkollhom impatt fuq il-funzjonament tajjeb tas-suq intern.

(39) Sabiex jiġi mminimizzat ir-riskju ta' ċirkomvenzjoni permezz ta' akkwiżizzjonijiet frammentati jew indiretti, fejn diversi investituri barranin jaġixxu flimkien, jew fejn l-investimenti jsiru permezz ta' entitajiet affiljati jew strutturi kumplessi ta' sjieda, jenħtieġ li l-interessi rispettivi tagħhom jiġu aggregati mill-Awtorità tal-Investiment

għall-fini tad-determinazzjoni tal-valur tal-investiment u tal-limitu tan-notifika. Jenħtieġ li l-aggregazzjoni tapplika wkoll għal parteċipazzjonijiet eżistenti fl-istess impriża jew assi tal-Unjoni, kemm jekk diretti kif ukoll jekk indiretti, individwali jew konġunti, biex jiġi żgurat li tranżazzjonijiet suċċessivi li jwasslu għal influwenza jew kontroll sinifikanti jiġu nnotifikati kif xieraq.

(40) Sabiex tiġi żgurata l-parteċipazzjoni tal-Unjoni f'investimenti diretti barranin kbar li joriġinaw minn pajjiżi terzi li għandhom pożizzjoni globali sinifikanti, jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi limiti fuq il-firxa tas-sjieda u l-kontroll li l-investituri barranin jistgħu jiksbu f'impriżi u f'assi tal-Unjoni. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-investituri barranin la jistabbilixxu, la jakkwistaw, la jżommu, u lanqas ma jeżerċitaw interessi proprjetarji li jaqbżu d-49 % tal-kapital azzjonarju, drittijiet tal-vot, jew interessi proprjetarji ekwivalenti fi kwalunkwe entità fil-mira tal-Unjoni, u lanqas jistabbilixxu jew jiksbu drittijiet ekwivalenti ta' sjieda, ta' fond lokatizju, jew drittijiet ekwivalenti oħra li jagħtu kontroll fuq assi tal-Unjoni.

(41) Sabiex jiġi żgurat li l-investituri barranin u l-entitajiet tal-Unjoni jikkooperaw f'setturi strateġiċi emerġenti filwaqt li tiġi żgurata parteċipazzjoni suffiċjenti tas-sħab tal-Unjoni, jenħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti ta' impriża konġunta, li jenħtieġ li jinkludu arranġamenti kuntrattwali. Fl-impriża konġunta, jenħtieġ li l-investitur barrani ma jkollux aktar minn 49 % tal-kapital azzjonarju, tad-drittijiet tal-vot, jew interessi proprjetarji ekwivalenti jew drittijiet oħra li jagħtu kontroll fuq kwalunkwe waħda mill-entitajiet tal-Unjoni li jipparteċipaw fl-impriża konġunta. Jenħtieġ li dik il-kundizzjoni tikkontribwixxi wkoll għall-awtonomija strateġika tal-Unjoni u tiżgura valur miżjud għas-suq intern.

(42) Bħala parti mill-kundizzjonijiet għall-approvazzjoni ta' investiment dirett barrani, huwa neċessarju li jiġi vvalutat jekk it-trasferiment tat-teknoloġija jistax jikkontribwixxi għall-ilħuq tal-objettivi ta' dan ir-Regolament. Għal dak l-għan, jenħtieġ li l-investituri barranin jitħeġġu jagħtu liċenzja lill-Entità fil-Mira tal-Unjoni, lill-impriża konġunta jew lill-entità legali li takkwista l-assi tal-Unjoni jew li jkollha s-sjieda fuqu għad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali rilevanti, u għall-għarfien espert, li jkunu neċessarji għat-twettiq tal-attività ekonomika kkonċernata fil-kuntest tal-investiment dirett barrani. Għalhekk, jenħtieġ li l-investitur barrani jagħti l-ftehim(iet) xieraq/xierqa dwar il-liċenzjar tal-proprjetà intellettwali lill-Entità fil-Mira tal-Unjoni, lill-impriża konġunta jew lill-entità legali li takkwista l-assi tal-Unjoni jew li jkollha s-sjieda fuqu. Jenħtieġ li l-ambitu u l-kundizzjonijiet ta' dawn il-ftehimiet, bħad-drittijiet eżatti tal-PI kkonċernati, in-natura esklużiva tal-liċenzja, id-durata tal-liċenzja jew tal-miżuri ta' preservazzjoni tal-kunfidenzjalità, ikunu xierqa għaċ-ċirkostanzi u għall-objettiv segwit skont dan ir-Regolament u l-investiment rilevanti. Jenħtieġ li l-investitur barrani jimpenja ruħu li jagħti l-liċenzji xierqa tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali u l-għarfien rilevanti li għandhom, kif meħtieġ għall-attività ekonomika kkonċernata. Dak jista' jinkiseb billi tiġi pprovduta deskrizzjoni tal-aspetti prinċipali tal-ftehimiet ta' liċenzjar possibbli, fuq bażi kunfidenzjali, mal-Awtorità tal-Investiment.

(43) Meta l-Entità fil-Mira tal-Unjoni jew l-entità legali li takkwista l-assi tal-Unjoni jew li jkollha s-sjieda fuqu tkun is-sid ta' drittijiet ta' proprjetà intellettwali f'invenzjoni, f'xogħol jew fi kwalunkwe assi ieħor soġġett għall-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali qabel l-investiment barrani, jenħtieġ li dawk id-drittijiet ta' proprjetà intellettwali jibqgħu kompletament u esklużivament taħt il-kontroll tal-Entità fil-Mira tal-Unjoni jew tal-entità legali li takkwista l-assi tal-Unjoni jew li jkollha s-sjieda fuqu. Jenħtieġ li l-investitur barrani ma jitlob l-ebda dritt ta' proprjetà intellettwali u

lanqas ma għandu jwettaq xi attività li taffettwa l-kapaċità tal-Entità fil-Mira tal-Unjoni jew tal-entità legali li takkwista l-assi tal-Unjoni jew li jkollha s-sjieda fuqu li żżomm is-sjieda u li teżerċita d-drittijiet ta' proprjetà intellettwali fuq l-invenzjonijiet, fuq ix-xogħlijiet, fuq it-trademarks, fuq id-disinji jew fuq kwalunkwe assi rilevanti ieħor tagħha miksub qabel l-investiment barrani. Meta invenzjoni, xogħol jew kwalunkwe assi ieħor soġġett għall-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali jkun ir-riżultat ta' ħidma kollaborattiva bejn l-Entità fil-Mira tal-Unjoni jew l-entità legali li takkwista l-assi tal-Unjoni jew li jkollha s-sjieda fuqu u l-investitur barrani jew bħala riżultat tal-impriża konġunta, jenħtieġ li d-drittijiet ta' proprjetà intellettwali jkunu proprjetà konġunta tal-investitur barrani, tal-Entità fil-Mira tal-Unjoni jew tal-entità legali li takkwista l-assi tal-Unjoni jew li jkollha s-sjieda fuqu, skont iċ-ċirkostanzi. Jenħtieġ li, sa fejn ikun possibbli, il-kundizzjonijiet li jakkumpanjaw is-sjieda konġunta tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali jkunu definiti u jiġu kkomunikati lill-Awtorità tal-Investiment, qabel l-approvazzjoni tal-investiment dirett barrani. Jenħtieġ li dawn il-kundizzjonijiet jinkludu kjarifiki dwar il-possibbiltà li sid konġunt wieħed jagħti liċenzja u jibda proċeduri ta' ksur kif ukoll dwar il-ftehimiet finanzjarji fir-rigward tal-preżentazzjoni u tar-reġistrazzjoni tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali u tal-ftehimiet ta' liċenzjar. Fil-każ ta' impriża konġunta mingħajr personalità ġuridika, jenħtieġ li jiġu pprovduti kjarifiki lill-Awtorità tal-Investiment fir-rigward tas-sjieda tal-proprjetà intellettwali.

(44) Huwa neċessarju li jiġi żgurat li jenħtieġ li l-għarfien espert tal-investituri barranin tal-investiment dirett barrani kbir taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-iżvilupp teknoloġiku tal-Unjoni kemm fl-Entità fil-Mira tal-Unjoni, fl-impriża konġunta jew fl-entità legali li takkwista l-assi tal-Unjoni jew li jkollha s-sjieda fuqu, kif ukoll barra minnha. Għal dak l-għan, jenħtieġ li l-investituri barranin jinvestu fi proġetti ta' riċerka u ta' żvilupp li jkunu se jiġu eżegwiti fl-Unjoni filwaqt li jiżguraw li l-Unjoni tibbenefika mir-riżultati prodotti. Għalhekk, huwa neċessarju li, bħala parti mill-kundizzjonijiet li għandhom jitqiesu għall-approvazzjoni ta' investiment dirett barrani, jiġi vvalutat jekk l-investimenti fir-riċerka u fl-iżvilupp tal-investituri barranin ikunux adegwati biex jinkiseb dak l-objettiv. Investimenti bħal dawn jistgħu jiġu diretti għall-benefiċċju tal-istituzzjonijiet ta' riċerka stabbiliti fl-Unjoni, inkluż fil-kuntest ta' proġetti konġunti mal-Entità fil-Mira tal-Unjoni, mal-impriża konġunta jew mal-entità legali li takkwista l-assi tal-Unjoni jew li jkollha s-sjieda fuqu. Dawk l-investimenti jistgħu jsiru wkoll fl-Entità fil-Mira tal-Unjoni, l-impriża konġunta jew l-entità legali li takkwista l-assi tal-Unjoni jew li jkollha s-sjieda fuqu, għall-iżvilupp jew għall-eżekuzzjoni ta' attivitajiet speċifiċi ta' riċerka u ta' żvilupp. Dawn l-investimenti jistgħu jikkonsistu wkoll fit-taħriġ tal-ħaddiema tal-Unjoni, jew fl-appoġġ finanzjarju dirett jew indirett għal proġetti ta' riċerka u ta' żvilupp fl-Entità fil-Mira tal-Unjoni, fl-impriża konġunta jew fl-entità legali li takkwista l-assi tal-Unjoni jew li jkollha s-sjieda fuqu. Jenħtieġ li kwalunkwe valutazzjoni mwettqa fir-rigward tal-investimenti fi proġetti ta' riċerka u ta' żvilupp li għandhom jitwettqu fl-Unjoni tkun mingħajr preġudizzju għall-istrumenti tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni, inklużi r-Regolamenti (UE) 2022/2560 u (KE) Nru 139/2004.

(45) Sabiex tiġi promossa l-integrazzjoni sostenibbli tal-investimenti minn entitajiet barranin fis-suq intern u l-iżvilupp tal-ħiliet f'setturi strateġiċi emerġenti, u sabiex jiġi żgurat kontribut soċjali sinifikattiv fil-post tal-investiment, jenħtieġ li investimenti bħal dawn jimpjegaw proporzjon ta' ħaddiema tal-Unjoni u jenħtieġ li dawn jipprovdu taħriġ u miżuri ta' bini tal-kapaċitajiet xierqa, li jinvolvu lill-fornituri tal-edukazzjoni u tat-taħriġ, kif ukoll lis-sħab soċjali. Jenħtieġ li l-investitur barrani jiżgura li l-limiti

stabbiliti f'dan ir-Regolament jiġu ssodisfati fil-kategoriji kollha ta' forza tax-xogħol, inklużi l-pożizzjonijiet operazzjonali, tekniċi, superviżorji u maniġerjali.

(46) Sabiex tissaħħaħ il-kapaċità industrijali tas-setturi strateġiċi emerġenti u biex jiġi integrat l-investiment dirett barrani fl-ekosistema industrijali tal-Unjoni, jenħtieġ li ċertu sehem mill-inputs manifatturati fl-Unjoni jiġu inklużi fil-prodotti introdotti fis-suq tal-Unjoni minn investimenti bħal dawn.

(47) Sabiex jiġi żgurat li l-investimenti diretti barranin jissodisfaw mill-inqas erbgħa mis-sitt kundizzjonijiet stabbiliti minn dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Awtorità tal-Investiment kompetenti teżamina kull notifika u toħroġ deċiżjoni motivata dwar l-approvazzjoni jew ir-rifjut tagħha. Jenħtieġ li l-Awtoritajiet tal-Investiment jistabbilixxu l-issodisfar tal-kundizzjonijiet, jew kif xieraq, l-intenzjoni tal-investitur barrani li jikkonforma mal-kundizzjonijiet. Jenħtieġ li investimenti bħal dawn ma jiġux implimentati mingħajr l-approvazzjoni espliċita tal-Awtorità tal-Investiment. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-investituri barranin jikkonformaw ma' sett ta' kundizzjonijiet qabel ma jibdew l-attività ekonomika tagħhom fir-rigward tal-investiment dirett barrani rilevanti. Jenħtieġ li l-Awtoritajiet tal-Investiment jiddeċiedu f'perjodu ta' żmien li jiżgura kemm l-effiċjenza proċedurali kif ukoll iċ-ċertezza legali. Fejn ikun iġġustifikat mill-kumplessità tal-każ jew mill-ħtieġa ta' informazzjoni addizzjonali, dak il-perjodu ta' żmien jista' jiġi estiż, għal raġunijiet ġustifikati u debitament sostanzjati.

(48) Jenħtieġ li l-Istati Membri jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar in-notifiki riċevuti biex jippermettu lill-Kummissjoni timmonitorja b'mod effettiv ix-xenarju tal-investiment u tiżgura qafas ta' investiment armonizzat fis-suq intern kollu.

(49) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni orizzontali ta' dan ir-Regolament fis-suq intern, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tipprovdi opinjoni dwar jekk l-investiment jissodisfax il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament. Jenħtieġ li din l-opinjoni titqiegħed għad-dispożizzjoni pubblikament. Jekk fid-deċiżjoni tagħha l-Awtorità tal-Investiment ikollha l-ħsieb li tvarja mill-opinjoni tal-Kummissjoni, jenħtieġ li testendi l-proċess ta' approvazzjoni għal xahrejn addizzjonali sabiex tivvaluta kif xieraq l-argumenti tal-Kummissjoni. Meta jieħdu deċiżjoni, jenħtieġ li l-Istati Membri jiġġustifikaw kif qiesu l-opinjoni tal-Kummissjoni.

(50) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni orizzontali ta' dan ir-Regolament dwar is-Suq Uniku, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tirrieżamina l-investimenti diretti barranin, abbażi tal-inizjattiva tagħha stess jew fuq l-inizjattiva ta' Stat Membru affettwat mill-investiment dirett barrani. Jenħtieġ li dak ikun il-każ b'mod partikolari għal investimenti fejn ikunu affettwati diversi Stati Membri, kif ukoll għal investimenti ta' valur għoli u għal investimenti ta' importanza strateġika partikolari għall-Unjoni minħabba l-effett tagħhom fuq is-Suq Uniku.

(51) Jenħtieġ li l-Awtoritajiet tal-Investiment mhux biss jiżguraw il-konformità mal-kundizzjonijiet fiż-żmien tan-notifika tal-investiment dirett barrani, iżda wkoll matul l-operat tiegħu, kif xieraq, biex jiżguraw li l-benefiċċji tal-investiment dirett barrani jiġu mmassimizzati fis-suq intern.

(52) Sabiex jiġi żgurat li l-kriterji tal-investiment dirett barrani għas-setturi strateġiċi emerġenti jibqgħu xierqa anke waqt li l-kundizzjonijiet tas-suq, l-iżviluppi teknoloġiċi u l-objettivi tal-politika tal-kompetittività tal-Unjoni jkomplu jevolvu, jenħtieġ li l-Kummissjoni timmonitorja x-xejriet globali tal-manifattura tas-setturi strateġiċi u tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni li jimponu kriterji tal-investiment

barrani għal setturi strateġiċi addizzjonali. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta b'mod partikolari l-valur ta' limitu, kif ukoll jekk il-kriterji kollha ta' investiment imsemmija f'dan ir-regolament humiex xierqa u meħtieġa biex jintlaħqu l-objettivi ta' dan ir-regolament.

(53) Ir-raggruppament tal-attività industrijali jista' jikkontribwixxi sostanzjalment għall-ilħuq tal-objettivi ta' dan ir-Regolament u għat-tisħiħ ta' ċerti setturi strateġiċi fis-suq intern. Għalhekk, huwa xieraq li jiġi promoss l-iżvilupp ta' żoni ta' aċċellerazzjoni tal-manifattura industrijali. Jenħtieġ li tali żoni jkunu limitati fl-ambitu ġeografiku sabiex titrawwem simbjożi industrijali. Meta jiddeżinjaw iż-żoni, jenħtieġ li l-Istati Membri, f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet reġjonali fejn xieraq, iqisu l-produzzjoni industrijali (b'mod partikolari għal ċerti setturi strateġiċi) u l-livell ġenerali ta' żvilupp tar-reġjuni tagħhom, b'enfasi fuq ir-reġjuni anqas żviluppati u dawk fi tranżizzjoni. Barra minn hekk, sabiex jissaħħu r-reżiljenza, l-awtonomija strateġika u l-kompetittività tal-bażi industrijali tal-Unjoni, jenħtieġ li d-deżinjazzjoni ta' żoni ta' aċċellerazzjoni tal-manifattura industrijali jallinjaw ma' proġetti strateġiċi u ma' inizjattivi oħra tal-Unjoni bħal Widien ta' Aċċellerazzjoni b'Emissjonijiet Żero Netti.

(54) Jenħtieġ li l-miżuri ta' aċċellerazzjoni industrijali fiż-żoni ta' aċċellerazzjoni jfittxu sinerġiji xierqa ma' inizjattivi oħra tal-Unjoni, inklużi proġetti strateġiċi rikonoxxuti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, Widien ta' Aċċellerazzjoni b'Emissjonijiet Żero Netti u opportunitajiet ta' finanzjament tal-Unjoni, sabiex jallinjaw il-prijoritajiet strateġiċi fis-suq intern u jkunu ta' benefiċċju għal installazzjonijiet industrijali vitali għall-awtonomija strateġika u għall-kompetittività tal-Unjoni. Jenħtieġ li dawk il-benefiċċji japplikaw ukoll għal impriżi li jingħataw is-siġill tal-kompetittività skont ir-Regolament (UE) XXXX/[XX] [47] (il-Fond Ewropew għall-Kompetittività), sakemm ma jkunux speċifikament esklużi mill-Istat Membru.

(55) Sabiex tkun tista' ssir provvista adegwata ta' materja prima kritika għal proġetti fiż-żoni ta' aċċellerazzjoni, jenħtieġ li l-Bord Ewropew għall-Materja Prima Kritika stabbilit mill-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2024/1252 jipprovdi pjattaforma għall-iskambju ta' informazzjoni dwar l-ostakli għall-katina tal-provvista relatati mal-materja prima kritika fiż-żoni ta' aċċellerazzjoni. Jenħtieġ li jkun possibbli għal proġetti f'oqsma rilevanti li jibbenefikaw mill-Mekkaniżmu ta' xiri konġunt stabbilit fl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2024/1252 li jaggregaw id-domanda tagħhom għal materja prima strateġika u jżidu s-setgħa ta' negozjar tagħhom ma' bejjiegħa potenzjali, speċjalment meta jkun fihom intrapriżi żgħar jew ta' daqs medju (SMEs) u kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja (SMCs, Small Mid-cap Companies).

(56) Il-provvista suffiċjenti u f'waqtha tal-enerġija liż-żoni ta' aċċellerazzjoni tikkostitwixxi kundizzjoni abilitanti fundamentali għall-implimentazzjoni effettiva tagħhom u għall-iżvilupp tal-attivitajiet tal-manifattura. L-informazzjoni affidabbli u akkurata dwar id-domanda futura għall-enerġija tikkontribwixxi għall-iżvilupp kosteffettiv tal-grilja. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jħejju analiżi għal kull żona ta' aċċellerazzjoni, filwaqt li jidentifikaw il-ħtiġijiet futuri tal-enerġija tagħha. Jenħtieġ li tali analiżi sservi l-iskop li tipprovdi informazzjoni għall-ippjanar tal-grilja nazzjonali u b'hekk tikkontribwixxi għal investimenti antiċipati mmirati tal-grilja u għal konnessjonijiet tal-enerġija aktar veloċi għaż-żona ta' aċċellerazzjoni. Meta

[47] Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività ("FEK"), inkluż il-programm speċifiku għal attivitajiet ta' riċerka u ta' innovazzjoni fil-qasam tad-difiża, li jħassar ir-Regolamenti (UE) 2021/522, (UE) 2021/694, (UE) 2021/697, (UE) 2021/783, li jħassar id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti (UE) 2021/696, (UE) 2023/588, u li jemenda r-Regolament (UE) (COM/2025/555 final, 16.7.2025).

jiddefinixxu l-kamp ta' applikazzjoni, jenħtieġ li l-Istati Membri jqisu d-disponibbiltà tal-infrastruttura rilevanti tat-trasport u tan-network. Jenħtieġ li r-riżultati ta' dawn il-valutazzjonijiet jiġu riflessi fil-pjanijiet nazzjonali għall-iżvilupp tan-network biex jiġu koperti b'mod adegwat il-punti futuri tad-domanda għall-enerġija fl-ippjanar tal-grilja li jmiss.

(57) Meta jiġu stabbiliti żoni ta' aċċellerazzjoni tal-manifattura industrijali, jenħtieġ li d-deżinjazzjoni tagħhom tikkorrispondi għall-potenzjal ta' aċċess jew ta' organizzazzjoni tal-opportunitajiet ta' edukazzjoni u ta' taħriġ biex tiġi żgurata d-disponibbiltà ta' ħaddiema b'ħiliet speċjalizzati.

(58) Sabiex jiġi promoss l-iżvilupp ta' żoni ta' aċċellerazzjoni tal-manifattura industrijali u sabiex jiġu aċċellerati l-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi neċessarji għal attivitajiet industrijali f'dawk iż-żoni, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu permess bażi aggregat li jirrifletti l-karatteristiċi speċifiċi ta' kull żona ta' aċċellerazzjoni industrijali identifikata u mfassal apposta għas-settur jew għas-setturi tal-manifattura industrijali li se jiġu varati fiha. Jenħtieġ li dak il-permess bażi aggregat maħruġ mill-awtoritajiet pubbliċi jkopri l-permessi normalment meħtieġa għal tali attivitajiet fiż-żona, minbarra dawk il-permessi li huma speċifiċi għall-installazzjoni, bħal dawk meħtieġa skont id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[48] u l-permess għall-konnessjoni mal-grilja. Konsegwentement, jenħtieġ li l-promoturi tal-proġetti jkunu meħtieġa jiksbu permessi addizzjonali biss għal attivitajiet mhux koperti mill-permess bażi aggregat kif ukoll valutazzjonijiet ambjentali fejn meħtieġ. F'każ ta' attivitajiet li potenzjalment jaffettwaw siti protetti tal-Unjoni u dawk nazzjonali, jenħtieġ li l-permessi rilevanti jingħataw biss wara li jkun ġie żgurat li l-attivitajiet ikunu kompatibbli mal-objettivi ta' konservazzjoni ta' dawn is-siti. Jenħtieġ li tali approċċ jaċċellera b'mod sinifikanti l-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi u jnaqqas il-piż amministrattiv assoċjat magħhom filwaqt li jżomm livell għoli ta' standards ambjentali.

(59) Sabiex jiġi stabbilit qafas biex jiġu żgurati l-awtonomija strateġika u s-sigurtà ekonomika tal-Unjoni permezz ta' aċċess għal provvista sigura, sostenibbli u reżiljenti ta' prodotti tal-manifattura rilevanti, jenħtieġ li s-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward ta' bidliet fil-lista ta' pajjiżi terzi li l-kontenut tagħhom ma jiġix ittrattat bħala ekwivalenti għall-oriġini mill-Unjoni, l-introduzzjoni jew l-emenda ta' rekwiżiti ta' oriġini mill-Unjoni u ta' livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, inkluż għal teknoloġiji addizzjonali b'emissjonijiet żero netti u għall-prodotti u għas-servizzi elenkati fl-Annessi II u III, li jistabbilixxu miżuri min-naħa tad-domanda fil-livell tal-Unjoni għal prodotti mill-industrija tas-sustanzi kimiċi, filwaqt li jitqiesu, fost l-oħrajn, ir-rakkomandazzjonijiet mill-Alleanza għas-Sustanzi Kimiċi Kritiċi, l-estensjoni tal-kriterji ta' investiment dirett barrani għal setturi strateġiċi emerġenti addizzjonali, l-ispeċifikazzjoni ta' regoli proċedurali komuni għal kriterji ta' investiment dirett barrani, u l-istabbiliment ta' sistemi ta' klassifikazzjoni bbażati fuq l-intensità tal-gassijiet serra għall-prodotti. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13

48 Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2010/75/oj).

ta' April 2016[49]. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

(60) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-ispeċifikazzjoni tal-metodu għall-kalkolu tal-proporzjon tal-volum ta' prodotti u ta' komponenti li joriġinaw mill-Unjoni u għall-verifika tal-konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 15. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[50].

(61) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tevalwa dan ir-Regolament abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri. Skont il-paragrafu 22 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016, jenħtieġ li tali evalwazzjoni tkun ibbażata fuq il-ħames kriterji tal-effiċjenza, tal-effettività, tar-rilevanza, tal-koerenza u tal-valur miżjud tal-Unjoni. Jenħtieġ li jservi wkoll bħala l-bażi għall-valutazzjonijiet tal-impatt ta' miżuri ulterjuri possibbli.

(62) Sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Istati Membri jipprevedu penali li għandhom jiġu imposti fuq impriżi li ma jikkonformawx mal-obbligi tagħhom. Jenħtieġ li tali penali jkunu mingħajr preġudizzju u supplimentari għar-rekwiżiti tal-penali speċifiċi stabbiliti minn dan ir-Regolament, pereżempju fuq l-investimenti diretti barranin. Għalhekk, fil-liġi nazzjonali, huwa neċessarju li l-Istati Membri jistabbilixxu penali effettivi, proporzjonati u dissważivi għan-nuqqas ta' konformità ma' dan ir-Regolament. Huwa neċessarju wkoll li l-Istati Membri jiżguraw li l-promoturi tal-proġetti jkollhom aċċess, fejn rilevanti, għal rieżami amministrattiv jew għal stħarriġ ġudizzjarju f'konformità mal-liġi nazzjonali.

(63) Meta tkun qed tirrieżamina dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta l-ħtieġa li temenda d-dispożizzjonijiet inklużi fil-Kapitoli III u IV. B'mod partikolari, jenħtieġ li tikkunsidra l-introduzzjoni ta' oriġini mmirata mill-Unjoni fis-setturi tat-trasport li huma kritiċi għas-sigurtà ekonomika tal-Unjoni, b'mod partikolari l-bini ta' bastimenti u l-bini ta' vetturi ferrovjarji. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkunsidra wkoll l-introduzzjoni ta' rieżami mtejjeb tal-investimenti diretti barranin għall-prodotti u għall-partijiet ajrunawtiċi.

(64) Ir-Regolament (UE) 2018/1724 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[51], li stabbilixxa l-Gateway Diġitali Unika, jipprovdi regoli ġenerali għall-aċċess online għall-informazzjoni, għall-proċeduri u għas-servizzi ta' assistenza li huma rilevanti għall-funzjonament tas-suq intern. Sabiex in-negozji u l-promoturi tal-proġetti tal-industrija tal-manifattura, inkluż għal proġetti transfruntieri, ikunu jistgħu jgawdu direttament il-

---

49 ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1, http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2016/512/oj.

50 Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2011/182/oj).

51 Ir-Regolament (UE) 2018/1724 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Ottubru 2018 li jistabbilixxi gateway diġitali unika li tipprovdi aċċess għal informazzjoni, għal proċeduri u għas-servizzi ta' assistenza u ta' soluzzjoni tal-problemi u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1724/oj).

benefiċċji tas-suq intern mingħajr ma jġarrbu piż amministrattiv addizzjonali bla bżonn, l-informazzjoni li jeħtieġ li tiġi sottomessa lil kwalunkwe awtorità rilevanti bħala parti mill-proċess għall-ħruġ tal-permessi skont dan ir-Regolament hija dik stabbilita fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2018/1724. Il-proċeduri relatati huma inklużi fl-Anness II ta' dak ir-Regolament biex jiġi żgurat li l-promoturi tal-proġetti jkunu jistgħu jibbenefikaw minn proċeduri kompletament online u mis-Servizzi ta' Sistema Teknika ta' "Darba Biss". B'mod partikolari, jeħtieġ li l-promoturi tal-proġetti tal-industrija tal-manifattura jkunu jistgħu jaċċessaw bis-sħiħ u jlestu kwalunkwe proċedura relatata mal-proċess tal-ħruġ tal-permessi online, f'konformità mal-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2018/1724 u mal-Anness II ta' dak ir-Regolament. Għalhekk, jeħtieġ li r-Regolament (UE) 2018/1724 jiġi emendat skont dan.

(65) Ir-Regolament (UE) 2024/1735 jintroduċi rekwiżiti ta' reżiljenza għal firxa ta' prodotti finali tat-teknoloġija b'emissjonijiet żero netti. Dawk ir-rekwiżiti għandhom l-għan li jnaqqsu d-dipendenzi fuq pajjiżi terzi individwali tal-provvista, iżda ma humiex biżżejjed biex jippermettu lill-industriji tal-Unjoni jiskalaw il-potenzjal tas-suq intern u jġorru riskju ta' ċirkomvenzjoni. Għalhekk, sabiex jiġu indirizzati sfidi bħal dawn, jeħtieġ li l-qafas leġiżlattiv jiżgura l-ħtieġa li jiġi attirat u jinżamm l-għarfien teknoloġiku fl-Unjoni, permezz ta' intervent addizzjonali mmirat.

(66) Jeħtieġ li d-dispożizzjonijiet dwar l-akkwist pubbliku stabbiliti f'dan ir-Regolament jibnu fuq id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2024/1735 dwar ir-reżiljenza; u jiġu kkomplementati bl-introduzzjoni ta' rekwiżiti addizzjonali għas-sistemi għall-ħażna tal-enerġija f'batteriji, it-teknoloġiji fotovoltajċi solari, il-pompi tas-sħana, it-teknoloġiji eoliċi fuq l-art u lil hinn mill-kosta, l-elettrolizzaturi u t-teknoloġiji tal-enerġija mill-fissjoni nukleari. Jeħtieġ li rekwiżiti addizzjonali bħal dawn jiżguraw li ċertu sehem tal-prodotti u tal-komponenti speċifiċi ewlenin tagħhom joriġinaw fl-Unjoni. Jeħtieġ li dak l-approċċ jiżgura diversifikazzjoni suffiċjenti filwaqt li jsaħħaħ il-kapaċità strateġika tal-manifattura u s-sovranità teknoloġika fl-Unjoni. Is-sistema għall-verifika tal-konformità mar-rekwiżiti jeħtieġ li tillimita l-piż amministrattiv u tallinja mal-prattika komuni tal-akkwist pubbliku kif ukoll mas-sistema eżistenti ta' verifika tal-konformità skont ir-Regolament (UE) 2024/1735. Għalhekk, jeħtieġ li tibbaża fuq awtodikjarazzjoni mill-operaturi ekonomiċi.

(67) Minbarra li jikkomplementa d-dispożizzjonijiet dwar l-akkwist pubbliku tar-Regolament (UE) 2024/1735, jeħtieġ li dan ir-Regolament jemendahom ukoll biex jipprovdu ċertezza legali akbar. Jeħtieġ li l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2024/1735 jkun limitat għal dawk it-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti li għalihom huwa mistenni li jsir akkwist pubbliku ta' skala rilevanti, u b'hekk tissaħħaħ iċ-ċarezza tad-dispożizzjoni.

(68) F'konformità mal-istess objettiv ta' politika segwit għall-irkantijiet tal-enerġija rinnovabbli skont ir-Regolament (UE) 2024/1735, jeħtieġ li dan ir-Regolament jestendi r-rekwiżiti addizzjonali ta' oriġini mill-Unjoni għall-irkantijiet tal-enerġija rinnovabbli għal ċerti teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli, sabiex jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-bażi industrijali tal-Unjoni u jiżgura r-reżiljenza ta' ktajjen tal-provvista tat-teknoloġija b'emissjonijiet żero netti. Sabiex jiġu riflessi l-karatteristiċi speċifiċi tal-irkantijiet tal-enerġija rinnovabbli, jeħtieġ li r-rekwiżiti addizzjonali japplikaw għat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti li huma l-aktar rilevanti fil-kuntest tal-irkantijiet, li huma sistemi għall-ħażna tal-enerġija f'batteriji, teknoloġiji fotovoltajċi solari, elettrolizzaturi, kif ukoll teknoloġiji eoliċi fuq l-art u lil hinn mill-kosta. Meta r-rekwiżiti ta' oriġini mill-Unjoni japplikaw għall-irkantijiet, għal dawk l-irkantijiet ma

għandhomx ikunu japplikaw dispożizzjonijiet oħra li jistabbilixxu rekwiżiti simili għall-iskemi ta' appoġġ pubbliku.

(69) Biex tissaħħaħ l-effettività tal-qafas, u biex jiġu riflessi ż-żidiet reċenti fir-riskji ġeopolitiċi u fid-distorsjonijiet globali tas-suq, jenħtieġ li jiżdied is-sehem tal-irkantijiet koperti mir-rekwiżiti u jenħtieġ li jiġi stabbilit limitu ogħla tal-kost għall-esklużjoni fakultattiva minn dawk ir-rekwiżiti. Dak jenħtieġ li jipprevjeni wkoll l-użu eċċessiv ta' eżenzjonijiet u jipprovdi inċentiv effettiv biex tingħata spinta lill-produzzjoni tal-Unjoni ta' teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli.

(70) In-negozji u l-unitajiet domestiċi huma parti essenzjali mid-domanda għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti fl-Unjoni. L-iskemi ta' appoġġ pubbliku mfassla biex jappoġġaw id-domanda tal-konsumaturi għal prodotti bħal dawn huma għodod importanti għat-tisħiħ tas-sigurtà ekonomika tal-Unjoni u għall-aċċellerazzjoni tat-tranżizzjoni ekoloġika. Sabiex nibnu fuq id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2024/1735 dwar ir-reżiljenza, huwa neċessarju li dawk id-dispożizzjonijiet jiġu kkomplementati bl-introduzzjoni ta' rekwiżiti addizzjonali għas-sistemi għall-ħażna tal-enerġija f'batteriji, it-teknoloġiji fotovoltajċi solari u l-pompi tas-sħana. Jenħtieġ li rekwiżiti addizzjonali bħal dawn jiżguraw li ċerti komponenti speċifiċi ewlenin u, f'xi każijiet, il-prodott finali kollu, joriġinaw mill-Unjoni. Dak l-approċċ huwa konformi mal-objettiv ġenerali ta' skemi ta' appoġġ għall-promozzjoni ta' eżiti soċjalment mixtieqa, bl-għan li jsir progress fl-ambizzjonijiet tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali kif ukoll fl-objettivi ambjentali u klimatiċi. Barra minn hekk, jenħtieġ li tiżgura diversifikazzjoni suffiċjenti filwaqt li ssaħħaħ il-kapaċità strateġika tal-manifattura u s-sovranità teknoloġika fl-Unjoni. Jenħtieġ li l-awtoritajiet pubbliċi inkarigati mill-iskemi ta' appoġġ ikollhom il-possibbiltà jew li jikkundizzjonaw l-eliġibbiltà tal-iskema mat-twettiq tar-rekwiżiti, jew li jagħtu kumpens finanzjarju addizzjonali meta r-rekwiżiti jiġu ssodisfati. F'dan l-aħħar każ, jenħtieġ li l-kumpens finanzjarju addizzjonali jkollu effett ta' inċentiv. Madankollu, jekk tkun involuta għajnuna mill-Istat, jenħtieġ li l-kumpens finanzjarju addizzjonali ma jaqbiżx l-intensità massima tal-għajnuna applikabbli.

(71) It-teknoloġiji diġitali jkomplu jittrasformaw il-mod kif niġġeneraw, niddistribwixxu u nikkunsmaw l-enerġija. Tali evoluzzjoni diġitali, filwaqt li ppreżentat opportunitajiet mingħajr preċedent, introduċiet ukoll kumplessità u interdipendenza fis-sistemi moderni tal-enerġija, li issa huma suxxettibbli għal firxa dejjem akbar ta' theddid ċibernetiku. L-integrazzjoni tat-teknoloġiji diġitali fis-sistemi tal-enerġija żżid is-superfiċe tal-attakk għal atturi malizzjużi, li jistgħu jisfruttaw il-vulnerabbiltajiet biex ifixklu l-operazzjonijiet, jisirqu data sensittiva, jew jimmanipulaw is-swieq tal-enerġija. Dan it-tfixkil mhux biss jhedded is-sigurtà u l-istabbiltà tal-infrastruttura tal-enerġija tagħna u l-provvista kontinwa tal-enerġija iżda għandu wkoll effetti kaskata fuq is-setturi kollha tal-ekonomija li jiddependu fuq inputs stabbli tal-enerġija. Barra minn hekk, it-tfixkil fis-sistema tal-enerġija jista' jimmina l-kunfidenza tal-investituri u jiskoraġġixxi l-investiment fi sforzi essenzjali ta' modernizzazzjoni u ta' dekarbonizzazzjoni. Għalhekk, is-salvagwardja taċ-ċibersigurtà ta' dawn is-sistemi hija ta' importanza kbira biex tiġi żgurata s-sigurtà ekonomika, tinżamm il-fiduċja, u titrawwem ir-reżiljenza kontra l-isfidi futuri.

(72) Sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' ċibersigurtà, huwa neċessarju li jiġi pprevenut li l-fornituri b'riskju għoli, kif identifikati f'konformità mal-[proposta għal Att rivedut dwar iċ-Ċibersigurtà] jipprovdu komponenti kritiċi lill-offerenti tal-irkantijiet tal-enerġija rinnovabbli, lill-offerenti tal-proċeduri ta' akkwist pubbliku, u lill-prodotti

finali appoġġati minn intervent tal-gvern fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(73) Barra minn hekk, jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet dwar iċ-ċibersigurtà tal-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2024/1735 ma japplikawx biss għal 30 %, iżda għall-irkantijiet kollha tal-enerġija rinnovabbli fid-dawl li ċ-ċibersigurtà hija essenzjali għall-istabbiltà u għall-integrità tas-sistema tal-enerġija tal-Unjoni kollha kemm hi. Nuqqas anke f'element wieħed biss taċ-ċibersigurtà tas-sistema tal-enerġija jista' jipperikola l-istabbiltà tas-sistema kollha. Minbarra l-livell għoli ta' ċibersigurtà żgurat f'setturi kritiċi bid-Direttiva (UE) 2022/2555 u fi prodotti b'elementi diġitali skont ir-Regolament (UE) 2024/2847, l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tar-rekwiżiti taċ-ċibersigurtà tar-Regolament (UE) 2024/1735 għall-irkantijiet kollha tal-enerġija rinnovabbli għandha tkompli tnaqqas il-vulnerabbiltajiet tas-sistema tal-enerġija tal-Unjoni u tikkontribwixxi għall-iżgurar tal-istabbiltà ekonomika u tal-enerġija.

(74) Jenħtieġ li l-applikazzjoni tar-rekwiżiti dwar l-oriġini mill-Unjoni u ċ-ċibersigurtà għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti tikkomplementa r-rekwiżiti dwar is-sostenibbiltà u r-reżiljenza stabbiliti fir-Regolament (UE) 2024/1735. Għalhekk, jenħtieġ li dawn jiddaħħlu f'dak ir-Regolament biex tiġi żgurata l-konsistenza u tiġi ssimplifikata l-implimentazzjoni mill-awtoritajiet rilevanti.

(75) F'konformità mal-miżuri għall-akkwist pubbliku, l-irkantijiet u l-iskemi ta' appoġġ pubbliku, jenħtieġ li dan ir-Regolament jikkomplementa wkoll ir-Regolament (UE) 2024/1735 bir-rekwiżiti ta' oriġini mill-Unjoni għall-appoġġ tal-Istati Membri għall-kostruzzjoni ta' impjanti tal-enerġija nukleari u għall-manifattura ta' elettrolizzaturi tal-idroġenu. Sabiex jiġu żgurati s-sovranità fit-tul tal-Unjoni, is-sigurtà tal-enerġija, u r-reżiljenza tas-settur, huwa essenzjali li l-impjanti nukleari l-ġodda, kemm reatturi fuq skala kbira kif ukoll reatturi modulari żgħar, jagħtu prijorità kemm jista' jkun lit-teknoloġiji u lill-komponenti miksuba mill-Unjoni filwaqt li jżommu l-ogħla standards ta' kwalità. Strateġija bħal din mhux biss se tagħti spinta lill-kapaċitajiet domestiċi iżda se tpoġġi wkoll lill-Unjoni bħala attur affidabbli u kompetittiv fis-suq nukleari globali. Madankollu, sabiex jiġu evitati riskji relatati mal-lock-in teknoloġiku, jenħtieġ li r-rekwiżiti ta' oriġini mill-Unjoni għall-impjanti tal-enerġija nukleari japplikaw biss għal dawk li jinbnew ġodda, u jiġu esklużi r-rinnovazzjoni u l-estensjonijiet tul il-ħajja tal-impjanti tal-enerġija nukleari eżistenti.

(76) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2024/1735 jiġi emendat skont dan.

(77) L-idroġenu huwa vettur kruċjali tal-enerġija għat-tranżizzjoni enerġetika f'ħafna applikazzjonijiet tal-industrija u huwa strumentali biex imexxi t-tranżizzjoni lejn sistemi tal-enerġija aktar nodfa. Sabiex takkomoda l-feġġa tal-varar tal-elettrolizzaturi fuq skala tal-gigawatts fl-Unjoni, huwa essenzjali li jkun hemm sistema ta' appoġġ miftiehma u mtejba.

(78) Fejn ir-rekwiżiti ta' oriġini mill-Unjoni jirrikjedu li ċertu numru ta' komponenti jenħtieġ li joriġinaw mill-Unjoni mingħajr ma jispeċifikaw liema komponenti, jenħtieġ li l-għażla titħalla f'idejn l-operaturi ekonomiċi. Dan jiżgura kompetizzjoni suffiċjenti fost il-forrnituri tal-komponenti meħtieġa u jippermetti lill-operaturi ekonomiċi jagħmlu l-aktar għażliet kosteffiċjenti filwaqt li japplikaw ir-rekwiżiti.

(79) Ir-Regolament (UE) 2024/3110 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni tadotta atti delegati biex tistabbilixxi rekwiżiti ta' tikkettar tas-sostenibbiltà ambjentali għal kategoriji speċifiċi ta' prodotti u għal familji ta' prodotti għall-kostruzzjoni, dment li prodott tipikament jintgħażel mill-konsumaturi u ma jkollux prestazzjoni ambjentali ġenerali

differenti matul iċ-ċiklu tal-ħajja tiegħu skont l-installazzjoni tiegħu. Jenħtieġ li kundizzjonijiet stretti bħal dawn jitneħħew sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tistabbilixxi rekwiżiti għat-tikkettar tal-prodotti għall-kostruzzjoni abbażi tal-intensità ta' karbonju tagħhom, inkluż għal dawk il-prodotti li tipikament ma jinbigħux lill-konsumaturi finali. Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2024/3110 jiġi emendat skont dan.

(80) Sa fejn kwalunkwe waħda mill-miżuri previsti minn dan ir-Regolament tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat, id-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw tali miżuri huma mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 TFUE.

(81) Minħabba li l-objettiv ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jappoġġa produzzjoni industrijali reżiljenti u dekarbonizzata, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jista' pjuttost, minħabba l-iskala jew l-effetti tal-azzjoni, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq dak l-objettiv,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

# KAPITOLU I

# DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

*Article 1*

**Suġġett u kamp ta' applikazzjoni**

1. Dan ir-Regolament għandu l-għan li jtejjeb il-funzjonament tas-suq intern billi jistabbilixxi qafas li jappoġġa l-iżvilupp, il-kompetittività u r-reżiljenza tas-settur tal-manifattura tal-Unjoni, b'enfasi fuq setturi strateġiċi magħżula, filwaqt li jikkontribwixxi għall-objettiv klimatiku tal-Unjoni, għas-sigurtà ekonomika u għall-ħolqien, għaż-żamma u għat-tranżizzjoni f'impjiegi ta' kwalità għolja.

2. Biex jinkiseb l-objettiv ġenerali msemmi fil-paragrafu 1, dan ir-Regolament jistabbilixxi miżuri li għandhom l-għan li

   (a) iħaffu l-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi għal proġetti ta' manifattura industrijali, inklużi proġetti ta' dekarbonizzazzjoni tal-industrija intensiva fl-enerġija;

   (b) joħolqu suq pilota għal ċerti prodotti f'setturi strateġiċi, billi jistabbilixxu rekwiżiti ta' oriġini mill-Unjoni, rekwiżiti ta' livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, jew it-tnejn, fil-kuntest tal-akkwist pubbliku, skemi ta' appoġġ pubbliku;

   (c) jistabbilixxu kundizzjonijiet dwar l-investimenti diretti barranin f'setturi strateġiċi emerġenti;

   (d) jiddeżinjaw żoni ta' aċċellerazzjoni tal-manifattura industrijali mill-Istati Membri għall-finijiet ta' tisħiħ tal-attivitajiet industrijali.

*Artikolu 2*

**Objettiv tal-industrijalizzazzjoni**

L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom ifittxu li jiżguraw li sal-2035 l-industrija tal-manifattura tal-Unjoni tirrappreżenta mill-inqas 20 % tal-prodott domestiku gross tal-Unjoni.

*Artikolu 3*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "proġett ta' manifattura industrijali" tfisser il-kostruzzjoni, il-konverżjoni jew l-estensjoni ta' sit industrijali maħsub għat-twettiq ta' attività ekonomika kklassifikata skont il-Kodiċi NACE C (Manifattura), bl-eċċezzjoni tal-Kodiċi NACE C12;

(2) "industriji intensivi fl-enerġija" tfisser l-industriji elenkati fil-punt 1 tal-Anness I;

(3) "proġetti ta' dekarbonizzazzjoni tal-industrija intensiva fl-enerġija" tfisser il-kostruzzjoni jew il-konverżjoni tal-faċilità kummerċjali ta' negozju konċentrat fl-enerġija kif definit fl-Artikolu 17(1), il-punt (a), tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE[52] fl-industriji intensivi fl-enerġija elenkati fil-punt 1 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament li jnaqqsu r-rati tal-emissjonijiet ekwivalenti ta' CO2 ta' proċessi industrijali b'mod sinifikanti u permanenti sa punt li jkun teknikament fattibbli;

(4) "proċedura għall-ħruġ tal-permessi" tfisser proċess li jkopri l-permessi rilevanti kollha għall-bini, għall-espansjoni, għall-konverżjoni u għat-tħaddim ta' proġetti ta' manifattura industrijali, inklużi permessi ta' bini, għal sustanzi kimiċi u għall-konnessjoni mal-grilja kif definiti fl-Artikolu 1 tal-[Proposta għal Direttiva li temenda d-Direttivi (UE) 2018/2001, (UE) 2019/944, (UE) 2024/1788 fir-rigward tal-aċċellerazzjoni tal-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi[53]], u valutazzjonijiet u awtorizzazzjonijiet ambjentali fejn meħtieġa, u jinkludi l-applikazzjonijiet u l-proċeduri kollha mir-rikonoxximent li l-applikazzjoni tkun kompluta san-notifika tad-deċiżjoni komprensiva dwar l-eżitu tal-proċedura;

(5) "deċiżjoni komprensiva" tfisser id-deċiżjoni jew is-sett ta' deċiżjonijiet meħuda minn awtorità jew awtoritajiet ta' Stat Membru, li jiddeterminaw jekk promotur ta' proġett ikunx awtorizzat jibni, jespandi, jikkonverti u jopera proġett ta' manifattura industrijali;

(6) "kuntratt" tfisser kuntratt pubbliku kif definit fl-Artikolu 2(1), il-punt (5), tad-Direttiva 2014/24/UE[54], kuntratti ta' provvista, xogħlijiet u servizzi kif definiti fl-

[52] Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirriforma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku (ĠU L 283, 31.10.2003, p. 51–70, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2003/96/oj).

[53] Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi (UE) 2018/2001, (UE) 2019/944, (UE) 2024/1788 fir-rigward tal-aċċellerazzjoni tal-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi ((2025/0400 (COD)).

[54] Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65–242, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2014/24/oj).

Artikolu 2, il-punt (1), tad-Direttiva 2014/25/UE[55], u konċessjonijiet kif definiti fl-Artikolu 5, il-punt (1), tad-Direttiva 2014/23/UE;

(7) "awtorità kontraenti" tfisser awtorità kontraenti kif definita fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 2014/23/UE, l-Artikolu 2(1), il-punt (1), tad-Direttiva 2014/24/UE u l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2014/25/UE;

(8) "entità kontraenti" tfisser entità kontraenti kif definita fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 2014/23/UE u fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2014/25/UE;

(9) "operatur ekonomiku" tfisser il-manifattur, ir-rappreżentant awtorizzat, l-importatur, id-distributur, in-negozjant u l-fornitur ta' servizz ta' eżekuzzjoni u, għall-finijiet tal-proċeduri ta' akkwist pubbliku, dan ifisser operatur ekonomiku kif stabbilit fl-Artikolu 5, il-punt (2), tad-Direttiva 2014/23/UE, l-Artikolu 2(1), il-punt (10), tad-Direttiva 2014/24/UE u l-Artikolu 2, il-punt (6), tad-Direttiva 2014/25/UE;

(10) "proċedura ta' akkwist pubbliku" tfisser waħda minn dawn li ġejjin:

(a) proċedura għall-aġġudikazzjoni ta' xogħlijiet jew ta' konċessjoni ta' servizz koperta mid-Direttiva 2014/23/UE;

(b) kwalunkwe tip ta' proċedura tal-għoti koperta mid-Direttiva 2014/24/UE għall-konklużjoni ta' kuntratt pubbliku jew mid-Direttiva 2014/25/UE għall-konklużjoni ta' kuntratt ta' provvista, ta' xogħlijiet u ta' servizz;

(11) "intensità tal-gassijiet serra" tfisser l-emissjonijiet (imkejla f'tunnellata ta' ekwivalenti ta' CO2 (tCO2eq)) rilaxxati matul il-produzzjoni ta' prodotti industrijali msemmija fl-Artikolu 10(2);

(12) "manifattur" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li timmanifattura prodott jew li għandha prodott iddisinjat jew manifatturat, u li tikkummerċjalizza dak il-prodott b'isimha jew bit-trademark tagħha;

(13) "konfini tas-sistema" tfisser il-grupp ta' proċessi kimiċi jew fiżiċi inkluż fil-kalkolu tal-intensità tal-gassijiet serra tal-prodotti;

(14) "prekursur" tfisser kwalunkwe materjal ta' input fi proċess tal-produzzjoni li huwa parti mill-konfini tas-sistema.

(15) "industrija tas-sustanzi kimiċi" tfisser attivitajiet ikklassifikati taħt NACE Rev. 2, il-Kodiċi C20 (Manifattura ta' kimiċi u prodotti kimiċi), imwettqa mill-manifatturi stabbiliti fl-Unjoni;

(16) "sorsi sostenibbli tal-karbonju" tfisser bijomassa li tikkonforma mal-kriterji ta' sostenibbiltà stabbiliti fl-Artikolu 29 tad-Direttiva (UE) 2018/2001, skart u karbonju mill-qbid tal-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju.

(17) "sustanza" tfisser sustanza kif definita fl-Artikolu 2, il-punt (7), tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008;

(18) "taħlita" tfisser taħlita kif definita fl-Artikolu 2, il-punt (8), tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008;

(19) "imqiegħed għad-dispożizzjoni fis-suq" tfisser kwalunkwe provvista ta' prodott għad-distribuzzjoni, għall-konsum jew għall-użu fis-suq tal-Unjoni matul l-attività kummerċjali, kemm jekk issir bi ħlas kif ukoll mingħajru;

---

[55] Id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243–374, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2014/25/oj).

(20) “vettura b’ċellola tal-fjuwil” jew “FCV” (Fuel Cell Vehicle) tfisser vettura mgħammra b’sistema tal-motopropulsjoni li fiha esklużivament konvertituri tal-enerġija li jittrasformaw l-enerġija kimika (l-input) fl-enerġija elettrika (l-output), jew viċi versa, u magni elettriċi bħala konvertituri tal-enerġija tal-propulsjoni;

(21) “vettura bil-mutur” tfisser kwalunkwe vettura tal-kategoriji M u N imsemmija fl-Artikolu 4(1), il-punti (a) u (b), tar-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[56];

(22) “vettura elettrika ibrida bl-iċċarġjar mhux fuq il-vettura” jew “OVC-HEV” (Off-Vehicle Charging Hybrid Electric Vehicle) tfisser vettura mgħammra b’sistema tal-motopropulsjoni li jkun fiha mill-inqas żewġ kategoriji differenti ta’ konvertituri tal-enerġija tal-propulsjoni fejn wieħed mill-konvertituri tal-enerġija tal-propulsjoni jkun magna elettrika li tista’ tiġi ċċarġjata minn sors estern;

(23) “vettura purament elettrika” jew “PEV (Pure Electric Vehicle)” tfisser vettura mgħammra b’sistema tal-motopropulsjoni li fiha esklużivament magni elettriċi bħala konvertituri tal-enerġija tal-propulsjoni u esklużivament sistemi rikarikabbli ta’ ħżin tal-enerġija elettrika bħala sistemi għall-ħżin tal-enerġija tal-propulsjoni;

(24) “komponenti speċifiċi ewlenin” tfisser il-komponenti speċifiċi ewlenin kif elenkati fl-Anness tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2025/1178[57];

(25) “batterija tat-trazzjoni tal-vettura” tfisser il-batterija tal-vettura elettrika maħsuba speċifikament biex tipprovdi potenza elettrika għat-trazzjoni kif definita fl-Artikolu 3(14) tar-Regolament (UE) 2023/1542[58].

(26) “komponenti tas-sistema tal-motopropulsjoni elettronika” tfisser l-elettronika tal-potenza, il-muturi elettriċi tal-propulsjoni tat-trasport u l-fusien elettroniċi u l-komponenti, ir-rotors u l-istaturi tagħhom;

(27) “sistemi elettroniċi ewlenin” tfisser is-sistemi avvanzati ta’ assistenza għas-sewwieq (inklużi lidars, radars, sensuri, kameras, unità ta’ kontroll tal-magna (ECUs, Engine Control Units) u pjattaformi ta’ integrazzjoni), l-unitajiet ċentrali tal-computing, is-sistemi ta’ aċċess bla fili, il-head units tal-inforikreazzjoni ta’ ġol-vettura u l-elettronika tax-xażi;

(28) “komponent tal-vettura” tfisser kwalunkwe parti ta’ vettura, inkluż materjal ipproċessat;

(29) “assemblat” tfisser il-proċess tal-assemblaġġ finali tal-vettura;

(30) “manifattur tal-vetturi” tfisser persuna fiżika jew ġuridika responsabbli għall-aspetti kollha tal-approvazzjoni tat-tip ta’ vettura, ta’ sistema, ta’ komponent jew ta’ unità teknika separata, jew għall-approvazzjoni ta’ vettura individwali, jew għall-proċess ta’ awtorizzazzjoni għal parts u għal tagħmir, sabiex tkun żgurata l-konformità tal-

[56] Ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta’ Mejju 2018 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta’ vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta’ sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 u li jħassar id-Direttiva 2007/46/KE (ĠU L 151, 14.6.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/858/oj).

[57] Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1178 tat-23 ta’ Mejju 2025 dwar l-istabbiliment ta’ regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2024/1735 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-lista ta’ prodotti finali ta’ teknoloġiji b’emissjonijiet żero netti u l-komponenti speċifiċi ewlenin tagħhom għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-kontribut għar-reżiljenza (ĠU L, 2025/1178, 18.6.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/1178/oj).

[58]

produzzjoni u għal kwistjonijiet tas-sorveljanza tas-suq għal dik il-vettura, is-sistema, il-komponent, l-unità teknika separata, il-part u t-tagħmir immanifatturati, irrispettivament minn jekk dik il-persuna tkunx involuta direttament jew le fl-istadji kollha tad-disinn u tal-kostruzzjoni tal-vettura, tas-sistema, tal-komponent jew tal-unità teknika separata kkonċernata;

(31) "investiment dirett barrani" tfisser investiment, inklużi investimenti f'sit greenfield, f'entità fil-mira tal-Unjoni jew f'assi tal-Unjoni minn investitur barrani jew mis-sussidjarja tal-investitur barrani li jkollha l-għan li tistabbilixxi jew li żżomm rabtiet dejjiema u diretti bejn l-investitur barrani u l-imprenditur jew l-impriża li lilha ikun qed isir disponibbli l-kapital, jew li tuża assi tal-Unjoni, sabiex twettaq attività ekonomika fi Stat Membru, inklużi investimenti li jippermettu l-parteċipazzjoni effettiva fil-ġestjoni jew fil-kontroll ta' kumpanija li twettaq attività ekonomika;

(32) "investitur barrani" tfisser persuna fiżika ta' pajjiż terz li ma għandhiex iċ-ċittadinanza ta' Stat Membru jew impriża ta' pajjiż terz, li għandha l-intenzjoni li tagħmel jew li tkun għamlet investiment dirett barrani;

(33) "sussidjarja ta' investitur barrani" tfisser impriża kkontrollata, direttament jew indirettament, minn investitur barrani irrispettivament mill-post tal-istabbiliment tagħha;

(34) "entità fil-mira tal-Unjoni" tfisser impriża stabbilita skont il-liġijiet ta' Stat Membru;

(35) "assi tal-Unjoni" tfisser assi immobbli użat jew maħsub biex jintuża għall-manifattura ta' prodotti fit-territorju tal-Unjoni;

(36) "ħaddiem tal-Unjoni" tfisser kwalunkwe persuna fiżika li għandha kuntratt ta' impjieg jew relazzjoni ta' impjieg kif definita mil-liġi, ftehim kollettiv jew prattika fis-seħħ fi Stat Membru u li tkun jew ċittadin tal-Unjoni jew ċittadin ta' pajjiż terz legalment residenti fi Stat Membru b'permess tax-xogħol validu fil-mument tar-reklutaġġ;

(37) "investiment f'portafoll" tfisser l-akkwist ta' titoli tal-kumpanija li huma maħsuba purament għall-investiment finanzjarju u mingħajr l-ebda intenzjoni li jinfluwenzaw il-ġestjoni jew il-kontroll tal-kumpanija;

(38) "fatturat" tfisser l-ammont derivat minn impriża skont it-tifsira tal-Artikolu 5(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004[59];

(39) "materjal attiv" tfisser materjal li jirreaġixxi b'mod kimiku biex jipproduċi enerġija elettrika meta ċ-ċellola tal-batterija tiskarika jew biex jaħżen l-enerġija elettrika meta l-batterija tkun qed tiġi ċċarġjata;

(40) "batterija ta' vettura elettrika" tfisser batterija ta' vettura elettrika kif definita fl-Artikolu 3(1), il-punt (14), tar-Regolament (UE) 2023/1542 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[60];

(41) "fornitur" tfisser manifattur stabbilit fl-Unjoni, ir-rappreżentant awtorizzat ta' manifattur li ma huwiex stabbilit fl-Unjoni, jew importatur, li jqiegħed prodott fis-suq tal-Unjoni;

---

[59] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1).

[60] Ir-Regolament (UE) 2023/1542 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2023 dwar il-batteriji u l-iskart ta' batteriji, li jemenda d-Direttiva 2008/98/KE u r-Regolament (UE) 2019/1020 u li jħassar id-Direttiva 2006/66/KE (ĠU L 191, 28.7.2023, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/1542/oj).

# KAPITOLU II

# KUNDIZZJONIJIET ABILITANTI GĦALL-PRODUZZJONI INDUSTRIJALI U GĦAD-DEKARBONIZZAZZJONI

*Artikolu 4*

**Punti uniċi ta' aċċess**

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu punt uniku ta' aċċess fil-livell nazzjonali għas-sottomissjoni mill-promoturi tal-proġetti tal-applikazzjoni unika għall-proġetti ta' manifattura industrijali msemmija fl-Artikolu 5(1).

2. Il-punti uniċi ta' aċċess għandhom awtomatikament jattribwixxu l-applikazzjonijiet għall-permessi lill-awtorità rilevanti, jinformaw lill-applikant dwar il-passi kollha tal-proċedura għall-ħruġ tal-permessi, l-istatus tal-proċedura u tad-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet rilevanti, u jippermettu lill-applikant jivverifika l-konformità mal-iskadenzi applikabbli. Għal dak l-għan, il-punti uniċi ta' aċċess għandhom jużaw il-Kartieri Ewropej tan-Negozju stabbiliti skont [Proposta għal Regolament dwar l-istabbiliment tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju].

   Permezz tal-użu tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju, il-punti uniċi ta' aċċess għandhom jippermettu:

   (a) l-interoperabbiltà u l-iskambju awtomatizzat ta' data bejn l-awtoritajiet kompetenti;

   (a) l-użu mill-ġdid ta' data u ta' dokumenti diġà miżmuma mill-awtoritajiet pubbliċi;

   (b) livell għoli ta' ċibersigurtà, u integrità tal-informazzjoni;

   (c) it-trasparenza u r-responsabbiltà tal-proċedura għall-ħruġ tal-permessi.

3. Meta jistabbilixxu l-punti uniċi ta' aċċess, fejn xieraq, l-Istati Membri għandhom jagħmlu użu mill-infrastruttura diġitali eżistenti tal-Unjoni, mill-katalogi u mill-elementi kostitwenti stabbiliti mid-dritt tal-Unjoni.

*Artikolu 5*

**Proċedura għall-ħruġ tal-permessi**

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu proċedura unika għall-ħruġ tal-permessi bbażata fuq applikazzjoni unika li tkopri l-permessi kollha meħtieġa għall-proġetti ta' manifattura industrijali.

2. L-Istati Membri għandhom jiddeżinjaw awtorità kompetenti biex tikkoordina l-proċedura għall-ħruġ tal-permessi msemmija fil-paragrafu 1 sabiex tiżgura l-adozzjoni u l-ħruġ ta' deċiżjoni komprensiva sat-terminu applikabbli.

3. Mhux aktar tard minn 45 jum minn meta tirċievi l-applikazzjoni għal permess għal proġetti ta' manifattura industrijali, l-awtorità kompetenti għandha jew tirrikonoxxi li l-applikazzjoni tkun kompluta jew titlob kwalunkwe informazzjoni nieqsa meħtieġa biex tiġi pproċessata l-applikazzjoni.

Meta, wara s-sottomissjoni ta' kwalunkwe informazzjoni nieqsa, l-applikazzjoni xorta titqies bħala mhux kompluta, l-awtorità kompetenti tista', fi żmien 30 jum mis-sottomissjoni tal-informazzjoni nieqsa mitluba, tagħmel it-tieni talba għal kwalunkwe informazzjoni li tkun għadha nieqsa. L-awtorità kompetenti ma għandhiex titlob informazzjoni f'oqsma mhux koperti fl-ewwel talba għal informazzjoni addizzjonali u għandha titlob aktar informazzjoni biss kif ikun neċessarju biex tkopri l-informazzjoni nieqsa.

4. Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu ma għandhomx japplikaw meta r-regoli għar-razzjonalizzazzjoni tal-proċessi amministrattivi u għall-ħruġ tal-permessi jkunu stabbiliti f'atti leġiżlattivi oħra tal-Unjoni għal setturi speċifiċi tal-manifattura industrijali.

*Artikolu 6*

**Proġetti ta' dekarbonizzazzjoni tal-industrija intensiva fl-enerġija**

1. Il-Kapitolu II, it-Taqsima II, tar-Regolament (UE) 2024/1735 għandu japplika għall-proġetti kollha ta' dekarbonizzazzjoni tal-industrija intensiva fl-enerġija.

2. Il-proġetti kollha ta' dekarbonizzazzjoni tal-industrija intensiva fl-enerġija għandhom jitqiesu bħala proġetti strateġiċi li jikkontribwixxu għar-reżiljenza u għad-dekarbonizzazzjoni jew għall-effiċjenza fir-riżorsi għall-finijiet tal-[Artikolu 14 tal-Proposta għal Regolament dwar it-tħaffif tal-valutazzjoni ambjentali]. Għandhom ikunu japplikaw il-punti 1, 2 u 3 tal-Anness f'dak ir-Regolament.

# KAPITOLU III

# TISĦIĦ TAL-KTAJJEN TAL-VALUR INDUSTRIJALI STRATEĠIĊI TAL-UNJONI

*Artikolu 7*

**Oriġini mill-Unjoni**

1. Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, il-kontenut ta' oriġini mill-Unjoni jirreferi għal kontenut li joriġina mill-Unjoni.

2. L-oriġini tal-prodotti u tal-komponenti għandha tiġi ddeterminata f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

*Artikolu 8*

**Kontenut ekwivalenti għall-oriġini mill-Unjoni fl-akkwist pubbliku**

1. Fir-rigward tar-rekwiżiti ta' oriġini mill-Unjoni msemmija fl-Artikolu 11, il-kontenut li joriġina minn pajjiżi terzi li magħhom l-Unjoni kkonkludiet ftehim li jistabbilixxi żona ta' kummerċ ħieles jew unjoni doganali, jew li huma partijiet għall-Ftehim dwar l-Akkwist Pubbliku, fejn jeżistu obbligi rilevanti tal-Unjoni skont dak il-ftehim, għandu jitqies li jkun ta' oriġini mill-Unjoni.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 30 biex teskludi, kompletament jew parzjalment, pajjiż terz mill-kamp ta' applikazzjoni tal-paragrafu 1 abbażi ta' kwalunkwe wieħed mill-kriterji li ġejjin:

(a) dak il-pajjiż terz ikun naqas milli jipprovdi trattament nazzjonali relatat ma' prodotti jew ma' entitajiet tal-Unjoni skont il-ftehimiet imsemmija fil-paragrafu 1 fir-rigward ta' kwalunkwe wieħed mis-setturi elenkati fl-Anness I;

(b) tali esklużjoni tkun ġustifikata biex jiġu evitati d-dipendenzi jew kwalunkwe żvilupp ieħor li jista' jhedded is-sigurtà tal-provvista fl-Unjoni tal-prodotti inkwistjoni;

(c) tali esklużjoni tkun ġustifikata skont kwalunkwe eċċezzjoni oħra skont il-ftehim applikabbli.

*Artikolu 9*

**Kontenut ekwivalenti għall-oriġini mill-Unjoni f'forom oħra ta' intervent pubbliku**

1. Fir-rigward tar-rekwiżiti ta' oriġini mill-Unjoni stabbiliti fl-Artikolu 12, il-kontenut li joriġina minn pajjiżi terzi li magħhom l-Unjoni tkun ikkonkludiet ftehim li jistabbilixxi żona ta' kummerċ ħieles jew unjoni doganali għandu jitqies li jkun ta' oriġini mill-Unjoni.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 30 biex teskludi, kompletament jew parzjalment, pajjiż terz mill-kamp ta' applikazzjoni tal-paragrafu 1 abbażi ta' kwalunkwe wieħed mill-kriterji li ġejjin:

(a) dak il-pajjiż terz ikun naqas milli jipprovdi trattament nazzjonali relatat ma' prodotti jew ma' entitajiet tal-Unjoni skont il-ftehimiet imsemmija fil-paragrafu 1 fir-rigward ta' kwalunkwe wieħed mis-setturi elenkati fl-Anness I;

(b) tali esklużjoni tkun ġustifikata biex jiġu evitati d-dipendenzi jew kwalunkwe żvilupp ieħor li jista' jhedded is-sigurtà tal-provvista fl-Unjoni tal-prodotti inkwistjoni;

(c) tali esklużjoni tkun ġustifikata skont kwalunkwe eċċezzjoni oħra skont il-ftehim applikabbli.

*Artikolu 10*

**Prodotti b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju**

1. Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, prodott kopert mill-Anness II għandu jitqies b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju meta jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-atti delegati, kif ġej:

(a) għall-prodotti għall-kostruzzjoni msemmija fir-Regolament (UE) 2024/3110 u koperti minn speċifikazzjoni teknika armonizzata jew minn Valutazzjoni Teknika Ewropea, l-atti delegati adottati skont l-Artikolu 5(5) jew l-Artikolu 22(9) tar-Regolament (UE) 2024/3110;

(b) għall-prodotti l-oħra kollha, l-atti delegati adottati skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2024/1781, kif applikabbli.

2. Biex tappoġġa l-ħolqien ta' swieq pilota billi tinforma d-deċiżjonijiet ta' investiment lejn prodotti mogħtija klassi ta' prestazzjoni aktar baxxa tal-intensità tal-gassijiet serra, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 30 sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi sistemi ta' klassifikazzjoni volontarji bbażati fuq l-intensità tal-gassijiet serra għal prodotti manifatturati permezz ta' attivitajiet elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE ("prodotti industrijali") meta jiġu introdotti fis-suq tal-Unjoni, sal-punt li dawn il-

prodotti ma jkunux diġà rregolati minn Att Delegat skont ir-Regolament (UE) 2024/1781 jew inklużi fil-pjanijiet ta' ħidma adottati f'konformità ma' dak ir-Regolament.

Id-data dwar l-emissjonijiet u d-data rilevanti l-oħra kollha użata għall-kalkolu tal-intensità tal-gassijiet serra għandhom jiġu vverifikati minn verifikaturi akkreditati skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2067 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[61] jew minn verifikaturi akkreditati skont l-atti delegati adottati skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2023/956, kif xieraq. L-emissjonijiet għandhom jiġu mmonitorjati f'konformità mar-regoli stabbiliti fil-Kapitolu III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2066 u mal-metodi ta' monitoraġġ tad-data u mar-rekwiżiti tal-kwalità stabbiliti fl-Anness VII tar-Regolament Delegat (UE) 2019/331. Għall-prodotti importati, l-emissjonijiet jistgħu jiġu mmonitorjati f'konformità mal-Anness IV tar-Regolament (UE) 2023/956 u mal-metodi ta' monitoraġġ tad-data u mar-rekwiżiti tal-kwalità stabbiliti mill-atti ta' implimentazzjoni adottati skont l-Artikolu 7(7), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2023/956, fejn dan jipprevedi sett ta' data ekwivalenti.

Tali atti delegati għandhom jispeċifikaw, kif xieraq, l-elementi li ġejjin:

(a) l-identifikazzjoni tal-prodott li għalih manifattur jista' japplika għal tikketta dwar l-intensità tal-gassijiet serra;

(b) il-konfini tas-sistema rilevanti, li jkopru l-emissjonijiet mill-proċess tal-manifattura industrijali, l-emissjonijiet mill-prekursuri rilevanti u l-emissjonijiet mill-konsum tal-elettriku. Dawn l-emissjonijiet jitqiesu indipendentement minn jekk dawn l-emissjonijiet iseħħux fil-faċilità tal-manifattur jew f'faċilitajiet oħra, filwaqt li jiġi rrikonoxxut li ċerti prekursuri jistgħu jinkisbu minn installazzjonijiet oħra;

(c) il-metodoloġija għall-kalkolu tal-intensità tal-gassijiet serra tal-prodott

(d) il-klassifikazzjoni bil-klassijiet ta' prestazzjoni;

(e) ir-regoli komplementari li jikkonċernaw il-governanza tat-tikketta, inklużi l-entitajiet kompetenti; u

(f) ir-regoli komplementari dwar l-akkreditazzjoni, il-monitoraġġ u l-verifika,

Fl-iżvilupp ta' dawk ir-regoli, il-Kummissjoni għandha tal-anqas tqis:

(a) l-aħħar valuri referenzjarji tal-prodott applikabbli kif definiti skont id-Direttiva 2003/87/KE;

(b) id-data diġà disponibbli taħt l-EU ETS u s-CBAM;

(c) ir-regoli l-ġodda tal-Unjoni dwar il-kontabbiltà għall-emissjonijiet, inkluż mill-konsum tal-elettriku, mill-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u mill-fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika;

(d) it-teknoloġiji emerġenti ta' produzzjoni b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, kif ukoll il-potenzjal stmat ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tat-teknoloġiji emerġenti;

---

61 Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2067 tad-19 ta' Diċembru 2018 dwar il-verifika tad-data u l-akkreditament tal-verifikaturi skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 334, 31.12.2018, p. 94, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2018/2067/oj).

(e) il-ħtieġa li tiġi inċentivata l-adozzjoni ta' materjali riċiklati fir-rotot kollha tal-produzzjoni; u

(f) l-allinjament mal-objettivi tan-newtralità klimatika, kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[62].

*Artikolu 11*

**Akkwist pubbliku**

1. L-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti għandhom jeskludu mill-aċċess għall-proċeduri ta' akkwist imsemmija fil-Parti I tal-Anness II u fil-Parti I tal-Anness III l-offerti sottomessi minn operaturi ekonomiċi li jkunu proprjetà ta' jew ikkontrollati minn entità stabbilita f'pajjiżi terzi li ma jkunux ikkonkludew ftehim internazzjonali mal-Unjoni li jiggarantixxi tali aċċess.

2. Għall-proċeduri ta' akkwist pubbliku msemmija fil-Parti I tal-Anness II u fil-Parti I tal-Anness III, l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti għandhom japplikaw ir-rekwiżiti ta' oriġini mill-Unjoni u r-rekwiżiti ta' livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju stabbiliti fih f'konformità mal-Artikoli 8 u 10.

3. L-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Annessi II u III fejn tiġi ssodisfata kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-prodotti jew is-servizzi mitluba jkunu jistgħu jiġu forniti biss minn operatur ekonomiku speċifiku wieħed, u ma tkun teżisti l-ebda alternattiva jew sostitut raġonevoli, u l-assenza ta' kompetizzjoni ma tkunx ir-riżultat ta' restrizzjoni artifiċjali tal-parametri tal-proċedura ta' akkwist pubbliku;

(b) ma tkun ġiet sottomessa l-ebda offerta xierqa jew l-ebda talba xierqa għall-parteċipazzjoni, inkluż b'rispons għal proċedura ta' akkwist pubbliku preċedenti simili mnedija mill-istess awtorità kontraenti jew entità kontraenti fis-sentejn ta' qabel il-bidu tal-proċedura l-ġdida ta' akkwist ippjanata;

(c) l-applikazzjoni tagħhom tkun teħtieġ li awtorità kontraenti jew entità kontraenti takkwista oġġetti, servizzi jew xogħlijiet li jkollhom kostijiet sproporzjonati jew jirriżultaw f'inkompatibbiltà teknika fl-operat u fil-manutenzjoni tagħhom. L-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti jistgħu jippreżumu li differenzi fil-kostijiet stmati li jaqbżu l-25 %, ibbażati fuq data oġġettiva u trasparenti, ikunu sproporzjonati.

4. L-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti għandhom jirrikjedu li l-operaturi ekonomiċi li jfornu prodotti jew servizzi jissottomettu awtodikjarazzjoni, jew dokument ekwivalenti, li juri l-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan l-Artikolu.

---

[62] Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1119/oj).

*Artikolu 12*

**Forom oħra ta' intervent pubbliku**

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE, l-Istati Membri għandhom ifasslu skemi ta' appoġġ pubbliku b'mod li jikkontribwixxu għall-objettiv tat-tisħiħ tal-ktajjen tal-valur industrijali strateġiċi tal-Unjoni permezz tar-rekwiżiti ta' oriġini mill-Unjoni, ir-rekwiżiti ta' kontenut b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, jew it-tnejn, stabbiliti fil-Parti II tal-Anness II u fil-Parti II tal-Anness III, f'konformità mal-Artikoli 9 u 10 u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 13.

   L-Istati Membri għandhom japplikaw ir-rekwiżiti msemmija fl-ewwel subparagrafu għal skemi ta' appoġġ pubbliku li jirrappreżentaw mill-inqas 45 % tal-baġit nazzjonali totali allokat għall-iskemi ta' appoġġ pubbliku koperti mill-Parti II tal-Anness II u li jirrappreżentaw 100 % tal-baġit nazzjonali totali allokat għall-iskemi ta' appoġġ pubbliku koperti mill-Parti II tal-Anness III.

2. Meta tfassal u timplimenta skema ta' appoġġ pubbliku koperta mill-Parti II tal-Anness II u mill-Parti II tal-Anness III, l-awtorità kompetenti għandha tivvaluta l-kontribut tal-prodotti u tat-teknoloġiji għall-mira ġenerali stabbilita fiha abbażi ta' proċess miftuħ, mhux diskriminatorju u trasparenti.

3. L-awtorità kompetenti xorta tista' timplimenta skemi ta' appoġġ li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti stabbiliti fil-Parti II tal-Anness II u fil-Parti II tal-Anness III, kompletament jew parzjalment, jekk l-applikazzjoni ta' tali rekwiżiti:

   (a) twassal għal dewmien sinifikanti minħabba l-indisponibbiltà tal-komponenti meħtieġa jew tal-prodotti finali. Id-dewmien stmat ta' aktar minn 7 xhur, abbażi ta' data oġġettiva, trasparenti u verifikabbli, jista' jkun preżunt li jkun sinifikanti;

   (b) twassal għal kostijiet sproporzjonati. Il-kostijiet sproporzjonati għandhom jiġu preżunti li jeżistu meta, abbażi ta' data oġġettiva, trasparenti u verifikabbli, il-konformità żżid il-kost tal-prodott jew tat-teknoloġija finali sottostanti b'aktar minn 30 %.

*Artikolu 13*

**Appoġġ finanzjarju għall-vetturi korporattivi**

Għall-finijiet tal-Artikolu 4 tal-[Proposta għal Regolament tas-16 ta' Diċembru 2025 dwar vetturi korporattivi nodfa], il-kriterju "magħmul fl-Unjoni Ewropea" għall-għoti ta' appoġġ finanzjarju għall-adozzjoni ta' karozzi u vannijiet korporattivi għandu jikkonforma mal-kriterji stabbiliti fil-Parti II tal-Anness III ta' dan ir-Regolament.

Dan il-kriterju "magħmul fl-Unjoni Ewropea" għandu jitqies ekwivalenti għall-"oriġini mill-Unjoni" msemmija fl-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 14*

**Krediti tal-istandards ta' rendiment għall-emissjonijiet tas-CO2**

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 5(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2019/631 [kif emendat mill-Proposta għal Regolament tas-16 ta' Diċembru 2025 li jemenda r-Regolament (UE) 2019/631 fir-rigward tal-istandards ta' rendiment għall-emissjonijiet tas-CO2 għal vetturi ħfief ġodda u għat-tikkettar tal-vetturi], il-kriterju "magħmul fl-UE" għal

vetturi b'emissjonijiet żero żgħar għandu jikkonforma mal-kriterji stabbiliti fil-Parti III tal-Anness III ta' dan ir-Regolament.

Dan il-kriterju ta' "magħmul fl-UE" għandu jitqies ekwivalenti għall-"oriġini mill-Unjoni" msemmija fl-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament.

2. Għall-finijiet tal-Artikolu 5b tar-Regolament (UE) 2019/631 [kif emendat mill-Proposta għal Regolament tas-16 ta' Diċembru 2025 li jemenda r-Regolament (UE) 2019/631 fir-rigward tal-istandards ta' prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO2 għal vetturi ħfief ġodda u għat-tikkettar tal-vetturi], l-"azzar b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju magħmul fl-UE" għandu jinftiehem kif ġej:

(a) "livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju" għandha tikkonforma mal-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 10(1) ta' dan ir-Regolament;

(b) "magħmul fl-UE" għandha tkun ekwivalenti għall-"oriġini mill-Unjoni" msemmija fl-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 15*

**Ċertifikazzjoni tal-konformità ta' vettura mar-rekwiżiti ta' oriġini mill-Unjoni**

Minn [OP jekk jogħġbok daħħal id-data: 6 xhur wara d-dħul fis-seħħ], meta jinħareġ ċertifikat ta' konformità ta' vettura f'konformità mal-Artikoli 36 u 37 tar-Regolament (UE) 2018/858, għal vetturi f'konformità mar-rekwiżiti rilevanti ta' oriġini mill-Unjoni stabbiliti fl-Anness III ta' dan ir-Regolament, il-manifatturi għandhom jipprovdu dokument ta' akkumpanjament li jiċċertifika l-konformità tal-vettura.

*Artikolu 16*

**Delegazzjoni tas-setgħat**

1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 30 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi miżuri fil-livell tal-Unjoni għan-naħa tad-domanda għal prodotti mill-industrija tas-sustanzi kimiċi sabiex tippromwovi l-attivitajiet li ġejjin:

(a) il-produzzjoni u l-bejgħ ta' sustanzi u ta' taħlitiet ta' oriġini mill-Unjoni derivati minn sorsi sostenibbli tal-karbonju;

(b) l-użu fi prodotti magħmula disponibbli fis-suq ta' sustanzi u ta' taħlitiet ta' oriġini mill-Unjoni derivati minn sorsi sostenibbli tal-karbonju.

Fit-tħejjija tal-atti delegati, jenħtieġ li l-Kummissjoni tqis:

(a) il-kontribut tar-rekwiżiti għall-objettiv tal-Unjoni ta' sigurtà ekonomika, ta' reżiljenza u ta' newtralità klimatika stabbilit fir-Regolament (UE) 2021/1119;

(b) is-sitwazzjoni tas-suq fil-livell tal-Unjoni, kif identifikata permezz ta' attivitajiet ta' monitoraġġ, inklużi t-tnaqqis fl-ishma mis-suq tal-Unjoni u l-produzzjoni b'kapaċità mhux sfruttata bis-sħiħ tal-industrija tal-Unjoni

(c) l-impatt tal-istabbiliment ta' tali miżuri fuq il-kompetittività ġenerali u l-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-setturi rilevanti, kif ukoll fuq il-kostijiet għall-konsumaturi downstream u għall-intrapriżi żgħar u medji u għall-baġits pubbliċi.

2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 30 sabiex temenda l-Anness II jew l-Anness III dwar ir-rekwiżiti ta' oriġini mill-Unjoni, ir-rekwiżiti ta' livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, jew it-tnejn, stabbiliti għall-prodotti msemmija fih, filwaqt li jitqiesu l-kriterji li ġejjin:

(a) is-sitwazzjoni tas-suq fil-livell tal-Unjoni, kif identifikata permezz ta' attivitajiet ta' monitoraġġ, inklużi t-tnaqqis fl-ishma mis-suq tal-Unjoni u l-produzzjoni b'kapaċità mhux sfruttata bis-sħiħ tal-industrija tal-Unjoni;

(b) il-progress teknoloġiku;

(c) il-kontribut tar-rekwiżiti għall-objettiv tal-Unjoni ta' ordni pubbliku, ta' sigurtà ekonomika, ta' reżiljenza u ta' newtralità klimatika stabbilit fir-Regolament (UE) 2021/1119;

(d) id-domanda għall-prodotti jew għat-teknoloġiji rilevanti xprunati mit-tkabbir tas-setturi downstream;

(e) is-sehem tal-prodott jew tat-teknoloġija fil-valur totali tal-produzzjoni tas-settur downstream;

(f) l-impatt tal-istabbiliment ta' rekwiżiti ta' oriġini mill-Unjoni, ta' rekwiżiti ta' livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, jew tat-tnejn, fuq il-kompetittività ġenerali u fuq l-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-setturi rilevanti, inkluż fuq il-kostijiet għall-konsumaturi downstream u għall-intrapriżi żgħar u medji u għall-baġits pubbliċi.

3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 31(2) biex tispeċifika l-metodu għall-kalkolu tal-proporzjon tal-volum ta' prodotti u ta' komponenti li joriġinaw mill-Unjoni f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 952/2013, u fejn xieraq, biex tipprevedi l-użu ta' mudelli standardizzati għaċ-ċertifikati ta' konformità.

L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fis-subparagrafu 1 jistgħu jistabbilixxu wkoll il-metodi u l-proċeduri li għandhom jiġu applikati mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti rilevanti, inklużi l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti, biex jivverifikaw il-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u, fejn xieraq, biex jagħmlu użu minn għodod diġitali għall-finijiet ta' kalkolu, ta' verifika u ta' dimostrazzjoni tal-konformità.

# KAPITOLU IV

# KONTRIBUT TAL-INVESTIMENT BARRANI

*Artikolu 17*

**Kamp ta' applikazzjoni**

1. Dan il-Kapitolu għandu japplika għal investimenti diretti barranin li jaqbżu l-valur ta' EUR 100 miljun fis-setturi strateġiċi emerġenti tal-manifattura msemmija fil-paragrafu 2, fejn aktar minn 40 % tal-kapaċità globali tal-manifattura tkun miżmuma mill-pajjiż terz li l-investitur barrani jkun ċittadin jew impriża tiegħu.

Investimenti bħal dawn ma għandhomx jiġu implimentati sakemm ma jkunux approvati b'mod espliċitu mill-Awtorità tal-Investiment jew mill-Kummissjoni Ewropea, imsemmija fl-Artikolu 19, f'konformità mad-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan il-Kapitolu.

2. Dan il-kapitolu għandu japplika għall-investiment dirett barrani fil-manifattura fi kwalunkwe wieħed mis-setturi strateġiċi emerġenti li ġejjin:

(a) it-teknoloġiji tal-batteriji u l-katina tal-valur tagħhom għas-sistemi għall-ħażna tal-enerġija f'batteriji;

(b) il-vetturi elettriċi puri, il-vetturi elettriċi ibridi bl-iċċarġjar mhux fuq il-vettura u l-vetturi elettriċi b'ċellola tal-fjuwil, inklużi l-komponenti relatati mal-elettrifikazzjoni u mad-diġitalizzazzjoni;

(c) it-teknoloġiji PV solari;

(d) l-estrazzjoni, l-ipproċessar u r-riċiklaġġ ta' materja prima kritika.

3. Dan il-Kapitolu ma għandux japplika:

(a) għall-investituri u għall-investimenti koperti minn sħubija ekonomika u minn ftehimiet ta' kummerċ ħieles fis-seħħ jew applikati b'mod provviżorju mill-Unjoni sa fejn ikunu ttieħdu impenji rilevanti skont dawk il-ftehimiet, inklużi l-investimenti magħmula mis-sussidjarji tal-Unjoni ta' tali investituri barranin;

(b) għall-investimenti mmirati lejn il-forniment ta' servizzi, inklużi l-investimenti magħmula mis-sussidjarji tal-Unjoni tal-investituri;

(c) għall-investimenti ta' portafoll.

*Artikolu 18*

**Kriterji ta' investiment dirett barrani b'valur miżjud**

1. L-Istati Membri għandhom, sa [OP daħħal id-data: xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], jiddeżinjaw Awtorità tal-Investiment li għandha twettaq ir-rieżami tal-investiment dirett barrani u timplimenta d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu.

L-Istati Membri għandhom jipprevedu li l-Awtorità tal-Investiment ikollha r-riżorsi, il-mezzi legali u amministrattivi meħtieġa għat-twettiq tal-kompiti stabbiliti f'dan ir-Regolament.

2. Minn [OP daħħal id-data: 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-Awtoritajiet tal-Investiment għandhom japprovaw biss l-investimenti diretti barranin magħmula direttament minn investituri barranin li jissodisfaw erbgħa jew aktar mis-sitt kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-investituri barranin ma jakkwistawx, ma jżommux, u lanqas ma jeżerċitaw interessi proprjetarji li jirrappreżentaw aktar minn 49 % mill-kapital azzjonarju, mid-drittijiet tal-vot, jew mill-interessi proprjetarji ekwivalenti fi kwalunkwe entità fil-mira tal-Unjoni, jew sjieda jew fond lokatizju ekwivalenti jew drittijiet ekwivalenti oħra li jagħtu kontroll fuq assi tal-Unjoni;

(b) l-investitur barrani jwettaq l-investiment dirett permezz ta' impriża konġunta ma' entità waħda jew aktar tal-Unjoni, bl-investitur barrani li jkollu mhux aktar minn 49 % tal-kapital azzjonarju, tad-drittijiet tal-vot, jew ta' interessi proprjetarji ekwivalenti jew ta' drittijiet ekwivalenti oħra li jagħtu kontroll fi

kwalunkwe waħda mill-entitajiet tal-Unjoni li jipparteċipaw fl-impriża konġunta. Tali impriżi konġunti għandhom ikunu strutturati biex jiżguraw il-parteċipazzjoni effettiva tas-sħab tal-Unjoni fil-ġestjoni, fit-trasferiment tat-teknoloġija, u fil-bini tal-kapaċitajiet;

(c) l-investituri barranin ikunu daħlu fi ftehimiet li jipprevedu l-liċenzjar tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali tagħhom u tal-għarfien espert tagħhom għall-benefiċċju tal-Entità fil-Mira tal-Unjoni, jew tal-assi tal-Unjoni, biex ikunu jistgħu jwettqu l-attivitajiet ekonomiċi tagħhom fil-kuntest tal-investiment dirett barrani. Id-drittijiet ta' proprjetà intellettwali jew l-assi kollha żviluppati mill-Entità fil-Mira tal-Unjoni jew mill-entità legali li jkollha s-sjieda fuq l-assi tal-Unjoni qabel l-investiment barrani jew mingħajr il-kollaborazzjoni tal-investitur barrani għandhom ikunu kompletament u esklużivament proprjetà tal-Entità fil-Mira tal-Unjoni jew tal-entità legali tal-assi tal-Unjoni. Id-drittijiet ta' proprjetà intellettwali jew l-assi kollha żviluppati f'dak il-kuntest bħala riżultat ta' kollaborazzjoni mal-assi kummerċjali l-oħrajn tal-investitur barrani, jew fil-każ tal-punt b, żviluppati mill-impriża konġunta, għandhom ikunu proprjetà konġunta tal-Investitur Barrani u tal-Entità fil-Mira tal-Unjoni, l-impriża konġunta definita fil-punt b jew l-entità legali li jkollha s-sjieda fuq l-assi tal-Unjoni;

(d) l-investitur barrani kull sena jalloka għall-infiq fuq ir-riċerka u fuq l-iżvilupp fl-Unjoni ammont ekwivalenti għal mill-inqas 1 % tad-dħul annwali gross tal-Entità fil-Mira tal-Unjoni, jew id-dħul annwali gross iġġenerat mill-assi tal-Unjoni, kif applikat b'mod proporzjonali għas-sehem tal-kontroll tal-investitur barrani;

(e) mill-inqas 50 % tal-forza tax-xogħol impjegata fil-kuntest tal-investiment dirett barrani, fiż-żmien tal-implimentazzjoni tiegħu u kontinwament matul l-operat tiegħu, għandha tkun magħmula minn ħaddiema tal-Unjoni fil-kategoriji kollha tal-forza tax-xogħol, inklużi pożizzjonijiet operazzjonali, tekniċi, superviżorji, u maniġerjali. Tali impjieg għandu jkun akkumpanjat minn taħriġ adegwat u minn miżuri ta' bini tal-kapaċitajiet. Meta entità fil-mira tal-Unjoni jew assi tal-Unjoni jkunu diġà qed iwettqu attivitajiet ta' manifattura qabel ma jiġi akkwistat l-investiment, inkluż wara falliment, iż-żamma tal-forza tax-xogħol eżistenti jew l-impjieg mill-ġdid tal-forza tax-xogħol ta' qabel għandu jingħata prijorità, f'konformità mal-liġi nazzjonali u mal-applikazzjoni ta' ftehimiet kollettivi. Fil-każ li l-investitur barrani, l-entità fil-mira tal-Unjoni jew l-assi tal-Unjoni jirċievu finanzjament pubbliku, minkejja l-Artikolu 107 tat-TFUE, huwa għandu jimpenja ruħu li ma jnaqqasx in-numru ta' ħaddiema tal-Unjoni għal perjodu ta' 5 snin għaliex, f'każ li jsir hekk, iġarrab ir-riskju li l-awtoritajiet nazzjonali rilevanti jfittxu l-irkupru tal-finanzjament mogħti;

(f) fil-kuntest tal-investiment dirett barrani, l-investitur barrani jħejji u jippubblika fuq is-sit web tiegħu strateġija għat-tisħiħ tal-ktajjen tal-valur tal-Unjoni u għall-prijoritizzazzjoni tal-akkwist ta' inputs għall-attività ta' manifattura mill-Unjoni u jagħmel ħiltu biex jikseb mill-Unjoni minimu ta' 30 % tal-inputs użati għall-prodotti introdotti fis-suq tal-Unjoni.

3. L-investiment dirett barrani għandu jikkonforma mal-kundizzjoni msemmija fil-paragrafu 2(e) li għandha tiġi approvata mill-Awtorità tal-Investiment skont il-paragrafu 2.

4. L-Awtoritajiet tal-Investiment jistgħu japplikaw xi wħud mill-kundizzjonijiet jew il-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fil-paragrafu 2 għall-investimenti diretti magħmula fl-Unjoni minn sussidjarja ta' investitur barrani meta jkunu essenzjali biex jinkisbu l-objettivi ta' dan ir-Regolament, skont il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-prevenzjoni taċ-ċirkomvenzjoni ta' dan ir-Regolament mill-investitur barrani; jew

(b) meta l-ebda miżura alternattiva, inklużi l-impenji proposti mill-investitur barrani jew mis-sussidjarja tal-investitur barrani, ma tkun raġonevolment disponibbli u anqas restrittiva fuq l-investiment dirett fl-Unjoni sabiex jintlaħqu l-objettivi tar-Regolament.

5. Il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni, sa [OP jekk jogħġbok daħħal id-data: 6 xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]) biex tispeċifika r-regoli dettaljati għall-verifika tal-konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 31(3).

*Artikolu 19*

**Notifika minn qabel tal-investimenti diretti barranin ippjanati**

1. Investitur barrani għandu jinnotifika kwalunkwe investiment dirett ippjanat fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 17 lill-Awtorità tal-Investiment tal-Istat Membru fejn tinsab l-entità fil-mira tal-Unjoni jew l-assi tal-Unjoni, u li jirriżulta f'kontroll fuq l-entità fil-mira tal-Unjoni jew fuq l-assi tal-Unjoni kif stabbilit fil-paragrafu 3.

In-notifika għandu jkun fiha l-informazzjoni neċessarja kollha biex l-Awtorità tal-Investiment tkun tista' twettaq ir-rieżami tal-investiment skont l-Artikolu 20.

2. Għall-finijiet tad-determinazzjoni ta' jekk il-valur tal-investiment jilħaqx il-limitu stabbilit fl-Artikolu 17(1), għandhom jiġu aggregati biss l-investimenti preċedenti ta' investitur barrani li jsiru fl-istess entità fil-mira tal-Unjoni jew assi tal-Unjoni mill-investitur barrani minn [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

3. L-investituri barranin għandhom jitqiesu li għandhom kontroll, meta l-investiment inkwistjoni jilħaq wieħed mil-limiti li ġejjin:

(a) 30 % jew aktar kapital azzjonarju jew drittijiet tal-vot f'entità fil-mira tal-Unjoni;

(b) 30 % jew aktar tas-sjieda ta' assi tal-Unjoni, u ta' fond lokatizju jew ta' drittijiet oħra li jagħtu kontroll fuq l-assi tal-Unjoni.

4. Meta l-akkwiżizzjoni jew l-istabbiliment ta' investiment minn investitur barrani jwassal biex investituri barranin ikollhom b'mod kollettiv aktar mil-limiti tas-sjieda jew tal-kontroll stabbiliti fil-paragrafu 3, dik l-akkwiżizzjoni jew dak l-istabbiliment għandu jiġi nnotifikat.

5. Għall-finijiet tal-kalkolu ta' jekk intlaħaqx xi wieħed mil-limiti stabbiliti fil-paragrafu 3, għandhom jiġu kkunsidrati l-interessi aggregati miżmuma direttament jew indirettament, inkluż permezz ta' affiljati, ktajjen ta' sjieda jew minn investituri barranin li jaġixxu flimkien.

6. Meta l-entitajiet fil-mira tal-Unjoni jew l-assi tal-Unjoni rilevanti jkunu jinsabu f'aktar minn Stat Membru wieħed, l-investitur barrani għandu jinnotifika lill-Awtoritajiet tal-Investiment kompetenti tal-Istati Membri kollha kkonċernati u lill-Kummissjoni fl-istess jum b'referenza għan-notifiki l-oħra. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jikkoordinaw ir-rieżami ta' tali notifiki u jaqblu dwar il-kundizzjonijiet imposti mal-Istati Membri l-oħra kkonċernati, kif ukoll mal-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi liema kundizzjonijiet għandhom jiġu applikati għall-investiment dirett barrani f'każ li ma jkun hemm l-ebda ftehim bejn l-Istati Membri kkonċernati.

L-investiment dirett barrani nnotifikat skont l-ewwel subparagrafu għandu jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 18 fl-Istati Membri kollha kkonċernati.

*Artikolu 20*

**Rieżami u approvazzjoni**

1. L-Awtorità tal-Investiment għandha tiddeċiedi dwar l-ammissibbiltà tan-notifika skont l-Artikoli 17 u 19 fi żmien 30 jum minn meta tirċievi n-notifika. Dik l-iskadenza tista' tiġi estiża bi 15-il jum ieħor meta l-Awtorità tal-Investiment turi b'mod sodisfaċenti li estensjoni hija ġġustifikata miċ-ċirkostanzi.

Meta l-Awtorità tal-Investiment tiddeċiedi li notifika hija ammissibbli, hija għandha tibgħat minnufih in-notifika sħiħa lill-Kummissjoni inklużi d-dokumenti kollha li tirċievi.

2. Fi żmien 30 jum wara li tirċievi n-notifika, il-Kummissjoni tista' toħroġ opinjoni bil-miktub dwar jekk l-investiment dirett barrani jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikoli 17 u 19, jekk jissodisfax il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 18(2), u jekk l-Awtorità tal-Investiment għandhiex tapprova l-investiment jew le.

Meta l-Kummissjoni toħroġ opinjoni bil-miktub, hija għandha tibgħatha lill-Awtorità tal-Investiment mingħajr dewmien. Il-Kummissjoni tista' taqsam l-opinjoni bil-miktub mal-Awtoritajiet tal-Investiment ta' Stati Membri oħra jew tippubblika l-opinjoni bil-miktub fuq is-sit web uffiċjali tagħha, b'kunsiderazzjoni xierqa għall-kunfidenzjalità.

3. Mhux qabel ma tirċievi l-opinjoni tal-Kummissjoni jew l-iskadenza tal-iskadenza msemmija fil-paragrafu 2 u mhux aktar tard minn 60 jum, jew 75 jum jekk l-iskadenza tkun ġiet estiża f'konformità mal-paragrafu 1, wara li tirċievi n-notifika, l-Awtorità tal-Investiment għandha toħroġ deċiżjoni motivata li tapprova jew tirrifjuta l-investiment dirett barrani. L-Awtorità tal-Investiment għandha tapprova l-investiment dirett barrani jekk jissodisfa erbgħa mis-sitt kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 18. L-iskadenza għall-ħruġ tad-deċiżjoni motivata tista' tiġi estiża bi 30 jum ieħor meta l-Awtorità tal-Investiment turi b'mod sodisfaċenti li estensjoni hija ġġustifikata miċ-ċirkostanzi.

L-Awtorità tal-Investiment għandha tikkomunika tali deċiżjonijiet motivati lill-Kummissjoni fi żmien 3 ijiem mill-adozzjoni.

4. Meta l-Awtorità tal-Investiment tagħti deċiżjoni li tiddevja mill-opinjoni tal-Kummissjoni fir-rigward tal-konformità tal-investiment dirett barrani mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 18, l-Awtorità tal-Investiment għandha tivvaluta

n-notifika f'aktar dettall f'perjodu addizzjonali ta' xahrejn u d-deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ biss wara li tiskadi din l-iskadenza.

L-Awtoritajiet tal-Investiment għandhom, fid-deċiżjoni motivata tagħhom maħruġa skont il-paragrafu 3, jiġġustifikaw kif tqieset l-opinjoni tal-Kummissjoni.

5. Fid-deċiżjoni ta' approvazzjoni tagħha, l-Awtorità tal-Investiment għandha tistabbilixxi obbligi ta' rapportar dwar l-investitur ikkonċernat, bl-għan li tivvaluta l-issodisfar kontinwu tal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 18.

6. Kwalunkwe parti soġġetta għal deċiżjoni maħruġa skont il-paragrafi 1 jew 3 għandu jkollha d-dritt li tfittex rikors ġudizzjarju kontra tali deċiżjoni.

*Artikolu 21*

**Rieżami tal-investiment dirett barrani mill-Kummissjoni**

1. Wara n-notifika msemmija fl-Artikolu 19(1), il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li twettaq il-valutazzjoni tal-investiment dirett barrani fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) fuq inizjattiva tagħha stess, meta l-investiment dirett barrani jkollu l-potenzjal li jkollu impatt sinifikanti fuq il-ħolqien tal-valur miżjud fis-suq tal-Unjoni;

(b) fuq it-talba tal-Awtorità tal-Investiment li tkun qed tittratta notifika, jew Awtorità tal-Investiment ta' Stat Membru ieħor, li fiha l-investiment dirett barrani inkwistjoni jkollu impatt sinifikanti fuq it-territorju tagħha; jew

(c) fuq inizjattiva tagħha stess, fejn l-investiment dirett barrani għandu valur li jaqbeż il-EUR 1 biljun.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-investiment dirett barrani għandu jitqies li jkollu l-potenzjal li jkollu impatt sinifikanti fuq il-ħolqien tal-valur miżjud fis-suq intern, fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) ikun ta' importanza strateġika partikolari għas-suq intern;

(b) ikollu impatt ekonomiku konsiderevoli fuq it-territorju ta' aktar minn Stat Membru wieħed;

(c) ikollu potenzjal għoli li jfixkel is-sigurtà tal-provvista ta' dak is-settur strateġiku emerġenti jew il-ktajjen tal-valur relatati fl-Unjoni, jew is-sigurtà f'aktar minn Stat Membru wieħed;

(d) ikollu potenzjal għoli li jkollu effett ambjentali detrimentali f'aktar minn Stat Membru wieħed;

(e) ikun ta' valur partikolarment għoli meta mqabbel ma' investimenti oħrajn f'dak is-settur strateġiku emerġenti.

3. Wara n-notifika msemmija fl-Artikolu 19(1), il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li twettaq il-valutazzjoni ta' investiment imsemmija fl-Artikolu 18(4). Il-Kummissjoni tista' twettaq il-valutazzjoni tagħha fuq inizjattiva tagħha stess, jew fuq talba ta' Awtorità tal-Investiment li tkun qed tittratta notifika, jew Awtorità tal-Investiment ta' Stat Membru ieħor li fuqha l-investiment dirett barrani inkwistjoni jkollu impatt sinifikanti.

Abbażi tal-valutazzjoni tagħha, il-Kummissjoni tista' titlob lill-Awtorità tal-Investiment tapplika b'mod proporzjonat, jew ma tapplikax, uħud mill-kundizzjonijiet jew il-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fl-Artikolu 18(2).

4. Meta l-Kummissjoni tiddeċiedi li tivvaluta l-investiment dirett barrani skont dan l-Artikolu, id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 18 għandhom japplikaw, *mutatis mutandis*, li jibdew mid-deċiżjoni tagħha li twettaq il-valutazzjoni.

*Artikolu 22*

**Monitoraġġ u infurzar mill-Awtorità tal-Investiment**

1. L-Awtorità tal-Investiment għandha timmonitorja b'mod regolari l-investiment dirett barrani biex tiżgura li jkompli jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 18. Għal dak il-għan, l-investitur barrani għandu jirrapporta regolarment lill-Awtorità tal-Investiment dwar il-konformità mal-kundizzjonijiet.

2. Fuq talba mill-Kummissjoni, l-Awtorità tal-Investiment għandha tibgħat ir-rapporti tal-investitur ippreżentati skont il-paragrafu 1 lill-Kummissjoni flimkien mal-valutazzjoni tagħha stess dwar kull rapport.

3. L-Awtorità tal-Investiment għandha tistabbilixxi penali f'każ ta' nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu, b'mod partikolari meta investituri jew investimenti barranin jonqsu milli jikkonformaw mar-rekwiżiti li ġejjin:

(a) ir-rekwiżiti ta' notifika f'konformità mal-Artikolu 19;

(b) il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 18;

(c) l-obbligi ta' monitoraġġ stabbiliti minn dan l-Artikolu.

4. Il-pagamenti ta' penali stabbiliti mill-Awtorità tal-Investiment ma għandhomx jirrappreżentaw anqas minn 5 % tal-fatturat aggregat medju ta' kuljum tal-impriża ta' investituri barranin f'każ ta' ksur skont il-paragrafu 3, il-punt (a).

Meta l-investitur barrani jkun persuna privata, l-Awtorità tal-Investiment għandha tistabbilixxi pagament ta' penali ta' mill-inqas 5 % tal-valur tal-investiment f'każ ta' ksur skont il-paragrafu 3, il-punt (a).

Il-pagamenti ta' penali stabbiliti mill-Awtorità tal-Investiment għandhom ikunu effettivi u proporzjonati għall-ksur stabbilit fil-paragrafu 3.

L-Awtorità tal-Investiment għandha tinforma lill-Kummissjoni mingħajr dewmien żejjed bi kwalunkwe nuqqas ta' konformità msemmi fil-paragrafu 3 u bil-penali konsegwenzjali imposti.

*Artikolu 23*

**Monitoraġġ mill-Kummissjoni**

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 17, il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-kapaċità globali tal-manifattura għal kull wieħed mis-setturi strateġiċi emerġenti, filwaqt li tibni fuq l-attivitajiet ta' monitoraġġ eżistenti mwettqa, b'mod partikolari skont ir-Regolament (UE) 2024/1735.

2. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi u tippubblika informazzjoni aġġornata dwar l-aktar sena reċenti li għaliha hija disponibbli d-data għal kull wieħed mis-setturi strateġiċi emerġenti msemmija fl-Artikolu 17(2).

Meta l-Kummissjoni tiddeċiedi li tivvaluta l-investiment dirett barrani skont l-Artikolu 21, hija tista' b'deċiżjoni timponi penali jekk l-investitur barrani jipprovdi informazzjoni falza jew qarrieqa fin-notifika tiegħu, jew jekk ma jipprovdix l-informazzjoni meħtieġa biex il-Kummissjoni teżegwixxi l-obbligu ta' rieżami tagħha.

Il-penali imposti mill-Kummissjoni ma għandhomx jaqbżu l-fatturat medju ta' kuljum ta' 5 % tal-investitur barrani, jew fil-każ ta' investitur barrani li jkun persuna privata, 5 % tal-valur tal-investiment.

*Artikolu 24*

**Delegazzjoni tas-setgħat**

1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 30 ta' dan ir-Regolament biex tissupplimenta l-lista ta' setturi strateġiċi emerġenti li għandhom jiġu koperti minn dan il-Kapitolu għal setturi kritiċi għas-sigurtà ekonomika tal-Unjoni inklużi teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti elenkati fl-Artikolu 4(1), il-punti (b), (d), (e), (g), (h), (j), (k), (n), (p), u (s), tar-Regolament (UE) 2024/1735, it-teknoloġiji taċ-ċiklu tal-fjuwil nukleari msemmija fl-Artikolu 4(1), il-punt (i), tar-Regolament (UE) 2024/1735, it-teknoloġiji tal-propulsjoni elettrika għat-trasport imsemmija fl-Artikolu 4(1), il-punt (r), tar-Regolament (UE) 2024/1735, u esklużi t-teknoloġiji diġitali, l-intelliġenza artifiċjali, it-teknoloġiji kwantistiċi u s-semikondutturi.

   Dawn l-atti delegati għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għal atti oħra tal-Unjoni li jistabbilixxu l-kriterji ta' investiment għal dawn is-setturi.

2. L-atti delegati msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu bbażati fuq il-fatturi li ġejjin:

   (a) valutazzjoni ta' jekk il-modifika tal-lista ta' setturi strateġiċi emerġenti tkunx se tiskoraġġixxi b'mod indebitu l-investiment dirett barrani fl-Unjoni;

   (b) l-għadd ta' investimenti diretti barranin f'dak is-settur, filwaqt li jitqiesu l-kontribut tagħhom għas-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni u l-valur miżjud tagħhom għall-ekonomija tal-Unjoni;

   (c) is-sitwazzjoni u l-kundizzjonijiet tas-suq, inklużi d-disturbi fil-katina tal-provvista, fil-livell tal-Unjoni;

   (d) l-iżviluppi teknoloġiċi u l-kompetittività tal-Unjoni f'dak is-settur meta mqabbla ma' pajjiżi terzi;

   (e) id-dipendenza tal-katina tal-provvista fis-settur rilevanti fuq pajjiż wieħed jew aktar.

3. L-atti delegati adottati skont il-paragrafu 1 għandhom jinkludu:

   (a) il-valur ta' limitu msemmi fl-Artikolu 17(1) għal kull wieħed minn dawk is-setturi addizzjonali;

   (b) jekk il-kundizzjonijiet ta' investiment imsemmija fl-Artikolu 18 humiex xierqa u neċessarji biex jintlaħqu l-objettivi ta' dan ir-Regolament fir-rigward tas-settur ikkonċernat, u jekk le, liema minn dawk il-kriterji għandhom jiġu applikati.

# KAPITOLU V

# ŻONI TA' AĊĊELLERAZZJONI TAL-MANIFATTURA INDUSTRIJALI

*Artikolu 25*

**Deżinjazzjoni ta' żoni ta' aċċellerazzjoni tal-manifattura industrijali nazzjonali**

1. L-Istati Membri għandhom jiddeżinjaw mill-inqas żona ta' aċċellerazzjoni tal-manifattura industrijali waħda fit-territorju tagħhom sa [OP jekk jogħġbok daħħal id-data: 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] għar-raggruppament ta' proġetti ta' manifattura industrijali f'wieħed jew aktar mis-setturi strateġiċi elenkati fl-Anness I.

2. L-Istati Membri għandhom jiddeżinjaw żoni ta' aċċellerazzjoni tal-manifattura industrijali b'deċiżjoni, abbażi tal-elementi li ġejjin:

(a) l-impatt tal-produzzjoni taż-żona ta' aċċellerazzjoni tal-manifattura industrijali fuq is-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni għas-setturi strateġiċi elenkati fl-Anness I;

(b) il-potenzjal taż-żona ta' aċċellerazzjoni tal-manifattura industrijali biex tappoġġa l-implimentazzjoni tal-kapaċità tal-produzzjoni fis-setturi strateġiċi elenkati fl-Anness I, biex issaħħaħ il-ktajjen tal-valur tal-Unjoni u l-potenzjal ta' innovazzjoni tal-Unjoni biex jiġu aċċellerati l-attivitajiet industrijali tal-manifattura sostenibbli, inklużi d-dekarbonizzazzjoni u l-prattiki kummerċjali ċirkolari, u biex trawwem il-funzjonament tas-suq intern, f'konformità ma' proġetti strateġiċi u inizjattivi oħra, inkluż bħala Widien ta' Aċċellerazzjoni b'Emissjonijiet Żero Netti, imwettqa skont leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni;

(c) l-għadd ta' SMEs u SMCs li jibbenefikaw mid-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu fiż-żona ta' aċċellerazzjoni industrijali;

(d) il-livell ta' żvilupp tar-reġjuni tal-Istat Membru, inklużi ż-żoni l-anqas żviluppati, ir-reġjuni fi tranżizzjoni, u dawk li għaddejjin minn trasformazzjoni industrijali.

3. Meta jiddeżinjaw żoni ta' aċċellerazzjoni tal-manifattura industrijali, l-Istati Membri għandhom:

(a) jiddefinixxu ambitu ġeografiku ċar għaż-żona ta' aċċellerazzjoni;

(b) jipprijoritizzaw il-postijiet fejn ma jkunx mistenni li l-implimentazzjoni ta' settur jew ta' setturi speċifiċi ta' proġetti ta' manifattura industrijali jkollha impatt ambjentali sinifikanti;

(c) jipprijoritizzaw postijiet barra mis-siti ta' Natura 2000 u barra miż-żoni deżinjati taħt skemi ta' protezzjoni nazzjonali għall-konservazzjoni tan-natura u tal-bijodiversità, kif ukoll żoni oħra identifikati abbażi ta' mapep tas-sensittività u barra miż-żoni protetti kif imsemmi fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 2000/60/KE;

(d) iqisu r-riskji klimatiċi fiż-żoni deżinjati;

(e) jipprijoritizzaw is-superfiċi artifiċjali u mibnija, is-siti industrijali, u s-siti abbandunati, kif ukoll proġetti strateġiċi diġà identifikati skont leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni.

4. Meta jiddeżinjaw żoni ta' aċċellerazzjoni tal-manifattura industrijali, l-Istati Membri għandhom iqisu, kif rilevanti, il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin:

(a) il-ħtiġijiet infrastrutturali taż-żona ta' aċċellerazzjoni;

(b) il-ħtiġijiet ta' finanzjament tal-industrija tal-manifattura li jinsabu fiż-żona ta' aċċellerazzjoni u l-possibbiltà li tiġi appoġġata dik l-industrija, fejn applikabbli, f'konformità mar-regoli applikabbli dwar l-għajnuna mill-Istat;

(c) il-ħtiġijiet tal-katina tal-provvista fiż-żona ta' aċċellerazzjoni u l-materjali essenzjali, b'mod partikolari l-materjali sekondarji, meħtieġa għall-attivitajiet tal-manifattura;

(d) il-fattibbiltà li ż-żona ta' aċċellerazzjoni tiġi konnessa ma' provvista suffiċjenti ta' enerġija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju għall-aċċellerazzjoni tal-attività tal-manifattura industrijali;

(e) il-ħtiġijiet tal-ħiliet, l-iskarsezzi u x-xejriet tal-impjiegi u l-miżuri ta' appoġġ biex jinkisbu t-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet adegwati tal-forza tax-xogħol lokali;

(f) il-ħtieġa, kif rilevanti, għat-tneħħija tat-tniġġis taż-żona ta' aċċellerazzjoni biex jiġi ffaċilitat il-bidu ta' attivitajiet industrijali ġodda;

(g) il-ħtiġijiet ta' riċerka u ta' innovazzjoni għall-aċċellerazzjoni tal-attività industrijali tal-manifattura fiż-żona;

(h) l-informazzjoni rilevanti speċifika għall-post imqiegħda għad-dispożizzjoni pubblikament mill-industrija, inklużi l-pjanijiet korporattivi ta' tranżizzjoni klimatika, il-miri u l-azzjonijiet relatati, il-ħtiġijiet ta' investiment, u l-oqfsa ta' politika abilitanti meħtieġa.

5. Qabel l-adozzjoni tagħhom, il-pjanijiet jew il-programmi dwar id-deżinjazzjoni taż-żoni ta' aċċellerazzjoni tal-manifattura industrijali għandhom ikunu soġġetti għal valutazzjoni ambjentali skont id-Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[63], u, jekk x'aktarx ikollhom impatt sinifikanti fuq is-siti ta' Natura 2000, għall-valutazzjoni xierqa skont l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE[64] u, fejn applikabbli, għall-valutazzjoni rilevanti biex jikkonformaw mal-Artikolu 4(7) tad-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[65].

6. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bid-deżinjazzjoni ta' żona ta' aċċellerazzjoni tal-manifattura industrijali, fi żmien 30 jum mill-adozzjoni tad-deċiżjoni rilevanti.

---

63 Id-Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2001 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent (ĠU L 197, 21.7.2001, p. 30, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2001/42/oj).

64 Id-Direttiva Tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1992/43/oj).

65 Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2000/60/oj).

*Artikolu 26*

**Kundizzjonijiet abilitanti**

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri li ġejjin, fejn xieraq, biex jiffaċilitaw l-iżvilupp ta' żoni ta' aċċellerazzjoni tal-manifattura industrijali:

(a) jiffaċilitaw il-finanzjament ta' proġetti fiż-żoni ta' aċċellerazzjoni billi jiżguraw il-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet u jirrazzjonalizzaw il-proċeduri interni, f'sinerġija mal-programmi tal-Unjoni u f'konformità mar-regoli eżistenti dwar l-għajnuna mill-Istat fejn applikabbli, filwaqt li jqisu l-parteċipazzjoni tal-SMEs u tal-SMCs;

(b) jippromwovu investimenti fir-riċerka u fl-innovazzjoni biex jaċċelleraw il-potenzjal innovattiv u l-kompetittività u t-tmexxija teknoloġika tal-Unjoni fiż-żoni ta' aċċellerazzjoni;

(c) iwettqu, u jirrieżaminaw mill-inqas kull 3 snin, analiżi komprensiva tal-ħtiġijiet tal-enerġija ta' kull żona ta' aċċellerazzjoni u jidentifikaw il-kapaċità tal-infrastruttura tal-enerġija meħtieġa għall-funzjonament xieraq u għall-iżvilupp ta' proġetti ta' manifattura industrijali li jinsabu fiż-żona ta' aċċellerazzjoni.

Analiżi bħal din għandha titwettaq, tal-anqas, meta tiġi ddeżinjata ż-żona ta' aċċellerazzjoni industrijali u għall-objettivi intermedji tas-snin 2030, 2040 u 2050, filwaqt li jiġi żgurat l-allinjament mal-perkors ta' dekarbonizzazzjoni tal-Unjoni;

(d) jiżguraw li l-pjanijiet għall-iżvilupp tan-network imħejjija mill-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni skont l-Artikolu 51 tad-Direttiva (UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[66] u l-operaturi tas-sistemi tad-distribuzzjoni skont l-Artikolu 32 tad-Direttiva (UE) 2019/944 iqisu kif xieraq l-analiżi mħejjija skont il-punt (c) ta' dan il-paragrafu, filwaqt li jitqies il-potenzjal ta' investimenti antiċipatorji biex jakkomodaw il-ħtiġijiet futuri tas-sistema;

(e) jiskambjaw informazzjoni dwar il-ktajjen tal-provvista rilevanti, jidentifikaw ostakli potenzjali, u jsaħħu l-koordinazzjoni bejn iż-żoni ta' aċċellerazzjoni dwar kwistjonijiet ta' materja prima kritika fil-qafas tal-Bord Ewropew għall-Materja Prima Kritika stabbilit mill-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2024/1252;

(f) jippromwovu l-entitajiet fiż-żoni ta' aċċellerazzjoni u jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni tagħhom, fejn rilevanti, fil-mekkaniżmu ta' xiri konġunt stabbilit mill-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2024/1252, inkluż billi jipprovdu gwida, appoġġ, u informazzjoni biex jiżguraw involviment effettiv;

(g) jappoġġaw l-iżvilupp u d-disponibbiltà ta' forza tax-xogħol b'ħiliet għoljin u jipprovdu opportunitajiet xierqa ta' taħriġ u ta' apprendistat, u b'hekk jikkontribwixxu għal impjieg ta' kwalità għolja f'dawk iż-żoni ta' aċċellerazzjoni;

---

[66] Id-Direttiva (UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern għall-elettriku u li temenda d-Direttiva 2012/27/UE (ĠU L 158, 14.6.2019, p. 125, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2019/944/oj).

(h) jiskambjaw informazzjoni dwar il-ħiliet neċessarji, l-iskarsezzi potenzjali ta' dawk il-ħiliet u l-aħjar prattiki applikati fiż-żoni ta' aċċellerazzjoni fil-qafas tal-grupp ta' esperti tal-Forum Industrijali stabbilit minn COM/2020/102[67];

(i) jiżguraw sinerġiji u jippromwovu l-benefiċċji pprovduti taħt il-Patt għall-Ħiliet[68] jew l-entitajiet stabbiliti fiż-żoni ta' aċċellerazzjoni, b'attenzjoni partikolari għas-Sħubijiet fuq Skala Kbira għall-Ħiliet u s-Sħubijiet għall-Ħiliet Reġjonali inklużi fihom.

*Artikolu 27*

**Proċeduri għall-ħruġ tal-permessi fiż-żoni ta' aċċellerazzjoni**

1. Għal kull żona ta' aċċellerazzjoni tal-manifattura industrijali deżinjata, l-Istati Membri għandhom iħejju u joħorġu permess bażi aggregat li jawtorizza l-attivitajiet industrijali li jinsabu f'dik iż-żona. Dan il-permess bażi aggregat għandu jkopri l-permessi u l-awtorizzazzjonijiet amministrattivi meħtieġa għall-proġetti ta' manifattura industrijali li jinsabu fiż-żona ta' aċċellerazzjoni, minbarra dawk il-permessi li huma speċifiċi għall-installazzjoni.

2. Qabel ma joħorġu l-permess bażi aggregat imsemmi fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom iwettqu l-valutazzjonijiet neċessarji kollha, inklużi l-valutazzjonijiet ambjentali rilevanti, il-proċeduri ta' ppjanar u l-evalwazzjonijiet applikabbli fil-livell taż-żona ta' aċċellerazzjoni. L-Istati Membri għandhom iqisu l-valutazzjoni mwettqa skont l-Artikolu 25(5).

3. Il-proġetti ta' manifattura industrijali li jinsabu f'żona ta' aċċellerazzjoni tal-manifattura industrijali għandhom ikunu meħtieġa jiksbu biss dawk il-permessi jew l-awtorizzazzjonijiet addizzjonali li jaqgħu barra mill-ambitu tal-permess bażi aggregat imsemmi fil-paragrafu 1.

4. Il-proġetti kollha ta' manifattura industrijali li jinsabu f'żona ta' aċċellerazzjoni għandhom jitqiesu bħala proġetti strateġiċi li jikkontribwixxu għar-reżiljenza u għad-dekarbonizzazzjoni jew għall-effiċjenza fir-riżorsi għall-finijiet tal-[Artikolu 14 tal-Proposta għal Regolament dwar it-tħaffif tal-valutazzjoni ambjentali]. Għandhom ikunu japplikaw il-punti 1, 2 u 3 tal-Anness ta' dak ir-Regolament.

[67] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija Industrijali Ġdida għall-Ewropa (COM/2020/102 final).

[68] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza (COM(2020) 274 final).

# KAPITOLU VI

# DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

*Artikolu 28*

**Evalwazzjoni**

Sa [PO: Jekk jogħġbok daħħal id-data = sentejn wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], u kull 3 snin wara dan, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament u tal-kontribut tiegħu għall-funzjonament tas-suq intern. L-evalwazzjoni għandha tikkunsidra:

(a) il-progress li jkun sar fil-kisba tal-objettivi speċifikati fl-Artikolu 1, b'mod partikolari dwar ir-reżiljenza, is-sigurtà ekonomika u d-dekarbonizzazzjoni tal-produzzjoni industrijali;

(b) il-progress li jkun sar fil-kisba tal-objettiv ta' industrijalizzazzjoni skont l-Artikolu 2, filwaqt li jitqiesu l-isfidi u l-opportunitajiet fis-suq intern u fis-swieq globali;

(c) il-kostijiet amministrattivi relatati, l-impatti ekonomiċi fuq is-setturi downstream, l-intrapriżi żgħar u medji u l-impatti fuq il-baġits pubbliċi.

*Artikolu 29*

**Rieżami**

Sa [PO: Jekk jogħġbok daħħal id-data 3 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tivvaluta n-neċessità li jiġu emendati l-Kapitoli III u IV. Il-Kummissjoni tista' tippreżenta proposta leġiżlattiva sabiex tħassar jew temenda dan ir-Regolament. Dak ir-rieżami għandu jitwettaq perjodikament kull 3 snin wara l-ewwel rieżami.

Meta twettaq ir-rieżami tagħha, il-Kummissjoni għandha tagħti attenzjoni partikolari lill-effettività ta' dan ir-Regolament u lill-persistenza taċ-ċirkostanzi li jkunu ġġustifikaw l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u lill-ħtieġa li jiġu introdotti rekwiżiti ta' oriġini mill-Unjoni għal prodotti minn ċerti setturi kritiċi għas-sigurtà ekonomika tal-Unjoni, b'mod partikolari l-bini ta' bastimenti u ta' vetturi ferrovjarji.

*Artikolu 30*

**Eżerċizzju tad-delega**

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni tal-atti delegati msemmija fl-Artikoli 8, 9, 10, 16 u 24 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikoli 8, 9, 10, 16, u 24 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni*

*Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti deżinjati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikoli 8, 9, 10, 16 u 24 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu infurmaw it-tnejn li huma lill-Kummissjoni li ma humiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

*Artikolu 31*

**Proċedura ta' Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn Kumitat. Dak il-Kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

*Artikolu 32*

**Penali**

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom, mingħajr dewmien, jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawk ir-regoli u dawk il-miżuri u għandhom jinnotifikawha, mingħajr dewmien, bi kwalunkwe emenda sussegwenti li tolqothom.

*Artikolu 33*

**Emendi tar-Regolament (UE) 2018/1724**

L-Annessi I u II tar-Regolament (UE) 2018/1724 huma emendati f'konformità mal-Anness V ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 34*

**Emendi tar-Regolament (UE) 2024/1735**

Ir-Regolament (UE) 2024/1735 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 3, jiżdiedu l-punti (34), (35) u (36) li ġejjin:

(a) “(34) “batterija industrijali” tfisser batterija industrijali kif definita fl-Artikolu 3(1), il-punt (13), tar-Regolament (UE) 2023/1542 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*;”

(b) “(35) “sistema għall-ħażna tal-enerġija f’batteriji stazzjonarji” tfisser sistema għall-ħżin tal-enerġija f’batteriji stazzjonarji kif definita fl-Artikolu 3(1), il-punt (15), tar-Regolament (UE) 2023/1542;”

(c) “(36) “pompa tas-sħana idrawlika” tfisser heater tal-post li juża s-sħana ambjentali minn sors tal-arja, sors tal-ilma jew sors tal-art, u/jew sħana mormija għall-ġenerazzjoni tas-sħana u għat-tisħin tal-post permezz ta’ ċirkwit tal-ilma.”

___

* Ir-Regolament (UE) 2023/1542 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta’ Lulju 2023 dwar il-batteriji u l-iskart ta’ batteriji, li jemenda d-Direttiva 2008/98/KE u r-Regolament (UE) 2019/1020 u li jħassar id-Direttiva 2006/66/KE (ĠU L 191, 28.7.2023, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/1542/oj).;

(2) fl-Artikolu 9, jiżdied il-paragrafu (14) li ġej:

14. Il-proġetti kollha ta’ manifattura tat-teknoloġija b’emissjonijiet żero netti għandhom jitqiesu bħala proġetti strateġiċi li jikkontribwixxu għar-reżiljenza u għad-dekarbonizzazzjoni jew għall-effiċjenza fir-riżorsi għall-fini tal-Artikolu 14(1) ta’ [Proposta għal Regolament dwar it-tħaffif tal-valutazzjoni ambjentali].”;

(3) l-Artikolu 25 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“1. Għall-proċeduri ta’ akkwist pubbliku li jaqgħu fil-kamp ta’ applikazzjoni tad-Direttiva 2014/23/UE, 2014/24/UE jew 2014/25/UE, fejn il-kuntratti jkollhom it-teknoloġiji b’emissjonijiet żero netti elenkati fl-Artikolu 4(1), il-punti (a) sa (d), (h) u (i), ta’ dan ir-Regolament bħala parti mis-suġġett tagħhom, jew fil-każ ta’ kuntratti ta’ xogħlijiet u ta’ konċessjonijiet ta’ xogħlijiet li jinkludu t-teknoloġija msemmija, l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti għandhom japplikaw rekwiżiti obbligatorji minimi rigward is-sostenibbiltà ambjentali stabbiliti fl-att ta’ implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 5 ta’ dan l-Artikolu.”;

(b) fil-paragrafu 7, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Il-kontribut għar-reżiljenza tal-offerta għandu jitqies fil-każ ta’ proċeduri ta’ akkwist pubbliku, ta’ kuntratti ta’ xogħol u ta’ konċessjonijiet ta’ xogħlijiet imsemmija fil-paragrafu 1, f’konformità ma’ dan il-paragrafu.”

(c) fil-paragrafu 7, il-punt (a) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(a) obbligu għad-durata tal-kuntratt li ma jiġix fornit aktar minn 50 % tal-valur tal-prodott finali speċifiku b’teknoloġija b’emissjonijiet żero netti msemmi f’dan il-paragrafu minn kull pajjiż terz individwali kif iddeterminat mill-Kummissjoni;

(d) fil-paragrafu 7, il-punt (b) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(b) obbligu għad-durata tal-kuntratt li mhux aktar minn 50 % tal-valur tal-komponenti speċifiċi ewlenin tat-teknoloġija speċifika b’emissjonijiet żero

netti msemmija f'dan il-paragrafu meħuda flimkien jiġi fornit jew ipprovdut direttament mill-offerent rebbieħ jew minn sottokuntrattur minn kull pajjiż terz individwali kif iddeterminat mill-Kummissjoni;";

(4) Jiddaħħal l-Artikolu 25a li ġej:

*"Artikolu 25a*

**Rekwiżiti ta' oriġini għall-proċeduri ta' akkwist pubbliku**

1. Għall-proċeduri ta' akkwist pubbliku msemmija fl-Anness II, l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti għandhom jeskludu mill-aċċess għal tali proċeduri ta' akkwist l-offerti sottomessi minn operaturi ekonomiċi li jkunu proprjetà ta' entità stabbilita f'pajjiżi terzi li ma jkunux kkonkludew ftehim internazzjonali mal-Unjoni li jiggarantixxi aċċess bħal dan, jew ikkontrollati minn tali entità.

2. Għall-proċeduri ta' akkwist pubbliku msemmija fl-Anness II, l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti għandhom japplikaw ir-rekwiżiti ta' oriġini mill-Unjoni stabbiliti fih. Ir-rekwiżiti relatati ma' komponenti speċifiċi ewlenin għandhom japplikaw biss sal-punt li dawk il-komponenti jkunu inklużi fil-prodott finali.

3. L-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx rekwiżit wieħed jew diversi rekwiżiti stabbiliti fl-Anness II meta tiġi ssodisfata kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

   (a) il-prodotti mitluba jkunu jistgħu jiġu forniti biss minn operatur ekonomiku speċifiku wieħed, u ma tkun teżisti l-ebda alternattiva jew sostitut raġonevoli, u l-assenza ta' kompetizzjoni ma tkunx ir-riżultat ta' restrizzjoni artifiċjali tal-parametri tal-proċedura ta' akkwist pubbliku;

   (b) ma tkun ġiet sottomessa l-ebda offerta xierqa jew l-ebda talba xierqa għall-parteċipazzjoni, inkluż b'rispons għal proċedura ta' akkwist pubbliku preċedenti simili mnedija mill-istess awtorità kontraenti jew entità kontraenti fis-sentejn ta' qabel il-bidu tal-proċedura l-ġdida ta' akkwist ippjanata;

   (c) l-applikazzjoni tagħhom tkun teħtieġ li awtorità kontraenti jew entità kontraenti takkwista oġġetti, servizzi jew xogħlijiet li jkollhom kostijiet sproporzjonati jew jirriżultaw f'inkompatibbiltà teknika fl-operat u fil-manutenzjoni. Id-differenzi fil-kostijiet stmati li jaqbżu l-25 %, ibbażati fuq data oġġettiva u trasparenti, jistgħu jiġu preżunti li jkunu sproporzjonati mill-awtoritajiet kontraenti u mill-entitajiet kontraenti.

   (d) l-applikazzjoni tagħhom twassal għal dewmien sinifikanti fit-twassil tal-proġett minħabba n-nuqqas ta' disponibbiltà tal-komponenti jew tal-prodotti finali meħtieġa. Id-dewmien stmat ta' aktar minn 7 xhur, abbażi ta' data oġġettiva, trasparenti u verifikabbli, jista' jkun preżunt li jkun sinifikanti.

4. L-awtoritajiet kontraenti għandhom jirrikjedu li l-operaturi ekonomiċi li jfornu prodotti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Artikolu jissottomettu awtodikjarazzjoni, jew dokument ekwivalenti, li juri l-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan l-Artikolu."

(5) L-Artikolu 26 huwa emendat kif ġej:

(a) l-intestatura hija sostitwita b'dan li ġej: "Irkantijiet għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti"

(b) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

il-kliem introduttorju huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Meta jfasslu rkantijiet għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti elenkati fl-Artikolu 4(1), il-punti (a) sa (g), (i) u (j), l-Istati Membri għandhom jinkludu:"

fil-punt (a), jiżdied il-punt (iv) li ġej:

"(iv) fornituri ta' riskju għoli kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (39), tar-Regolament xxxx/xxxx [CSA2]: Għall-irkantijiet li jinkludu sistemi ta' kontroll, sistemi ta' kontroll tal-ġestjoni, sistemi superviżorji ta' kontroll u ta' akkwist tad-data, sistemi ta' aċċess mill-bogħod jew firewalls, il-fornituri identifikati bħala fornituri ta' riskju għoli f'konformità mar-Regolament xxxx/xxxx [CSA2] ma għandhomx ikunu involuti fil-proċessi li ġejjin:

(1) il-provvista ta' dawk il-prodotti jew is-sistemi;

(2) id-disinn, l-iżvilupp jew il-produzzjoni ta' dawk il-prodotti jew is-sistemi;

(3) il-ġestjoni, il-kontroll jew l-operat ta' dawk il-prodotti jew is-sistemi;

(4) l-iżvilupp, il-manutenzjoni, l-operat, jew l-aġġornament tas-software tagħhom

il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej: "kriterji tal-prekwalifikazzjoni jew kriterji għall-aġġudikazzjoni kif imsemmi fil-paragrafi 2 u 2a".

(c) Jiddaħħal il-paragrafu 2a li ġej: "2a. Meta l-irkantijiet ikollhom teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti elenkati fl-Anness II bħala parti mis-suġġett tagħhom, l-Istati Membri għandhom jinkludu l-kriterji tal-prekwalifikazzjoni jew għall-aġġudikazzjoni stabbiliti fl-Anness II." Il-kriterji relatati ma' komponenti speċifiċi ewlenin għandhom japplikaw biss sal-punt li dawk il-komponenti jkunu inklużi fil-prodott finali.";

(d) fil-paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej: "Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta att ta' implimentazzjoni li jispeċifika aktar il-kriterji tal-prekwalifikazzjoni u għall-aġġudikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a), (i), (ii) u (iii), u fil-paragrafu 2."

(e) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej: "4. L-Istati Membri għandhom jagħtu lil kull wieħed mill-kriterji msemmija fil-paragrafi 2 u 2a, meta applikati bħala kriterji għall-aġġudikazzjoni, piż minimu ta' 5 % u piż kombinat ta' bejn 15 % u 30 % tal-kriterji għall-aġġudikazzjoni. Dak huwa mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li tingħata ponderazzjoni ogħla lill-kriterji msemmija fir-raba' subparagrafu tal-paragrafu 2, f'konformità ma' kwalunkwe limitu għall-kriterji mhux marbuta mal-prezz stabbiliti fir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat.

(f) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej: "5. L-Istati Membri ma għandhomx ikunu meħtieġa japplikaw wieħed jew aktar mill-kriterji tal-prekwalifikazzjoni u għall-aġġudikazzjoni stabbiliti fil-paragrafu 1, il-punti (a), (i), (ii) u (iii), u

fil-paragrafu 1, il-punt (b), fejn l-applikazzjoni ta' dawk il-kriterji tirriżulta f'kostijiet sproporzjonati jew f'dewmien sinifikanti fit-twassil tal-proġett minħabba n-nuqqas ta' disponibbiltà tal-komponenti jew tal-prodotti finali meħtieġa. L-Istati Membri jistgħu jippreżumu li differenzi ta' aktar minn 20 % fil-kostijiet stmati għal kull irkant, ibbażati fuq data oġġettiva u verifikabbli, ikunu sproporzjonati. Dewmien ta' aktar minn 7 xhur, ibbażat fuq data oġġettiva, trasparenti u verifikabbli, jista' jkun preżunt bħala sinifikanti."

(g) il-paragrafu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej: "7. Il-paragrafi 1 sa 5 għandhom japplikaw għal mill-inqas 40 % tal-volum irkantat kull sena għal kull Stat Membru jew alternattivament għal mill-inqas 8 Gigawatt fis-sena għal kull Stat Membru. Il-paragrafu 1, il-punti (a)(ii) u (iv), għandu japplika għal 100 % tal-volum irkantat għal kull Stat Membru."

(h) fil-paragrafu 8, il-formulazzjoni introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej: "Sal-31 ta' Diċembru 2027, il-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjoni komprensiva tal-applikazzjoni tal-kriterji msemmija fil-paragrafu 2 u l-effett tagħhom fuq l-implimentazzjoni aċċellerata ta' teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli. Sal-31 ta' Diċembru 2029 u kull sentejn wara dan, il-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjoni komprensiva tal-applikazzjoni tal-kriterji msemmija fil-paragrafi 2 u 2a u l-effett tagħhom fuq l-implimentazzjoni aċċellerata ta' teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli. B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-impatt tal-kriterji fuq:"

(6) Jiddaħħlu l-Artikoli 28a sa 28e li ġejjin:

*Artikolu 28a*

**Rekwiżiti ta' oriġini għal forom oħra ta' intervent pubbliku**

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE, l-iskemi ta' appoġġ imsemmija fl-Anness II għandhom jinkludu r-rekwiżiti stabbiliti fih. Ir-rekwiżiti relatati ma' komponenti speċifiċi ewlenin għandhom japplikaw biss sal-punt li dawk il-komponenti jkunu inklużi fil-prodott finali.

2. Meta tfassal u timplimenta skema skont il-paragrafu 1, l-awtorità għandha tivvaluta l-issodisfar tar-rekwiżiti abbażi ta' proċess miftuħ, nondiskriminatorju u trasparenti.

3. Meta jingħata kumpens finanzjarju addizzjonali, dan ma għandux jaqbeż il-15 % tal-kost tal-prodott finali għall-konsumatur, inklużi l-kostijiet tat-trasport u tal-installazzjoni fejn rilevanti, bl-eċċezzjoni ta' skemi mmirati lejn iċ-ċittadini li jgħixu fil-faqar enerġetiku, kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (1), tar-Regolament (UE) 2023/955 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([57]), li għalihom il-limitu għandu jkun ta' 20 %.

*Artikolu 28b*

**Limitazzjonijiet għall-fornituri b'riskju għoli għal forom oħra ta' intervent pubbliku**

Għal skemi ta' appoġġ fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikoli 28 u 28a li jinkludu sistemi ta' kontroll, sistemi ta' kontroll tal-ġestjoni, sistemi ta' kontroll superviżorju u ta' akkwist tad-data, sistemi ta' aċċess mill-bogħod jew firewalls, l-Istati Membri għandhom ifasslu dawk l-iskemi b'tali mod li jiżguraw li l-benefiċjarji jkunu eliġibbli għall-iskema biss meta l-fornituri

identifikati bħala fornituri ta' riskju għoli f'konformità mar-Regolament xxxx/xxxx [CSA2] ma jkunux involuti fil-proċessi li ġejjin:

(a) il-provvista ta' dawk il-prodotti jew is-sistemi;

(b) id-disinn, l-iżvilupp jew il-produzzjoni ta' dawk il-prodotti jew is-sistemi;

(c) il-ġestjoni, il-kontroll jew l-operat ta' dawk il-prodotti jew is-sistemi;

(d) l-iżvilupp, il-manutenzjoni, l-operat, jew l-aġġornament tas-software tagħhom.

*Artikolu 28c*

**Rekwiżiti ta' oriġini mill-Unjoni għall-appoġġ tal-Istati Membri għall-kostruzzjoni u għall-manifattura ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti**

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE u f'konformità mal-impenji internazzjonali tal-Unjoni, meta jappoġġaw il-kostruzzjoni jew il-manifattura ta' prodotti finali b'teknoloġija b'emissjonijiet żero netti msemmija fl-Anness II ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rekwiżiti ta' oriġini mill-Unjoni stabbiliti f'dak l-Anness jiġu ssodisfati. Ir-rekwiżiti relatati ma' komponenti speċifiċi ewlenin għandhom japplikaw biss sal-punt li dawk il-komponenti jkunu inklużi fil-prodott finali.

2. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx rekwiżit wieħed jew aktar imsemmija fil-paragrafu 1 meta tiġi ssodisfata kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-komponenti mitluba jkunu jistgħu jiġu forniti biss minn operatur ekonomiku speċifiku wieħed, u ma tkun teżisti l-ebda alternattiva jew sostitut raġonevoli, u l-assenza ta' kompetizzjoni ma tkunx ir-riżultat ta' restrizzjoni artifiċjali tal-parametri tal-proċedura ta' akkwist pubbliku;

(b) l-applikazzjoni tagħhom tirriżulta f'kostijiet sproporzjonati jew f'inkompatibbiltà teknika fl-operat jew fil-manutenzjoni. Differenzi fil-kostijiet stmati li jaqbżu l-25 %, ibbażati fuq data oġġettiva u trasparenti, jistgħu jiġu preżunti li jkunu sproporzjonati;

(c) l-applikazzjoni tagħhom tkun tipperikola l-proġett jew twassal għal dewmien sinifikanti fit-twassil tal-proġett minħabba n-nuqqas ta' disponibbiltà tal-komponenti jew tal-prodotti finali meħtieġa. Dewmien ta' aktar minn 7 xhur, ibbażat fuq data oġġettiva, trasparenti u verifikabbli, jista' jkun preżunt bħala sinifikanti.

3. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE u f'konformità mal-impenji internazzjonali tal-Unjoni, meta jappoġġaw il-manifattura ta' prodotti finali b'teknoloġija b'emissjonijiet żero netti msemmija fl-Anness II ta' dan ir-Regolament u li jinkludu sistemi ta' kontroll, sistemi ta' kontroll tal-ġestjoni, sistemi ta' kontroll superviżorju u ta' akkwist ta' data, sistemi ta' aċċess mill-bogħod jew firewalls, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fornituri identifikati bħala fornituri b'riskju għoli f'konformità mar-Regolament xxxx/xxxx [CSA2] ma jkunux involuti fil-proċessi li ġejjin:

(a) il-provvista ta' dawk il-prodotti jew is-sistemi;

(b) id-disinn, l-iżvilupp jew il-produzzjoni ta' dawk il-prodotti jew is-sistemi;

(c) il-ġestjoni, il-kontroll jew l-operat ta' dawk il-prodotti jew is-sistemi;

(d) l-iżvilupp, il-manutenzjoni, l-operat, jew l-aġġornament tas-software tagħhom.

*Artikolu 28d*

**Oriġini mill-Unjoni**

1. Għall-finijiet tal-Artikoli 25a, 26 u 28a u 28c, il-kontenut ta' oriġini mill-Unjoni jirreferi għal kontenut li joriġina mill-Unjoni.

2. L-oriġini tal-prodotti u tal-komponenti għandha tiġi ddeterminata f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew.

*Artikolu 28e*

**Kontenut ekwivalenti għall-oriġini mill-Unjoni fl-akkwist pubbliku**

1. Fir-rigward tar-rekwiżiti ta' oriġini mill-Unjoni msemmija fl-Artikolu 25a, il-kontenut li joriġina minn pajjiżi terzi li magħhom l-Unjoni kkonkludiet ftehim li jistabbilixxi żona ta' kummerċ ħieles jew unjoni doganali, jew li huma partijiet għall-Ftehim dwar l-Akkwist Pubbliku, fejn jeżistu obbligi rilevanti tal-Unjoni skont dak il-ftehim, għandu jitqies li jkun ta' oriġini mill-Unjoni.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 44 biex teskludi, kompletament jew parzjalment, pajjiż terz mill-kamp ta' applikazzjoni tal-paragrafu 1 abbażi ta' kwalunkwe wieħed mill-kriterji li ġejjin:

(e) dak il-pajjiż terz ikun naqas milli jipprovdi trattament nazzjonali relatat ma' prodotti jew ma' entitajiet tal-Unjoni skont il-ftehimiet imsemmija fil-paragrafu 1 fir-rigward ta' kwalunkwe waħda mit-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti elenkati fl-Artikolu 4, il-punt (1);

(f) tali esklużjoni tkun ġustifikata biex jiġu evitati d-dipendenzi jew kwalunkwe żvilupp ieħor li jista' jhedded is-sigurtà tal-provvista fl-Unjoni tal-prodotti inkwistjoni;

(g) tali esklużjoni tkun ġustifikata skont kwalunkwe eċċezzjoni oħra skont il-ftehim applikabbli.

*Artikolu 28f*

**Kontenut ekwivalenti għall-oriġini mill-Unjoni fl-irkantijiet**

3. Fir-rigward tar-rekwiżiti ta' oriġini mill-Unjoni msemmija fl-Artikolu 26, il-kontenut li joriġina minn pajjiżi terzi li magħhom l-Unjoni tkun ikkonkludiet ftehim li jistabbilixxi żona ta' kummerċ ħieles jew unjoni doganali għandu jitqies li jkun ta' oriġini mill-Unjoni.

4. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 44 biex teskludi, kompletament jew parzjalment, pajjiż terz mill-kamp ta' applikazzjoni tal-paragrafu 1 abbażi ta' kwalunkwe wieħed mill-kriterji li ġejjin:

(h) dak il-pajjiż terz ikun naqas milli jipprovdi trattament nazzjonali relatat ma' prodotti jew ma' entitajiet tal-Unjoni skont il-ftehimiet imsemmija fil-paragrafu 1 fir-rigward ta' kwalunkwe waħda mit-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti elenkati fl-Artikolu 4, il-punt (1);

(i) tali esklużjoni tkun ġustifikata biex jiġu evitati d-dipendenzi jew kwalunkwe żvilupp ieħor li jista' jhedded is-sigurtà tal-provvista fl-Unjoni tal-prodotti inkwistjoni;

(j) tali esklużjoni tkun ġustifikata skont kwalunkwe eċċezzjoni oħra skont il-ftehim applikabbli.

*Artikolu 28g*

**Kontenut ekwivalenti għall-oriġini mill-Unjoni f'forom oħra ta' intervent pubbliku**

1. Fir-rigward tar-rekwiżiti ta' oriġini mill-Unjoni stabbiliti fl-Artikolu 28a, il-kontenut li joriġina minn pajjiżi terzi li magħhom l-Unjoni tkun ikkonkludiet ftehim li jistabbilixxi żona ta' kummerċ ħieles jew unjoni doganali għandu jitqies li jkun ta' oriġini mill-Unjoni.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 44 biex teskludi, kompletament jew parzjalment, pajjiż terz mill-kamp ta' applikazzjoni tal-paragrafu 1 abbażi ta' kwalunkwe wieħed mill-kriterji li ġejjin:

(k) dak il-pajjiż terz ikun naqas milli jipprovdi trattament nazzjonali relatat ma' prodotti jew ma' entitajiet tal-Unjoni skont il-ftehimiet imsemmija fil-paragrafu 1 fir-rigward ta' kwalunkwe waħda mit-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti elenkati fl-Artikolu 4, il-punt (1);

(l) tali esklużjoni tkun ġustifikata biex jiġu evitati d-dipendenzi jew kwalunkwe żvilupp ieħor li jista' jhedded is-sigurtà tal-provvista fl-Unjoni tal-prodotti inkwistjoni;

(m) tali esklużjoni tkun ġustifikata skont kwalunkwe eċċezzjoni oħra skont il-ftehim applikabbli.

*Artikolu 28h*

**Delega tas-setgħa**

1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 44 biex temenda r-rekwiżiti ta' oriġini mill-Unjoni stabbiliti fl-Anness II, filwaqt li tqis il-kriterji li ġejjin:

(a) is-sitwazzjoni tas-suq fil-livell tal-Unjoni, inklużi t-tnaqqis fl-ishma mis-suq tal-Unjoni u l-produzzjoni b'kapaċità mhux sfruttata bis-sħiħ tal-industrija tal-Unjoni;

(b) il-kontribut tar-rekwiżiti għall-objettiv tal-Unjoni ta' ordni pubbliku, ta' sigurtà ekonomika, ta' reżiljenza u ta' newtralità klimatika stabbilit fir-Regolament (UE) 2021/1119;

(c) il-progress teknoloġiku;

(d) id-domanda għat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti rilevanti;

(e) l-impatt tal-istabbiliment ta' rekwiżiti ta' oriġini mill-Unjoni fuq il-kompetittività ġenerali u fuq l-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-setturi rilevanti.

2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati biex tissupplimenta l-Anness II bir-rekwiżiti ta' oriġini mill-Unjoni għal prodotti finali speċifiċi addizzjonali b'teknoloġija b'emissjonijiet żero netti msemmija fl-Artikolu 4(1), il-punti (g), (h), (j), (k), (n), (p), u (s), kif ukoll it-teknoloġiji termali solari msemmija fl-Artikolu 4(1), il-punt (a), it-teknoloġiji taċ-ċiklu tal-fjuwil nukleari msemmija fl-Artikolu 4(1), il-punt (i), u t-teknoloġiji tal-propulsjoni elettrika għat-trasport imsemmija fl-

Artikolu 4(1), il-punt (r), li għandhom ikunu meħtieġa f'konformità mal-Artikoli 25a, 26, 28a u 28c. Hija u tagħmel dan, il-Kummissjoni għandha tqis dawn li ġejjin:

(a) is-sitwazzjoni tas-suq fil-livell tal-Unjoni, kif identifikata permezz ta' attivitajiet ta' monitoraġġ, inklużi t-tnaqqis fl-ishma mis-suq tal-Unjoni u l-produzzjoni b'kapaċità mhux sfruttata bis-sħiħ tal-industrija tal-Unjoni;

(b) il-kontribut tar-rekwiżiti għall-objettiv tal-Unjoni ta' ordni pubbliku, ta' sigurtà ekonomika, ta' reżiljenza u ta' newtralità klimatika;

(c) l-impatt tal-istabbiliment tar-rekwiżiti ta' oriġini mill-Unjoni, tar-rekwiżiti ta' livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, jew tat-tnejn, fuq il-kompetittività ġenerali u fuq l-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-setturi rilevanti, kif ukoll fuq il-kostijiet downstream għall-konsumaturi u għall-intrapriżi żgħar u medji u fuq il-baġits pubbliċi.

(d) id-domanda għall-prodotti jew għat-teknoloġiji rilevanti.

1. L-atti delegati msemmija fil-paragrafu 2 għandhom jistabbilixxu:

(a) il-prodotti u l-komponenti li għalihom għandhom japplikaw ir-rekwiżiti minimi ta' oriġini mill-Unjoni;

(b) il-kamp ta' applikazzjoni tar-rekwiżiti minimi ta' oriġini mill-Unjoni;

(7) L-Artikolu 42 huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-paragrafu 2a li ġej:

"2a. L-Istati Membri, l-awtoritajiet pubbliċi, l-awtoritajiet tal-akkwist u l-entitajiet tal-akkwist li japplikaw il-Kapitolu IV ta' dan ir-Regolament għandhom jirrapportaw dwar l-applikazzjoni tal-eżenzjonijiet f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dak il-Kapitolu."

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Meta ma jkunux diġà inklużi fil-pjanijiet nazzjonali għall-enerġija u għall-klima, jew f'konformità mal-elementi tagħhom, kull Stat Membru għandu jippreżenta lill-Kummissjoni rapport li jistabbilixxi d-data msemmija fil-paragrafi 2 u 2a sal-15 ta' Marzu 2027 u kull 3 snin wara dan.";

(8) Jiżdied l-Anness II li ġej:

"ANNESS II

Rekwiżiti ta' oriġini mill-Unjoni għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti

**Parti I – Akkwist pubbliku**

1. F'konformità mal-Artikolu 25a, għall-proċeduri ta' akkwist pubbliku ppubblikati wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttivi 2014/23/UE, 2014/24/UE jew 2014/25/UE fejn il-kuntratti, il-kuntratti ta' xogħlijiet jew il-konċessjonijiet ta' xogħlijiet jinkludu l-akkwist tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti li ġejjin, id-dokumenti ta' akkwist għandhom jinkludu r-rekwiżiti stabbiliti hawn taħt:

(a) Sistemi għall-ħażna tal-enerġija f'batteriji:

Minn [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = sena (1) wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] sa [3 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], is-sistemi għall-ħażna tal-enerġija f'batteriji għandhom

joriġinaw mill-Unjoni u, għal proġetti li jinkludu l-ħażna tal-enerġija f'batteriji li taqbeż il-Megawatt siegħa 1, għandu jkun fihom sistema għall-ġestjoni tal-batteriji li toriġina mill-Unjoni.

Minn [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = 3 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], is-sistemi għall-ħażna tal-enerġija f'batteriji għandhom joriġinaw fl-Unjoni u jkun fihom ċelloli tal-batteriji, sistema għall-ġestjoni tal-batteriji kif ukoll komponent speċifiku ewlieni addizzjonali li joriġina mill-Unjoni.

(b) Teknoloġiji PV solari: Minn [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = 3 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-invertitur PV u ċ-ċelloli PV jew l-ekwivalenti għandhom joriġinaw mill-Unjoni.

(c) Pompi tas-sħana idrawliċi: Minn [OP: Jekk jogħġbok daħħal: 3 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] il-pompa tas-sħana idrawlika għandha toriġina mill-Unjoni.

(d) Teknoloġiji eoliċi fuq l-art u lil hinn mill-kosta:

Minn [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = sena (1) wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] sa [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = 3 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], komponent speċifiku ewlieni wieħed għandu joriġina mill-Unjoni.

Minn [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = 3 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], żewġ komponenti speċifiċi ewlenin għandhom joriġinaw mill-Unjoni.

(e) Teknoloġiji tal-fissjoni nukleari:

Għall-proċeduri ta' akkwist pubbliku ppubblikati wara [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = 4 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] fejn il-kuntratti ta' xogħlijiet jew il-konċessjonijiet ta' xogħol jinkludu l-kostruzzjoni fuq impjant tal-enerġija nukleari ta' bini ġdid, inklużi reatturi nukleari modulari żgħar (SMR, Small Modular nuclear Reactors), mill-inqas żewġ komponenti speċifiċi ewlenin għandhom joriġinaw mill-Unjoni.

Għall-proċeduri ta' akkwist pubbliku ppubblikati wara [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = 6 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] fejn il-kuntratti ta' xogħlijiet jew il-konċessjonijiet ta' xogħol jinkludu l-kostruzzjoni fuq impjant tal-enerġija nukleari ta' bini ġdid, inklużi reatturi nukleari modulari żgħar (SMR, Small Modular nuclear Reactors), mill-inqas tliet komponenti speċifiċi ewlenin għandhom joriġinaw mill-Unjoni.

Dawn ir-rekwiżiti ma għandhomx japplikaw għal proġetti ta' riċerka, ta' żvilupp u ta' innovazzjoni inkluż l-ewwel implimentazzjoni industrijali ta' impjanti tal-enerġija nukleari.

**Parti II – Irkantijiet**

F'konformità mal-Artikolu 26, meta l-irkantijiet ikollhom it-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti li ġejjin bħala parti mis-suġġett tagħhom, l-Istati Membri għandhom jinkludu l-kriterji tal-prekwalifikazzjoni jew għall-aġġudikazzjoni stabbiliti hawn taħt:

(a) Sistemi għall-ħażna tal-enerġija f'batteriji:

Għall-irkantijiet ippubblikati minn [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] sa [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = 3 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], is-sistema għall-ħażna tal-enerġija f'batteriji għandha toriġina mill-Unjoni u, għal proġetti li jinkludu l-ħażna tal-enerġija f'batteriji li taqbeż Megawatt siegħa 1, għandu jkun fiha sistema ta' ġestjoni tal-batteriji li toriġina mill-Unjoni.

Għall-irkantijiet ippubblikati wara [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = 3 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], is-sistema għall-ħażna tal-enerġija f'batteriji għandha toriġina mill-Unjoni u jkun fiha ċelloli tal-batteriji, sistema tal-ġestjoni tal-batteriji kif ukoll komponent speċifiku ewlieni wieħed addizzjonali li joriġinaw mill-Unjoni.

(b) Teknoloġiji PV solari: Għall-irkantijiet ippubblikati wara [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = 3 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-invertitur PV u ċ-ċelloli PV jew l-ekwivalenti għandhom joriġinaw mill-Unjoni.

(c) Idroġenu:

Għall-irkantijiet ippubblikati wara [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = sena (1) wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-elettrolizzaturi użati għall-produzzjoni tal-idroġenu għandhom joriġinaw mill-Unjoni, u l-istacks kif ukoll komponent speċifiku ewlieni addizzjonali għandhom joriġinaw mill-Unjoni.

Għall-irkantijiet ippubblikati wara [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = 3 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-elettrolizzaturi użati għall-produzzjoni tal-idroġenu għandhom joriġinaw mill-Unjoni, u l-istacks kif ukoll żewġ komponenti speċifiċi ewlenin addizzjonali għandhom joriġinaw mill-Unjoni.

(d) Teknoloġiji eoliċi fuq l-art u lil hinn mill-kosta:

Għall-irkantijiet ippubblikati minn [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = sena (1) wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] sa [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = 3 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], komponent speċifiku ewlieni wieħed tat-turbina eolika għandu joriġina mill-Unjoni.

Għall-irkantijiet ippubblikati wara [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = 3 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], żewġ komponenti speċifiċi ewlenin tat-turbina eolika għandhom joriġinaw mill-Unjoni.

**Parti III – Forom oħra ta' intervent pubbliku**

F'konformità mal-Artikolu 28b, meta jiddeċiedu li jistabbilixxu skemi ġodda jew li jaġġornaw skemi eżistenti li jibbenefikaw lill-unitajiet domestiċi jew lill-kumpaniji li jappoġġaw id-domanda għal prodotti finali b'teknoloġija b'emissjonijiet żero netti elenkati f'dan il-paragrafu, l-Istati Membri, l-awtoritajiet reġjonali jew lokali, il-korpi rregolati bid-dritt pubbliku jew l-assoċjazzjonijiet iffurmati minn tali awtorità waħda jew aktar jew tali korp wieħed jew aktar irregolati bid-dritt pubbliku, għandhom ifasslu l-iskemi b'tali mod li jiżguraw li l-benefiċjarji jkunu eliġibbli għall-iskema jew għal kumpens finanzjarju addizzjonali biss meta r-rekwiżiti stabbiliti hawn taħt jiġu ssodisfati:

(a) Sistemi għall-ħażna tal-enerġija f'batteriji:

Għal skemi stabbiliti jew aġġornati bejn [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = sena (1) wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] u [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = 3 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], is-sistemi għall-ħażna tal-enerġija f'batteriji għandhom joriġinaw mill-Unjoni u, għal proġetti li jinkludu l-ħażna tal-enerġija f'batteriji li taqbeż Megawatt siegħa 1, għandu jkun fihom sistema ta' ġestjoni tal-batteriji li toriġina mill-Unjoni.

Għal skemi stabbiliti jew aġġornati minn [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = 3 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], is-sistemi għall-ħażna tal-enerġija f'batteriji għandhom joriġinaw mill-Unjoni u jkun fihom ċelloli tal-batteriji, sistema tal-ġestjoni tal-batteriji kif ukoll komponent speċifiku ewlenin addizzjonali wieħed li joriġinaw mill-Unjoni.

(b) Teknoloġiji PV solari: Għal skemi stabbiliti jew aġġornati minn [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = 3 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-invertitur PV u ċ-ċelloli PV jew l-ekwivalenti għandhom joriġinaw mill-Unjoni.

(c) Pompi tas-sħana idrawliċi: Għal skemi stabbiliti jew aġġornati minn [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = 3 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-pompa tas-sħana idrawlika għandha toriġina mill-Unjoni.

**IV – Appoġġ tal-Istati Membri għall-kostruzzjoni jew għall-manifattura ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti**

F'konformità mal-Artikolu 28c, meta jappoġġaw il-kostruzzjoni jew il-manifattura tal-prodotti finali b'teknoloġija b'emissjonijiet żero netti li ġejjin, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rekwiżiti ta' oriġini mill-Unjoni stabbiliti hawn taħt jiġu ssodisfati:

(a) Idroġenu:

Minn [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = sena (1) wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] meta jistabbilixxu skemi ta' appoġġ ġodda għall-investimenti fl-appoġġ tal-kapaċità tal-manifattura tal-elettrolizzaturi, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-elettrolizzatur joriġina mill-Unjoni u l-istack u mill-inqas komponent speċifiku ewlieni addizzjonali wieħed tal-elettrolizzatur joriġina mill-Unjoni.

Minn [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = 3 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] meta jistabbilixxu skemi ta' appoġġ ġodda għall-investimenti fl-appoġġ tal-kapaċità tal-manifattura tal-elettrolizzaturi, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-elettrolizzatur joriġina mill-Unjoni u l-istack u mill-inqas żewġ komponenti speċifiċi ewlenin addizzjonali tal-elettrolizzatur joriġinaw mill-Unjoni.

(b) Nukleari:

Għal proġetti li għalihom l-applikazzjoni għall-appoġġ isseħħ wara [PO: Jekk jogħġbok daħħal id-data = 4 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] meta jingħata appoġġ għall-kostruzzjoni ta' impjanti tal-enerġija nukleari ta' bini ġdid, inklużi reatturi nukleari modulari żgħar (SMR), l-Istati Membri għandhom jiżguraw li tal-anqas żewġ komponenti speċifiċi ewlenin tal-prodotti finali tat-teknoloġija tal-fissjoni nukleari joriġinaw mill-Unjoni.

Għal proġetti li għalihom l-applikazzjoni għall-appoġġ isseħħ wara [PO: Jekk jogħġbok daħħal id-data = 6 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] meta jingħata appoġġ għall-kostruzzjoni ta' impjanti tal-enerġija nukleari ta' bini ġdid, inklużi reatturi nukleari modulari żgħar (SMR), l-Istati Membri għandhom jiżguraw li tal-anqas tliet komponenti speċifiċi ewlenin tal-prodotti finali tat-teknoloġija tal-fissjoni nukleari joriġinaw mill-Unjoni.

Dawn ir-rekwiżiti ma għandhomx japplikaw għal proġetti ta' riċerka, ta' żvilupp u ta' innovazzjoni inkluż l-ewwel implimentazzjoni industrijali ta' impjanti tal-enerġija nukleari.

*Artikolu 35*

**Emendi tar-Regolament (UE) 2024/3110**

Fl-Artikolu 22(9) tar-Regolament (UE) 2024/3110, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Sabiex tiġi żgurata t-trasparenza għall-utenti u jiġu promossi prodotti sostenibbli, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 89 biex tissupplimenta dan ir-Regolament, billi tistabbilixxi rekwiżiti speċifiċi tat-tikkettar tas-sostenibbiltà ambjentali għal familji ta' prodotti u għal kategoriji ta' prodotti partikolari.".

*Artikolu 36*

**Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikoli 4 u 5 għandhom japplikaw minn [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = sena [waħda] wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri f'konformità mat-Trattati.

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew*<br>*Il-President* | *Għall-Kunsill*<br>*Il-President* |

<u>**DIKJARAZZJONI FINANZJARJA U DIĠITALI LEĠIŻLATTIVA**</u>


1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA ........ 3

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva ........ 3

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i) ........ 3

1.3. Objettiv(i) ........ 3

1.3.1. Objettiv(i) ġenerali ........ 3

1.3.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi ........ 3

1.3.3. Riżultat(i) u impatt mistennija ........ 3

1.3.4. Indikaturi tal-prestazzjoni ........ 3

1.4. Il-proposta/L-inizjattiva hija relatata ma': ........ 4

1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva ........ 4

1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva ........ 4

1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-UE (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, pereż. gwadanji mill-koordinazzjoni, ċertezza legali, aktar effettività jew komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' din it-taqsima, "valur miżjud tal-involviment tal-UE" huwa l-valur li jirriżulta mill-azzjoni tal-UE, li huwa addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom. ........ 4

1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi ........ 4

1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra ........ 5

1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni ........ 5

1.6. Durata tal-proposta/tal-inizjattiva u tal-impatt finanzjarju tagħha ........ 6

1.7. Metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i) ........ 6

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI ........ 8

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar ........ 8

2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll ........ 8

2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta ........ 8

2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom ........ 8

2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon bejn il-kostijiet tal-kontroll u l-valur tal-fondi relatati ġestiti) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq) ........ 8

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet ........ 9

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA ........ 10

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i 10
3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-approprjazzjonijiet 12
3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali 12
3.2.1.1. Approprjazzjonijiet mill-baġit ivvutat 12
3.2.1.2. Approprjazzjonijiet minn dħul assenjat estern 17
3.2.2. Output stmat iffinanzjat minn approprjazzjonijiet operazzjonali 22
3.2.3. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet amministrattivi 24
3.2.3.1. Approprjazzjonijiet mill-baġit ivvutat 24
3.2.3.2. Approprjazzjonijiet minn dħul assenjat estern 24
3.2.3.3. Total tal-approprjazzjonijiet 24
3.2.4. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani 25
3.2.4.1. Iffinanzjati mill-baġit ivvutat 25
3.2.4.2. Iffinanzjati minn dħul assenjat estern 26
3.2.4.3. Rekwiżiti totali ta' riżorsi umani 26
3.2.5. Ħarsa ġenerali lejn l-impatt stmat fuq l-investimenti relatati mat-teknoloġija diġitali28
3.2.6. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali 28
3.2.7. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi 28
3.3. Impatt stmat fuq id-dħul 29
4. DIMENSJONIJIET DIĠITALI 29
4.1. Rekwiżiti ta' rilevanza diġitali 30
4.2. Data 30
4.3. Soluzzjonijiet diġitali 31
4.4. Valutazzjoni tal-interoperabbiltà 31
4.5. Miżuri li jappoġġaw l-implimentazzjoni diġitali 32

## 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

### 1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

IR-REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi qafas ta' miżuri għall-aċċellerazzjoni tal-kapaċità industrijali u għad-dekarbonizzazzjoni f'setturi strateġiċi u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1724, ir-Regolament (UE) 2024/1735 u r-Regolament (UE) 2024/3110 (l-Att għall-Aċċellerazzjoni Industrijali).

### 1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

Suq Uniku, Kompetittività, Klima.

### 1.3. Objettiv(i)

#### *1.3.1. Objettiv(i) ġenerali*

L-objettiv ġenerali huwa li tiżdied il-produzzjoni industrijali dekarbonizzata u reżiljenti fl-industrija tal-manifattura tal-UE, b'attenzjoni speċjali fuq l-industriji intensivi fl-enerġija (EIIs, energy-intensive industries) u t-teknoloġiji nodfa, b'kunsiderazzjoni tal-kontribut tagħhom għall-kompetittività, għas-sigurtà ekonomika u għat-tkabbir ekonomiku sostenibbli tal-Ewropa, f'konformità mal-objettivi tal-Patt għal Industrija Nadifa.

#### *1.3.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi*

Objettiv speċifiku Nru 1

L-iffaċilitar tad-differenzjazzjoni għall-prodotti industrijali b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju biex jiżdiedu l-valur u l-kummerċjabbiltà tagħhom.

Objettiv speċifiku Nru 2

L-ispinta lid-domanda għall-prodotti Ewropej b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u għat-teknoloġiji nodfa Ewropej.

Objettiv speċifiku Nru 3

Il-massimizzazzjoni tal-kwalità u tal-benefiċċji tal-investiment barrani fl-UE.

Objettiv speċifiku Nru 4

It-tħaffif u s-simplifikazzjoni tal-permessi għad-dekarbonizzazzjoni industrijali

Objettiv speċifiku Nru 5

Iż-żieda fil-proġetti ta' investiment f'żoni industrijali.

#### *1.3.3. Riżultat(i) u impatt mistennija*

*Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva għandu jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.*

Impatti Ekonomiċi

L-introduzzjoni ta' tikketta armonizzata għal livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju għall-prodotti industrijali u għall-mekkaniżmu ta' verifika se ttejjeb it-trasparenza tas-suq, u tippermetti lill-produtturi jaqbdu l-valur għal produzzjoni aktar nadifa u jistimulaw il-kompetizzjoni bbażata fuq il-prestazzjoni aktar milli fuq il-kost biss. Din se toħloq opportunitajiet kummerċjali ġodda għall-manifatturi tal-UE, ittejjeb id-

differenzjazzjoni fil-prezzijiet fis-swieq internazzjonali, u tattira investiment privat f'teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju.

Billi żżid is-sehem ta' prodotti magħmula fl-UE u b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju fil-konsum domestiku, il-miżura se tagħti spinta lid-domanda fis-suq Ewropew, issaħħaħ il-kompetittività industrijali, u tnaqqas id-dipendenza fuq alternattivi b'livell għoli ta' emissjonijiet ta' karbonju jew importati. Il-ħolqien ta' swieq pilota għall-azzar u għas-siment b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u għat-teknoloġiji nodfa se jaċċellera l-ekonomiji ta' skala u jistimula aktar investiment.

L-inkoraġġiment ta' impriżi konġunti u ta' sħubijiet strateġiċi li jiġġeneraw valur miżjud Ewropew se jżid it-trasferiment tal-għarfien, l-innovazzjoni industrijali, u s-sovranità teknoloġika. Se jtejjeb is-sigurtà tal-katina tal-provvista, jiddiversifika s-sorsi tal-input, u jtejjeb ir-reżiljenza tal-ekosistemi industrijali tal-UE.

It-tnaqqis taż-żminijiet għall-ħruġ tal-permessi se jqassar id-dewmien tal-proġetti u jnaqqas il-kostijiet ta' finanzjament, filwaqt li jsaħħaħ il-klima ta' investiment għad-dekarbonizzazzjoni industrijali. L-approvazzjonijiet aktar rapidi se jħaffu l-varar ta' infrastruttura tal-enerġija nadifa, ta' faċilitajiet għall-qbid tal-karbonju, u ta' proġetti ta' elettrifikazzjoni, filwaqt li jistimulaw il-produttività industrijali u l-iżvilupp reġjonali.

L-appoġġ għal għadd ogħla ta' deċiżjonijiet finali dwar l-investiment (FIDs, Final Investment Decisions) f'żoni industrijali se jixpruna l-formazzjoni tal-kapital, jimmodernizza l-faċilitajiet eżistenti, u jattira finanzjament privat komplementari. Il-konċentrazzjoni tal-investiment fir-raggruppamenti industrijali se tiġġenera ekonomiji ta' skala u ssaħħaħ il-kompetittività reġjonali.

Impatti soċjali

It-tikketta dwar l-intensità tal-gassijiet serra tal-prodotti industrijali se ssaħħaħ il-fiduċja tal-konsumatur u tax-xerrej fi prodotti b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, filwaqt li tappoġġa l-impjieg b'ħiliet għolja fil-verifika, fl-ittestjar, u fis-servizzi ta' ċertifikazzjoni. Billi tippremja l-innovazzjoni, se tgħin biex jiġu sostnuti impjiegi industrijali ta' kwalità u biex jitrawmu t-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid fil-ktajjen tal-provvista tal-manifattura.

Iż-żieda fid-domanda tal-UE se tgħin biex jiġu ppreservati u jinħolqu impjiegi ta' kwalità għolja fir-reġjuni tal-manifattura li jkunu fi tranżizzjoni għal industriji b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju. Se ttejjeb ukoll il-koeżjoni reġjonali billi trawwem ir-riindustrijalizzazzjoni fiż-żoni affettwati, filwaqt li ttaffi l-kostijiet ta' aġġustament għall-ħaddiema permezz ta' prospetti ta' produzzjoni stabbli.

L-investimenti u s-sħubijiet barranin ta' kwalità għolja se joħolqu opportunitajiet ġodda ta' impjieg, b'mod partikolari fil-manifattura avvanzata u f'segmenti intensivi fir-riċerka. Dawn se jsaħħu wkoll il-kooperazzjoni bejn il-kumpaniji tal-UE u dawk mhux tal-UE, filwaqt li jippromwovu t-taħriġ tal-forza tax-xogħol u l-iskambju tal-ħiliet.

. It-trasparenza mtejba u l-għodod diġitali se jżidu l-fiduċja u l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fi proġetti industrijali lokali.

Iż-żieda fl-attività industrijali fis-siti eżistenti se tiġġenera impjiegi stabbli u ssaħħaħ il-ktajjen tal-provvista lokali, filwaqt li timminimizza t-tfixkil soċjali billi tuża siti

abbandunati u tisfrutta l-ħiliet eżistenti tal-forza tax-xogħol. Ir-raggruppament industrijali se jappoġġa l-konverġenza u r-reżiljenza reġjonali.

Impatti ambjentali

Il-qafas ta' tikkettar affidabbli u komparabbli se jinċentiva t-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra (GHG, Greenhouse-Gas) fil-ktajjen tal-valur industrijali kollha. Dan se jinkoraġġixxi titjib kontinwu fid-disinn tal-prodotti, fl-użu tal-materjali, u fl-effiċjenza enerġetika, u jgħin lill-industrija tilħaq l-objettiv tan-newtralità klimatika.

Bl-introduzzjoni ta' rekwiżiti ta' livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, l-adozzjoni aktar mifruxa ta' prodotti b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju se tixpruna tnaqqis sinifikanti fl-emissjonijiet fis-setturi tal-kostruzzjoni u tat-trasport. Dan l-approċċ xprunat mid-domanda jikkomplementa l-innovazzjoni min-naħa tal-provvista, u jaċċellera d-dekarbonizzazzjoni ġenerali tal-ekonomija Ewropea.

Il-proċessi ta' ħruġ tal-permessi iqsar u aktar prevedibbli se jaċċelleraw l-implimentazzjoni ta' teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u titjib ambjentali, li jippermettu tnaqqis aktar bikri tal-emissjonijiet u jikkontribwixxu għall-miri klimatiċi intermedji tal-UE.

Permezz tal-konċentrazzjoni ta' proġetti ġodda fiż-żoni industrijali, il-miżura tippromwovi l-użu effiċjenti tal-enerġija u tar-riżorsi naturali, u tippermetti infrastruttura kondiviża għall-qbid tas-$CO_2$, għall-enerġija rinnovabbli, u għar-riċiklaġġ tal-iskart. Dan l-approċċ jallinja t-tkabbir industrijali mal-prinċipji tal-protezzjoni ambjentali u tal-ekonomija ċirkolari.

### 1.3.4. *Indikaturi tal-prestazzjoni*

*Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.*

L-għadd ta' ċertifikati mogħtija b'tikketta ta' livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju għal prodotti industrijali rilevanti se jkejjel il-progress fil-ħolqien ta' qafas affidabbli u trasparenti li jippermetti lill-produtturi jiddifferenzjaw il-prodotti tagħhom abbażi tal-prestazzjoni tal-karbonju. Dan se juri l-progress tal-UE biex il-prodotti industrijali b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju jsiru viżibbli, verifikabbli u komparabbli fis-suq, u b'hekk jissaħħu l-kompetittività u l-ħolqien tal-valur tagħhom.

Is-sehem tal-UE u tal-produzzjoni b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju fil-konsum tal-UE għall-prodotti rilevanti se jkopri l-proporzjon ta' materjali nodfa u prodotti domestikament fid-domanda ġenerali tal-UE. Dan jindika jekk il-miżuri min-naħa tad-domanda, bħall-akkwist pubbliku, l-inċentivi għall-investiment, u l-kriterji tal-kontenut tal-UE, humiex qed jistimulaw b'mod effettiv l-adozzjoni ta' prodotti b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u magħmula fl-Ewropa. Sehem dejjem akbar se juri l-ħolqien ta' swieq pilota b'saħħithom tal-UE għal oġġetti industrijali ekoloġiċi u se jindika dipendenza mnaqqsa fuq importazzjonijiet b'livell għoli ta' emissjonijiet ta' karbonju.

L-għadd ta' impriżi konġunti f'setturi rilevanti li joħolqu valur miżjud Ewropew, innovazzjoni u reżiljenza industrijali se jkejlu l-livell ta' sħubijiet industrijali ta' kwalità għolja bejn l-atturi tal-UE u dawk mhux tal-UE li jikkontribwixxu għat-trasferiment tat-teknoloġija, għall-innovazzjoni, u għal ktajjen tal-provvista siguri. Dan l-indikatur jirrifletti s-suċċess tal-IAA fl-attrazzjoni ta' investiment barrani sostenibbli u ta' "kwalità għolja" u fil-promozzjoni ta' kollaborazzjoni li ssaħħaħ il-

bażi industrijali tal-UE. Iż-żidiet f'dawn l-impriżi jindikaw ekosistema industrijali aktar reżiljenti u innovattiva li żżomm valur akbar fl-Ewropa.

Iż-żmien medju għall-ħruġ tal-permessi għal proġetti ta' dekarbonizzazzjoni industrijali se jsegwi l-effiċjenza tal-proċeduri amministrattivi madwar l-Istati Membri. Dan ikejjel kemm l-awtoritajiet kompetenti jieħdu żmien biex jipproċessaw u japprovaw l-applikazzjonijiet għal proġetti ta' dekarbonizzazzjoni industrijali, inklużi l-konnessjonijiet mal-grilja u tal-enerġija nadifa. It-tnaqqis fil-medja taż-żminijiet għall-ħruġ tal-permessi se juri li l-miżuri ta' razzjonalizzazzjoni, ta' koordinazzjoni u ta' diġitalizzazzjoni introdotti taħt l-IAA qed jaċċelleraw b'mod effettiv l-investiment u jnaqqsu l-ostakli amministrattivi għall-kumpaniji.

L-għadd ta' FIDs industrijali realizzati fl-industriji rilevanti se jservi bħala indikatur dirett tal-momentum tal-investiment u tal-fiduċja tan-negozju fit-tranżizzjoni industrijali tal-UE. Dan jirrifletti l-punt sa fejn il-kumpaniji qed jimpenjaw il-kapital għal proġetti ta' dekarbonizzazzjoni ġodda jew aġġornati, b'mod partikolari fiż-żoni u fir-raggruppamenti industrijali eżistenti. In-numri dejjem akbar ta' FIDs realizzati se juru li l-qafas stabbilit mill-IAA qed jissarraf fi proġetti tanġibbli, filwaqt li jappoġġa l-ħolqien tax-xogħol, ir-riindustrijalizzazzjoni reġjonali u l-varar aktar mgħaġġel ta' teknoloġiji nodfa madwar l-Ewropa.

## 1.4. Il-proposta/L-inizjattiva hija relatata ma':

☒ azzjoni ġdida

☐ azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja[69]

☐ l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti

☐ fużjoni jew ridirezzjonar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida

## 1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

### *1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

Il-proposta twieġeb għall-ħtieġa urġenti li tiġi aċċellerata d-dekarbonizzazzjoni industrijali u tissaħħaħ il-kompetittività tal-manifattura tal-Ewropa f'kuntest ta' kompetizzjoni teknoloġika globali u ta' ħtiġijiet ta' investiment li qed jiżdiedu. L-inizjattiva għandha l-għan li tneħħi l-ostakli li jnaqqsu r-ritmu tal-investiment fil-produzzjoni industrijali b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u reżiljenti u li tiżgura l-integrità tas-Suq Uniku fit-tranżizzjoni tiegħu lejn in-newtralità klimatika.

### *1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-UE (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, pereż. gwadanji mill-koordinazzjoni, ċertezza legali, aktar effettività jew komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' din it-taqsima, "valur miżjud tal-involviment tal-UE" huwa l-valur li jirriżulta mill-azzjoni tal-UE, li huwa addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.*

Raġunijiet għall-azzjoni fil-livell tal-UE (*ex ante*)

L-isfidi tad-dekarbonizzazzjoni u tar-reżiljenza industrijali jmorru lil hinn mill-fruntieri nazzjonali. Definizzjonijiet diverġenti ta' prodotti b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, miżuri mhux koordinati min-naħa tad-domanda u proċeduri għall-ħruġ tal-permessi inkonsistenti jirriskjaw li jifframmentaw is-Suq Uniku u jdgħajfu l-bażi industrijali tal-Ewropa. Azzjoni koordinata fil-livell tal-UE

[69] Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2), il-punt (a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

biss tista' tiggarantixxi kundizzjonijiet ekwi, tipprevjeni d-devjazzjoni tal-investiment, u tiżgura li l-politiki klimatiċi u industrijali jsaħħu lil xulxin. Ir-Regolament jaġixxi skont l-Artikolu 114 tat-TFUE biex jippreserva l-funzjonament tas-suq uniku u, fejn rilevanti, l-Artikolu 207 tat-TFUE biex jiżgura koerenza fuq miżuri relatati mal-investiment barrani.

Valur miżjud tal-UE li mistenni jiġi ġġenerat (*ex post*)

L-intervent tal-UE se jiġġenera benefiċċji dejjiema permezz ta' ekonomiji ta' skala, kostijiet tat-tranżazzjonijiet aktar baxxi, u ċertezza legali mtejba għall-investituri u għall-awtoritajiet. Dan se jsaħħaħ il-kapaċità tal-Ewropa li timmanifattura prodotti b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, tattira investiment sostenibbli, u tħaffef il-varar tal-proġetti. Kriterji armonizzati, għodod diġitali kondiviżi, u prinċipji konsistenti dwar il-ħruġ tal-permessi se jnaqqsu l-piż amministrattiv filwaqt li jipprovdu kundizzjonijiet tas-suq uniformi madwar l-Istati Membri.

*1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

L-esperjenza mill-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti (NZIA, Net-Zero Industry Act), mill-Att dwar il-Materja Prima Kritika (CRMA, Critical Raw Materials Act) u mir-Regolament dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli (ESPR, Ecodesign for Sustainable Products Regulation) turi li strumenti mmirati tas-Suq Uniku li jikkombinaw definizzjonijiet komuni, inċentivi min-naħa tad-domanda u simplifikazzjoni amministrattiva jwasslu għal aċċellerazzjoni tal-investiment li tista' titkejjel. Dawn il-preċedenti juru l-effettività ta' oqfsa regolatorji ċari u ta' koordinazzjoni strutturata bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri. L-IAA japplika dawn it-tagħlimiet speċifikament għall-industriji intensivi fl-enerġija u għall-manifattura tat-teknoloġiji tal-enerġija nadifa, u għall-komponenti tal-vetturi li jiżguraw il-koerenza mal-istrumenti eżistenti u jevitaw it-trikkib regolatorju.

*1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

Il-proposta hija konsistenti bis-sħiħ mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 u se tiġi implimentata permezz ta' programmi eżistenti tal-Unjoni. Huma previsti sinerġiji mal-Fond għall-Innovazzjoni, ma' InvestEU, ma' Orizzont Ewropa, mal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa għall-Enerġija, mal-fondi tal-Politika ta' Koeżjoni, u mal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku. L-inizjattiva tikkomplementa l-Patt għal Industrija Nadifa, is-CRMA, u l-Fond Ewropew għall-Kompetittività, mingħajr ma toħloq pakketti ta' nfiq jew obbligi finanzjarji ġodda lil hinn mir-riżorsi eżistenti.

*1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni*

Il-finanzjament kollu se jiġi żgurat permezz ta' riallokazzjonijiet mill-programmi. Mingħajr preġudizzju għall-eżitu tan-negozjati dwar il-QFP li jmiss, l-approprjazzjonijiet previsti mill-2028 'il quddiem huma strettament indikattivi.

### 1.6. Durata tal-proposta/tal-inizjattiva u tal-impatt finanzjarju tagħha

☐ **durata limitata**

– ☐ fis-seħħ minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS

– ☐ impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u minn SSSS sa SSSS għall-approprjazzjonijiet ta' pagament.

☒ **durata mhux limitata**

– Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija minn SSSS sa SSSS,

– segwita minn operazzjoni fuq skala sħiħa.

Ir-Regolament se jidħol fis-seħħ fl-2027 u jibqa' applikabbli wara l-2030, b'rieżami kull 5 snin biex jiġu vvalutati l-progress u l-allinjament mal-objettivi tal-Unjoni dwar il-klima u s-sigurtà ekonomika.

### 1.7. Metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i)

☒ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

– ☒ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

– ☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni indiretta** billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit:

– ☐ lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom

– ☐ lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (għandhom jiġu speċifikati)

– ☐ lill-Bank Ewropew tal-Investiment u lill-Fond Ewropew tal-Investiment

– ☐ lill-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju

– ☐ lill-korpi tad-dritt pubbliku

– ☐ lill-korpi rregolati mid-dritt privat b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn ikollhom garanziji finanzjarji adegwati

– ☐ lill-korpi rregolati mid-dritt privat ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jkollhom garanziji finanzjarji adegwati

– ☐ lill-korpi jew lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u identifikati fl-att bażiku rilevanti

– ☐·lill-korpi stabbiliti fi Stat Membru, irregolati mid-dritt privat ta' Stat Membru jew mid-dritt tal-Unjoni u eliġibbli biex jiġu fdati, f'konformità mar-regoli speċifiċi għas-settur, bl-implimentazzjoni ta' fondi tal-Unjoni jew ta' garanziji baġitarji, sa fejn tali korpi jkunu kkontrollati minn korpi tad-dritt pubbliku jew minn korpi rregolati mid-dritt privat b'missjoni ta' servizz pubbliku, u jkunu pprovduti b'garanziji finanzjarji adegwati fil-forma ta' responsabbiltà in solidum mill-korpi kontrollanti jew b'garanziji finanzjarji ekwivalenti, li jistgħu, għal kull azzjoni, ikunu limitati għall-ammont massimu tal-appoġġ tal-Unjoni.

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

### 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

Din id-Dikjarazzjoni tinkludi n-nefqiet tal-persunal. Japplikaw regoli standard għal dan it-tip ta' nefqa. Il-Kummissjoni se tevalwa l-output, ir-riżultati u l-impatt ta' din il-proposta kull 3 snin wara d-data li fiha ssir applikabbli. L-evalwazzjoni se tivvaluta l-kontribut ta' dan ir-Regolament għall-funzjonament tas-suq uniku, inklużi l-objettivi speċifikati fl-Artikolu 1, b'mod partikolari dwar ir-reżiljenza, is-sigurtà ekonomika, u d-dekarbonizzazzjoni tal-produzzjoni industrijali.

### 2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

*2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta*

Il-modalità ta' ġestjoni għall-inizjattiva hija l-ġestjoni diretta mill-Kummissjoni. Dan huwa l-aktar approċċ xieraq minħabba l-ambitu limitat tan-nefqa tal-Unjoni, li hija limitata għall-kostijiet amministrattivi standard u dawk relatati mal-monitoraġġ. L-użu ta' proċeduri interni stabbiliti jiżgura kontrolli effettivi u effiċjenti, rati baxxi ta' erruri, ipproċessar rapidu tat-tranżazzjonijiet u kostijiet minimi ta' kontroll.

*2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom*

B'mod ġenerali, l-inizjattiva teħtieġ nefqa tal-persunal. Japplikaw regoli standard għal dan it-tip ta' nefqa.

Il-biċċa l-kbira tal-aspetti tal-inizjattiva jsegwu proċeduri stabbiliti għall-involviment mal-partijiet ikkonċernati permezz, pereżempju, tal-Forum Industrijali u l-implimentazzjoni tal-obbligi ta' monitoraġġ. Ir-riskju operazzjonali ewlieni huwa l-kapaċità amministrattiva insuffiċjenti biex jiġu implimentati l-pjanijiet ta' ħidma u l-attivitajiet ta' monitoraġġ previsti fir-Regolament.

Din il-proposta hija akkumpanjata minn rapport ta' valutazzjoni tal-impatt, li jipprovdi l-analitika li tirfed l-approċċ ta' politika magħżul. It-tħejjija tal-inizjattiva kienet ibbażata wkoll fuq konsultazzjoni pubblika kif ukoll fuq konsultazzjonijiet immirati mal-partijiet ikkonċernati tal-industrija, mal-Istati Membri u mal-assoċjazzjonijiet tal-kummerċ, li żguraw il-ġbir ta' data, ta' informazzjoni u ta' feedback rilevanti. Madankollu, xorta jistgħu jseħħu konsegwenzi mhux intenzjonati jew impatti mhux previsti matul l-implimentazzjoni. Dawn se jiġu identifikati permezz tal-proċeduri ta' monitoraġġ stabbiliti fir-Regolament, li jippermettu lill-Kummissjoni tindirizzahom b'mod xieraq u f'waqtu.

